L-Għid ta' l-Assunta

Numru 26 (1991)

HARĠA SPEĊJALI

(Xogħol ta' M. Busuttil 1791 - 1991)

KWADRU TITULARI TAL-KATIDRAL T'GĦAWDEX

www.gozocathedral.org.mt

Ħarġa Speċjali biex tfakkar egħluq il-200 sena minn meta Mikiel Busuttil pinġa x-Xbieħa ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru Titulari fil-Katidral t'Għawdex. Ara Pittura tal-Faċċata.

IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

Fil-Katidral t'Għawdex fis-26 ta' Mejju 1991

Xi jfisser evanġelizzazzjoni? F'Għawdex ix-xogħol m'hux tant li twassal l-Evanġelu lil poplu li qatt ma sema' bih daqskemm li tgħix Evanġelu b'mod aktar sħiħ u perfett, sabiex id-dgħajfa, dawk li telqu u x-xettiċi ma jitbiegħdux minn Kristu iżda jħaddnu lilu u lir-rigal tas-salvazzjoni tiegħu.

www.gozocathedral.org.mt

Messaġġ ta' l-Arċipriet għall-Jiem tal-Festa tas-Sena 1991

Mons. Carmelo Scicluna

Din is-sena l-festa ta' l-Assunta għandha tifsira speċjali l-għaliex tfakkarna f'egħluq il-mitejn sena minn meta Mikiel Busuttil pinġa x-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari tal-Knisja Katidrali. Iżda, għalkemm għaddew 200 sena minn din il-ġrajja, l-Assunta minn dan il-kwadru tix-tieq twasslilna għall-jiem tal-festa ta' din is-sena messaġġ attwali li jgħodd għalina li qegħdin ngħixu f'din il-epoka kompjuterizzata. Fil-fatt l-Assunta b'ħerqa mhux kommuni theġġiġna biex fil-jiem tal-festa fiha nsibu:

*** Shape-up Centre:** Ċentru li fih aħna nistgħu nieħdu l-isbaħ sura spiritwali meta din il-Verġni Marija tissejjaħ il-mimlija bil-grazzji. Fil-jiem tal-festa aktar minn ġranet oħra għandna niffrekwentaw dan iċ-ċentru għax il-festa tiġi mhux biex nitbelhu, imma biex nitqaddsu dejjem aktar.

*** Fitness-Centre:** Ċentru li joffrilna l-aħjar taħriġ li jagħti saħħa dejjem ġdida lil ruħna. Ħadd aqwa mill-Madonna fost il-qaddisin ma jista' jidħol għalina quddiem Alla għax hija l-Omm ta' Min ħalaqna. U jekk din il-ħidma l-Assunta dejjem twettaqha magħna, wisq aktar twettaqha magħna fil-jiem tal-festa: il-Madonna żgur li tgħinna biex f'dawn il-ġranet nagħmlu qrara u tqarbina aħjar mis-soltu.

*** Beautician-Centre:** Ċentru li fih ruħna tikseb il-mezzi meħtieġa biex tidher dejjem isbaħ quddiem Alla. Il-jiem tal-festa għandhom ikunu għalina jiem qawwija li jħajruna aktar biex nimitaw lill-Padruna tagħna, Santa Marija, fil-virtujiet ħalli ruħna tiddi bi ġmiel dejjem isbaħ quddiem Alla.

*** Careers' Centre:** Ċentru li joffrilna bosta karrieri mhux biex nistagħnew bil-ġid tad-dinja, bil-ġid li s-'susa' tieklu u ttemmu, imma bil-ġid li l-ebda sadid ma jista' jispiċċah. L-Assunta tħajjarna biex fil-jiem tal-festa noffru aktar mis-soltu l-kontribut tagħna fl-attivitajiet kollha pastorali, filantropiċi, kulturali u rikreattivi li jinżammu.

Il-jiem tal-festa jiġu u jmorru. Imma jeħtieġ li aħna ngħixu dejjem fil-klima tagħhom fis-sens li aħna ma nistgħux inkunu tabilħaqq veri wlied ta' l-Assunta jekk mill-ħajja tagħna ma noħolqux madwarna art fertili għall-ferħ nisrani li ġabilna miegħu Kristu Rxoxt, il-mexxej tagħna.

Arcip. Olo Scicluna

www.gozocathedral.org.mt

TASIKA AUTO LTD



GOZO AGENT FOR:

MERCEDES **RENAULT**

OPEL **SUBARU**

ELMO INSURANCE

Fortunato Mizzi Street, Victoria - Gozo. Tel: 553288

www.gozocathedral.org.mt

MICHELE BUSUTTIL (1762 - 1831)

ŻMIENU U L-PATRIMONJU ARTISTIKU LI ĦALLIELNA

Minn Ġużé Attard Tabone

L-istorja ta' l-arti f'Għawdex għadha kemm bdiet tinkiteb. Kull min tħajjar jikteb xi ħaġa fuq dan is-suġġett sabha bi tqila ji jiġbor tagħrif biżżejjed minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni speċjalment meta naqbżu nofs is-seklu dsatax. Din l-esperjenza għaddejt minnha jiena stess meta bdejt ninteressa ruħi fil-familja ta' l-artisti Busuttil u meta skoprejt li fi żmieni stess ħafna materjal fuq din il-familja li seta' jservi substansjalment għal l-istorja ta' l-arti sew ta' Għawdex u kemm ta' Malta, ġie sparpaljat u parti minnu mitluf jew meqrud. F'dan l-istudju se nkompli fuq dak li diġa nkiteb fuq il-perċimes ta' din il-familja ta' artisti, jiġifieri Michele Busuttil, b'xi korrezzjoni żgħira u fl-istess ħin nipprova nimla' xi ftit tal-vojt.

FAMILJA BUSUTTIL

Nibda biex ngħid li għalkemm ħafna drabi Michele Busuttil jiġi msejjaħ Għawdxi, sal-lum konna għandna ma nafux sewwa meta u fejn twieled, iżda wara tiftixa intensiva u twila f'ħafna arkivji pubbliċi u eskklesjastiċi f'Malta u Għawdex flaħħar instab li Michele Busuttil twieled iż-Żejtun fl-14 ta' Ġunju 1762. L-għada ġie mgħammed minn Dun Ġużepp Saliba fil-Knisja Parrokjali ta' l-istess raħal u tawh l-ismijiet ta' Joseph, Michele Archangelus u Bartholomeus. Il-parrini kienu Joannes Mannicaro u Catarina Busuttil mart Silvestro (1). Missieru kien jismu

Bust tal-ġibs ta' Michele Busuttil li ġie magħmul fi żmienu (Kollezzjoni Privata)

Klement u ommu Roża Magro, t-tnejn miż-Żejtun (2). Klement kien bin Ġanni u Marija mir-Raħal t'Isfel iż-Żejtun u żżewweġ lil Roża fil-Knisja Parrokjali ta'

www.gozocathedral.org.mt

l-istess raħal fid-9 ta' Jannar 1753 (3). L-isem Klement daħal fil-familja Busuttil permezz taż-żwieġ bejn Ġiovanni Busuttil u Marija Cassar bint Klement li sar fit-12 ta' Ottubru 1727 fil-Knisja parrokjali taż-Żejtun u baqa' jintiret fil-familja Busuttil u f'dawk li tħalltu magħha u sal-lum ir-Rabat Għawdex għad baqa' l-familja msejħa ta' Kelmentu li ġejjin mill-istess razza. Dan l-isem insibuh ta' spiss iż-Żejtun għaliex fl-inħawi ta' dan ir-raħal hemm kappella antika ddedikata lil dan il-qaddis. Mir-riċerki li saru fl-arkivji parrokjali tal-Belt u taż-Żejtun, jidher li wara t-twelid ta' Michele, missieru mar joqgħod f'parroċċa oħra għaliex l-ebda wieħed mit-tliet itfal li ġew wara Michele ma twieldu f'xi waħda minn dawn il-parroċċi li semmejna.

Mingħajr ma noqgħodu nispekulaw il-lum nafu ċerti li Michele trabba l-Belt Valletta fil-parroċċa ta' San Pawl ma' ħutu Ġanni, Ġużeppi, Pawlu u Marija Anna. Ġanni kien l-kbir li baqa' ma żżewwiġx ta' ħajtu. Michele kien it-tielet wieħed u warajh kien jiġi Pawlu li laħaq qassis u sar kanonku ta' San Pawl tal-Belt. Kif ġew l-Ingliżi fl-1800, dan dabbar post mal-gvern u fl-1815 sar il-kappillan ta' l-isptar tat-trabi orfni. (5) Iż-żgħira kienet Marija Anna li kienet tmintax il-sena iżgħar minn ħuha l-kbir.

Klement, missierhom milli jidher ma kienx ħafi, għaliex kellu flus biżżejjed biex jixtri qabar fil-knisja ta' San Pawl Nawfraġju tal-Belt (6) u wara l-mewt ta' ibnu Salvatore ta' għaxar snin kien waħħal fil-paviment tal-korsija quddiem il-Kappella ta' San Krispinu u San Krispinjanu skrizzjoni mnaqqxa f'lapida ta' l-irħam (7). Fl-1813 ibnu, il-Kanonku Dun Pawl ukoll xtara qabar ieħor fil-knisja ta' San Publju il-Furjana u fl-istess żmien għattieħ bl-apida ta' l-irħam. (8) Minn dak li għedna, wieħed jista' jimmaġina li Klement seta' jagħti edukazzjoni tajba lill uliedu u milli jidher minħabba li Michele wera minn ċkunitu tendenza għat-tpinġija,



Bil-Kortesija ta' l-Arċipriet taż-Żejtun

Estratt minn Reġistru tal-Magħmudija mill-Arkivju tal-parroċċa taż-Żejtun li juri il-magħmudija ta' Mikiel Busuttil li saret fil-15 ta' Ġunju 1762

u wara li miet missieru mar joqgħod il-Furjana fejn miet fis-27 ta' Ottubru 1832. Ġużeppi kien it-tieni wieħed minn ħutu. Dan kien miżżewweġ u joqgħod il-Belt. Fis-16 ta' Jannar 1794 Michele għamilha ta' parrinu fil-magħmudija tat-tarbija ta' ħuh Giuseppe fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt li ġiet mogħtija l-ismijiet ta' Michele, Frangesco, Angelo u Clemente (4). Dun Salv kien wieħed minn ulied Giużeppe li għen ħafna lill zijuh Michele fl-aħħar xhur meta tfarfar sewwa u l-ġibda għall-arti aktar bdiet tidher fih, tpoġġa taħt idejn il-pittur Rokku Buhagiar (c. 1725-1805) (9) li dak iż-żmien kien l-aħjar pittur Malti (10). Ma Michele, kien hemm aljiev ieħor jistudja l-arti taħt Buhagiar. Dan kien Giuseppe Grech (1755-1787). (11)

ĠEWWA RUMA

Minħabba l-fatt li sew Ġiuseppe Grech kemm ukoll Michele Busuttil kienu qed

www.gozocathedral.org.mt

jippromettu sewwa fl-arti tal-pittura taħt Buhagiar, ntbagħtu jkomplu l-istudji ġo Ruma, fl-Accademia di San Luca, li kienet waħda mill-aħjar skejjel fl-Ewropa għad-disinn, il-pittura u l-iskultura. Dan kien għal ħabta ta' l-1780 meta Giuzeppe kellu tlieta u għoxrin sena u Michele kien għadu mank għandu tmintax il-sena. Grech kien bniedem li l-arti kienet twieldet fih u bejn l-1780 u l-1782 kien kapaċi jirbaħ erba' premijiet u jiġi l-ewwel fil-klassi. Fil-konkors ta' Settembru 1782, Grech u Busuttil kienu fl-istess klassi taħt l-iskultur Tomaso Rigi u fil-konkors ta' dik is-sena ġew l-ewwel u t-tieni respettivament. Fil-konkors li kien sar f'Settembru ta' l-1783, Busuttil rebaħ it-tieni premju għat-tpinġija li għamel bil-lapis u l-ġibs li turi l-istatwa nuda ta' Antinoo. Din l-istatwa tinsab fil-Museo Capitolino (12). Iż-żewġ tpinġijiet li bihom ħa l-premijiet Busuttil għadhom jeżistu fl-Arkivio Storico ta' l-Accademia di San Luca (13). Giuseppe Grech miet meta kien għadu Ruma fl-1787 ta' 32 sena. F'din is-sena Michele Busuttil aktarx li kien diġà irritorna Malta u jgħix mal-familja tiegħu il-Belt. (14). Ma nafux kemm dam Ruma. Li nafu żgur huwa li bejn l-1782 u l-1783 kien hemm, għax rebaħ iż-żewġ premijiet li semmejna. Id-dokumenti eżistenti għal dan il-perjodu fl-Accademia di San Luca juru biss dawk l-istudenti li rebħu il-premijiet fil-konkorsi ta' l-Accademia.


Prima Classa il Primo ...
... Grech Maltese il Secondo ...
Michele Busutil Maltese ...
... Classa il Primo Luigi ...
... Genouese il Secondo ...

Photo J. Attard Tabone

Ir-Reġistru ta' l-istudenti rebbieħa ta' l-Accademia di San Luca fejn jidhru l-ismijiet ta' Giuseppe Grech u Michele Busuttil meta dawn ġew l-ewwel u t-tieni fil-konkors ta' l-1782. (Bil-kortesija tad-Direttriċi tal-Accademia di San Luca)

Photo by J. Attard Tabone

It-tpinġija li biha Michele Busuttil ħa t-tieni premju fil-konkors ta' l-1782 fl-Accademia di San Luca (Bil-Kortesija tad-direttriċi ta' l-Accademia di San Luca)

Busuttil telaq minn Malta bit-tagħlim tradizzjonali Malti ta' l-iskola tal-barokk. F'Ruma l-folja kienet ilha li inqalbet u meta wasal fl-Accademia di San Luca in-neo-klassiku kien qed jirrenja ġmielu. It-tagħlim li ħa f'Ruma kien kollu ibbażat fuq l-idjoma Neo-Klassika. Għalkemm f'Malta kienu dehru tendenzi żgħar għal dan l-istil, l-artisti fil-gżira baqgħu staġnati fil-barokk u wisq propabli li Busuttil sabha ħafna bi tqila li jkun l-ewwel wieħed li jmur kontra l-istil tradizzjonali u jeħodha ma artisti stabiliti meta ried jistabilixxi ruħu u jaqla' l-għejxien mill-mistier tiegħu. Malta kienet għadha ggvernata mill-Kavalieri ta' San Ġwann taħt il-Gran Mastru Emmanuel de Rohan li aktarx kien li għen finanzjarjament lill-Busuttil biex jitla' jistudja Ruma. Rocco Buhagiar u Antoine de Favray kienu t-tnejn midħla sewwa ta' l-Ordni bħala artisti u minħabba li issa kienu mgħobbijin bis-snin,

www.gozocathedral.org.mt

l-attivita artistika taghhom propabilment kienet bdiet tonqos u wisq propabli kienu huma li ħajru lil Grech u Busuttil biex ikomplu l-istudju ġo Ruma u taw palata biex il-Gran Mastru de Rohan ħareġ sussidju għal dawn l-istudenti. Pitturi oħrajn li kull tant kienu jċekċku xi ħaġa żgħira lill-Ordni kienu Lorenzo Grima, Antonio Grech, Antonio Scerri (15) u Antonio Xuereb. (16) Għalhekk biex jistabilixxi ruħu bħala artista, Michele Busuttil fetaħ skola privata għat-tagħlim tad-disinn. Mix-xogħolijiet kbar li ħallielna, wieħed jista' jinnota li l-influenza fin-neo klassiku li bil-fors kien ġab miegħu minn Ruma, ftit għamlet effett fuq l-istil artistiku li adotta f'Malta, għalkemm il-Kwadru tal-Magħmudija ta' San Publju fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun kien suġġett lokali għal Busuttil u pjuttost kompożizzjoni oriġinali fejn l-artist inplimenta stil imxaqqleb għal Neo-Klassiku. Xi disinni li rajna bil-firma ta' Michele Busuttil huma xogħol wkoll fuq dan l-istil. Milli jidher, din l-iskola li Busuttil fetaħ fil-Belt Valletta kienet immexxija tajjeb u minħabba li aktarx kienet l-unika skola ta' din ix-xorta, familji li riedu lil xi wieħed minn uliedhom jipprometti fl-arti tal-pittura, kienu jibagħtuh għand Busuttil. Tnejn minn dawn l-aljevi li 'l-quddiem għamlu isem huma Massimo Gauci (1776-1854) u Giorgio Pullicino (1779-1851).

KWADRU TA' L-ASSUNTA FIL-KATIDRAL

Wieħed mill-ewwel xogħlijiet, jekk mhux l-aħjar ukoll, li ħallilna Busuttil huwa t-Titulati fil-Katidral ta' Għawdex li jirrappreżenta lill-Assunta. Dan ix-xogħol sar fl-1791 u juri lill-Madonna merfugħa minn erba' anġli u mdawra bl-appostli (17). Milli jidher dan ix-xogħol ingħoġob u l-Arċipriet tal-Matriċi t'Għawdex Dun Franċesco Saverio Cassar (1746-1805) ma damx ma tah żewġ biċċiet xogħol oħra kbar, jiġifieri ż-żewġ kwadri fil-ġnub tal-kor. Dawn saru fl-1793 u jirrappreżentaw 'It-Twelid tal-



L-Arċipriet Francesco Saverio Cassar (1746-1805) tal-Matriċi t'Għawdex.

Madonna' u 'Il-Kunċizzjoni'.
Sew it-titular u kemm iż-żewġ kwadri laterali ġew imħallsa mill-Kanonku Dun Beneditt Stellini (c.1728-1800). L-arma tal-familja tidher fil-parti t'isfel ta' kull wieħed minn dawn il-Kwadri. Għall-bidu ta' dan is-seklu, kien sar attentat biex dawn iż-żewġ kwadri laterali jiġu restawrati. Għal kuntrarju, aktar saritilhom ħsara minħabba nuqqas ta' ħila fissengħa tar-restawr u illum qajla tista' tagħraf x'uħud mill-figuri li jirrappreżentaw. Kwadru ieħor fil-Kattidral t'Għawdex maħdum minn Busuttil huwa 'Il-Ħarba għal l-Eġittu' li jinsab fit-tieni artal fin-nava tax-xellug. Dan huwa l-kopja ta' kwadru tajjeb ħafna li kien jinsab fil-knisja ta' San Duminku, il-Belt, u li ġie mibjugħ għal bidu tas-seklu 19 lill-wieħed Ingliż, negozjant ta' l-arti għall-1000 skud. (18) Dak iż-żmien dan ix-xogħol kien meqjus li kien ta'

www.gozocathedral.org.mt

Domenico Zampieri (1581-1642) misjub bħala 'Domenichino' iżda wara ġie attribwit lill-Alessandro Turchi (1581-c.1648) magħruf bħala 'Orbetto'. Illum dan il-kwadru jinsab f'wieħed mill-mużewijiet ta' Londra (19). Skond Dun Ġammari Farrugia qassis mill-Birgu, din il-kopja saret fuq oħra li tinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Birgu u li Busuttil kien ikkopja meta kien qed jagħmel ix-xogħol tal-pittura fil-kappella tas-Sagrament ta' din il-Knisja.

Fl-opinjoni tiegħi, jekk kemm il-darba ma tinsabx prova oħra, il-kopja li llum tinsab fil-Katidral t'Għawdex ma kenitx maħsuba għal hemm. Jekk Busuttil f'dan il-kas ma kienx għamel żewġ kopji, allura dan il-kwadru kien għadu fid-dar tiegħu sa wara mewtu li ġrat fl-1831. Fit-22 ta' Ottubru 1831 il-pittur Pietru Pawl Caruana għamel stima ta' 'quadro rappresentante la Fuga in Egitto in olio della grandezza al vero presso Domenichino fatta del meritevole Sig. Michele Busuttil', u pprezzah għal 400 skud. (20). Ħjiel li jista' jwassalna għal ċerta konklużjoni jinsab fil-parti t'isfel fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru. Hemm naraw arma tal-familja Busuttil li tikkonsisti f'barri b'tajra fuq ir-riħ ta' dahru. Taħtha tidher din l-iskrizzjoni bil-latin 'Ex Devotion Dme. Aloysii.' Minn dak li għedna jien nasal għal konklużjoni li dan il-kwadru mess bħala wirt lill-Luigi wara l-mewt ta' missieru Michele Busuttil u dan eventwalment taħ lill din il-Knisja u tqiegħed fl-artal tal-Kurċifiss. Fil-fatt, wara l-Kwadru għadha teżisti n-niċċa li fiha kien espost dan il-Kurċifiss antik ta' l-injam li llum jinsab f'post ieħor tal-kattidral (21). Għalhekk wieħed jista' jikkonkludi b'ċerta kunfidenza li l-iskrizzjoni taħt l-arma tal-familja Busuttil u jista' jkun ukoll l-arma infisha huma xogħol ta' Luigi qabel għadda dan il-kwadru lil!-Knisja prinċipali t'Għawdex fejn missieru kellu l-akbar xogħolijiet li kien għamel matul il-karriera artistika tiegħu. B'hekk l-Kattidral ta' Għawdex għandu l-akbar numru ta' xogħlijiet ta' Michele Busuttil li jeżiżtu f'dawn il-Gżejjer.

PITTURA FI KNEJJES OĦRA

Photo J. Attard Tabone

L-Assunzjoni ta' Michele Busuttil fil-Kappella ta' Santa Marija ta' Duna, Lija.

Photo J. Attard Tabone

Il-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja Arċipretali tal-Għarb ta' Michele Busuttil

www.gozocathedral.org.mt

Santu Rokku Photo by J. Attard Tabone

San Bastjan Photo by J. Attard Tabone

fil-Knisja ta' San Lawrenz il-Birgu.

Photo J. Attard Tabone

Dettal mill-Kwadru sabiħ li jirrappresenta l-Aħħar Ċena li jinsab fil-Kappella tas-Sagrament tal-Knisja Arċipretali tal-Birgu fejn Busuttil qiegħed juri tendenzi fl-istil u fil-kuluri ta' Favray.

www.gozocathedral.org.mt

Wara s-suċċess tat-tlett kwadri kbar li Busuttil kien pitter fil-knisja prinċipali t'Għawdex, ix-xogħol fil-knejjes u xogħol ieħor ta' natura sagra kif ukoll profana żdiedu. Hekk insibu lin-nobbli Eliżabetta Dorell tqabbad lill-Busuttil ipitter il-kwadri fil-kappella tas-Sagrament fil-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu li jirrappreżentaw 'L-Aħħar Ċena', 'Santu Rokku' u 'San Bastjan'. Fil-knisja msejħa ta' Duna, f'Ħal Lija, Busuttil pitter il-kwadru ta' 'L-Assunta' (22), u fil-knisja parrokkjali ta' l-Għarb, għandu l-Madonna taċ-Ċintura'. (23) Għal-ħabta ta' l-1805, Busuttil beda jpitter l-erbatax il-kwadrett tal-Via Sagra taż-Żebbuġ t'Għawdex li qamet 225 skud u li għadha tidher f'din il-knisja parrokkjali. (24) Fil-Knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, Busuttil għandu il-kwadrett tal-XI lis-stazzjon tal-Via Sagra. (25) Fil-Knisja parrokkjali taż-Żejtun pitter 'Il-Magħmudija ta' San Publju', il-San Mikiel Arkanġlu li hija kopja ta' Guido Reni li tinsab fil-knisja tal-Kappuċini ġewwa Ruma (26), u kellu wkoll id-dekorazzjoni taż-żewġ iġnub ta' l-arzella tan-naħa tal-punent li sfortunatamen tneħħiet għal ħabta ta' l-1946 biex flokha saret oħra xejn sodisfaċenti (27). Kittieb kontemporanju barrani, F.A. De Christophoro D'Avolos jikkummenta kif ġej dwar Michele Busuttil: *"Parmi les peintres se distinguent aujourd'hui MM. Busuttil, les deux freres Pace et Naici......le premier a un grand merite pour les tableaux historiques ou allegoriques, dans lesquels il montre un coloris naturel, un dessin correct, une grande connaissance du suget, et de la vigueur dans la conception"*. (28)

Photo J. Attard Tabone

"Il-Magħmudija ta' San Publju" fil-Knisja Parrokjali taż-Żejtun li ġiet maħduma fuq stil neo-klassiku.

IŻ-ŻWIEĠ TA' MICHELE

Waħda mill-konnessjonijiet importanti u dokumentata ta' Michele Busuttil ma' Għawdex wara li kien ħadem fil-matriċi, kienet iż-żwieġ tiegħu ma' Marija Antonia Buhagiar (1773-1838) mir-Rabat t'Għawdex li seħħ fis-19 ta' Ottubru, 1794. Hawn wieħed jista' jissuspetta li x-xogħol fil-matriċi kien il-bidu biex Mikiel kellu jsib tfajla Għawdxija u jeħodha bħala martu. Dak inhar Mikiel kellu madwar 32 sena u Marija Antonia 22 sena. Hija kienet it-tifla ta' Pawlu Buhagiar u Pascha Mizzi. Żewwiġhom l-Arċipriet Francesco Saverio Cassar taħt it-tlett kwadri kbar fil-kor tal-matriċi li bil-kemm ma kienux għadhom friski miż-żebgħa ta' Michele Busuttil. Ix-xhieda kienu Mikielang Borġ u Giuseppe Busuttil, aktarx ħu Michele. (29)

Dak iż-żmien sħab ikrah kien qed ilum fuq l-Ewropa. Franza kienet għadejja minn renju ta' terrur. Ir-revoluzzzjoni f'dan il-pajjiż aktar kompliet tiħrax sakemm l-armata Franċiża ġiet fdata taħt il-kmand ta' Napuljun Bonaparti u dan bl-aktar mod deċiżiv beda jaħtaf il-pajjiżi ġiren ta' Franza sakemm irħiela biex jaħtaf l-Eġittu. Fi triqtu għal Lvant, napuljun ħa

taħt idejh l-Gżejjer Maltin fit-12 ta' Ġunju 1798. Wara ftit xhur ta ħakma Franċiża l-Maltin u l-Għawdxin qamu kontra l-ħakkiema ġodda. Il-kap ta' l-Għawdxin kien l-Arċipriet Francesco Saverio sar fil-waqt li l-Kanonku Francesco Saverio Caruana kien l-iktar wieħed li għamel isem mill-kapijiet Maltin. Fit-28 ta' Ottubru, 1798, il-gwarniġjun Franċiż li issa kien magħluq fil-Gran Kastell ċieda u fil-5 ta' Settembru, 1800, bil-għajnuna ta' l-Ingliżi, il-Franċiżi li għal ħafna xhur kienu ilhom assedjati ġol Belt, ċedew ukoll.



Ritratt tal-Kanonku Francesco Saverio Caruana (1759-1847) meta kien rettur ta' l-Universita (Kollezzjoni Privata)

Għalhekk il-Gżejjer Maltin għaddew taħt il-protezzjoni tal-Kuruna Ingliża.

Mingħajr dubbju, wara li żżewweġ, Michele u martu Marija Antonia marru joqgħodu l-Belt fl-istess triq fejn trabba u fejn kien għadu joqgħod missieru ħdejn is-Sagra Infermerija u fuq ir-riħ tad-daħlatal-port. Għalhekk insibu li fl-1810 Michele kien joqgħod f'Nru. 23, Quartiere 34 di Don Natale Grima (30). Wara ftit snin, din it-triq bdiet tissejjaħ Strada Irlandese (31). Missieru kien joqgħod Nru. 20 fl-istess triq mat-tifel il-kbir Giovanni u bintu Marija Anna li baqgħu jieħdu ħsieb missierhom. Iż-żewġ bibien ta' bejniethom Nri. 21 u 22 ma kienux abitati għal bosta snin u wisq propabli li hawnhekk kien iservi ta' studio għal Michele. Missieru kien ilu joqgħod f'dan il-lokal mill-1774 meta Michele kellu tnax-il sena u oħtu ż-żgħira kellha sena biss. Klemente kien mar joqgħod hemm minflok il-magħruf studjuz l-avukat Dun Ingnazio Saverju Mifsud. Dan il-kittieb kien ilu joqgħod għal bosta snin ma' qrabatu f'din id-dar, u wara li miet fis-27 ta' Ġunju 1773 ta' 52 sena, Clemente daħal floku (32). Minn din il-parti tal-Belt Michele bħala tifel seta jara il-ħajja attiva tal-port u dik ta' l-isptar ta' l-Ordni.

Fit-2 ta' Ġunju 1796 il-Bambin bagħat l-ewwel tarbija lil Michele u Marija Antonia. Kien tifel u semmewh Salvatore, iżda bdew jagħtulu Lazzru, is-seba' isem li ingħata fil-magħmudija. Din kienet ħaġa komuni dak iż-żmien. Fid-29 ta' Jannar 1798 tweldilhom tifel ieħor u semmewh Salvatore. Sentejn wara kellhom lill-Luigi mbagħad wara ħames snin kellhom l-ewwel u l-unika tifla li tgħawwha l-isem ta' Vinċenza. L-aħħar tarbija tal-familja kien tifel li semmewh Klement għal nannuh. Għal ħafna snin il-familja kollha kienet toqgħod il-Belt fil-parroċċa ta' San Pawl, iżda f'xi żmien wara l-mewt ta' missieru, Mikiel mar joqgħod fid-dar Nru. 1 Strada San Michele, fil-parroċċa ta' San Duminku (33) u milli jidher żamm id-dar li kellu fi Strada Irlandese (illum Triq il-Meditteran) bħala studio.

www.gozocathedral.org.mt


Inter Mariam Buhagiar et Michaelem Busuttil

Anno Dni 1794 Die xix mensis Octobris, Denunciationibus premissis tribus, quarum prima fuit Die xxix mensis Septembris 2da fuit die v. Octobris et 3a fuit Die xij ejusdem mensis tam ex parte sponsae, quam sponsi ut constitit mihi ex attestatione Dni Can. Curati Ven. Paroch. et Colleg. Ecclie Divi Pauli Apostoli Civitatis Vallettae Insulae Melitae Don Petri Pauli Meylac sub cujus cura sponsus degit, nulloque legitimo impedimento detecto Rmus Dnus Don Xaverius Cassar Archipr. interrogavit Mariam Buhagiar filiam virg. legitimam et naturalem Pauli Buhagiar et Paschae Mizzi jug. sponsam ex una, et Michaelem Busuttil filium legitimum et naturalem Clementis Busuttil et Rosae Mizzi jug. sponsum parochiae ex altera, et habito eorum mutuo consensu solo per verba de praesenti in matrimonium conjunxit. Praesentibus Adm. Rdis Don Michaele Angelo Borg, et Don Josepho Busuttil testibus, et a supradicto Rmo Dno Archipr. receperunt benedict.

L-Att taż-Żwieġ ta' Michele Busuttil u Maria Buhagiar fir-Reġistru taż-Żwieġ fil-Katidral ta' Għawdex bid-data 19 ta' Ottubru 1794.

ERA INGLIŻA

Fit-28 ta' Ottubru 1800 ftit ġimgħat wara t-tkeċċija tal-Franċiżi, il-Kaptan Alexander Ball li nħatar biex jiggverna lill-Malta, reġa' fetaħ mill-ġdid l-Universita li kienet ġiet magħluqa mill-Franċiżi u ħatar lill-kanonku Francesco Saverio Caruana bħala r-rettur il-ġdid. Il-Kanonku Caruana barra li kien qassis mimli bl-għerf u l-kultura kien imdaħħal sewwa fin-negozju tal-qopton u tal-maħluġ. Kellu l-inwiel f'Ħaż-Żebbuġ minn fejn kien u r-Rabat ta' l-Imdina. Kien hemm żmien li f'dawn ix-xogħolijiet kien iħaddem ma' l-40 ruħ. Dan ix-xogħol kien bdieh għal ħabta ta' l-1796 u min-ħabba li kien jinteressa ruħu ħafna fl-arti, kien dejjem joħloq disinni ġodda, kuluri differenti għal kutri, dvalji, srievet, tapiti, u ħwejjeġ oħra li kienu jinħaddmu bl-inwiel tiegħu. Sa kien jipproduċi tapiti qieshom Torok għad-disinn u l-kuluri tagħhom u xogħol tal-ħalġ b'disinni ta' l-armi ta' familji (34). Taħt l-Ingliżi, il-Kanonku Caruana sab appoġġ kbir, waħda għaliex fih raw kap kapaċi u t-tieni min-ħabba s-sehem kbir li kien ta fl-imblokk tal-Franċiżi. Malli sab ruħu jmexxi l-Universita, kien diġa ħaseb biex għal l-ewwel darba fl-istorja ta' din l-istituzzjoni tinfetaħ l-iskola tat-tpinġija bit-tagħlim tad-disinn u l-pittura. Għalhekk fl-1 ta' Novembru 1800 Michele Busuttil ġie mogħti l-inkarigu uffiċjali biex imexxi din l-iskola bħala l-professur tat-tpinġija (professor of drawing) bil-paga tista tgħid nominali ta' 25 skud fix-xahar. Fit-28 ta' Marzu 1802 bl-ordni ta' Charles Cameron, il-Kummissarju Ċivili l-ġdid, bdiet

www.gozocathedral.org.mt

tingħata somma ta' mitt skud biex jinxtraw premjijiet u jitqassmu kull sena f'dawk il-klassijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mas-suġġetti tax-xjenzi, 'di poter spendere fino a skudi maltesi cento ogni anno in premi da distibuirsi ai giovani che si distinguano nelle scuole che non sono di scienze della suddetta Universita'. (35) Dan kien aktarx inċentiv biex l-istudenti li kienu jidħlu għax-xjenzi, jitħajjru jitgħallmu ukoll id-disinn u t-tpinġija li kienu jiġu mgħallma fil-għaxijiet, ġeneralment wara nżul ix-xemx. Difatti sa mill-bidu l-gvern kien joħroġ flus għal ta' l-apposta għal l-ispejjes taż-żejt tal-lampi biex tiddawwal is-sala fejn l-istudenti kienu jitgħallmu jpinġu. Fl-10 ta' Lulju 1802 Alexander Ball reġa lura Malta biex jieħu post Cameron u sena wara waqqaf fl-Universita l-iskejjel ta' l-Ingliż, ta' l-Għarbi u tat-Taljan u żied it-tieni klassi tad-disinn u għal l-ewwel darba l-kors ta' l-Arkitettura Ċivili li kellu jieħu tliet snin (36). Minħabba li Michele Busuttil ma kienx perit fil-5 ta' Novembru 1803 għamlulu bħala assistent lil Giorgio Pullicino li kien perit u pittur u li kien studja l-arti b'suċċess fl-Accademia di San Luca ftit tas-snin qabel.

Photo by J. Attard Tabone

Giorgio Pullicino (1779-1851) Ritratt biż-żejt magħmul minnu stess (Kollezzjoni Privata)

FL-AQWA TIEGĦU

Dak inhar Mikiel kien fl-aqwa tiegħu għax għad li kellu biss madwar erbgħin sena u mhux kif jalludi għalih l-awtur mhux magħruf ta' rapport fuq l-iskola tad-Disinn li sar għal-ħabta ta' l-1850, għalkemm ma ssemmihx b'ismu, "..... dopo qualche tempo invece di un maestro, che invecchiava, un altro aggiunto... voleva estendere all'Architettura l'insegnamento,". (37) Ħafna żgħażagħ bdew jattendu dawn il-korsijiet ta' l-arti. Fl-1810 kienet diġa twaqqfet it-tielet klassi tad-disinn u fl-1 ta' Ottubru 1811, il-kmandant il-ġdid Ingliż, il-Ġeneral Hildebrant Oakes, żied is-somma tal-premijiet għal 200 skud u fl-istess ħin ħareġ flus biżżejjed biex l-istudenti ikunu jistgħu jaħdmu fuq mudell naturali liebes. Sa dan iż-żmien it-tagħlim kien isir billi l-istudenti kienu jikkuppjaw jew jimitaw stampi, kwadri jew statwi tal-ġibs sew fid-daqs oriġinali kemm ukoll f'daqsijiet iż-għar sew bil-pinna kif ukoll biż-żejt. (38). Wara, għal xi żmien, Busuttil ntroduċa wkoll l-istudju ta' l-anatomija u tan-'nudo', iżda dan ma kellux ħajja twila minħabba preġudizzi reliġjużi. (39)

Dak iż-żmien Malta kienet għaddejja minn żmien ta' ġid u prosperita minħabba li l-kummerċ ma' pajjiżi barranin kien żdied ġmielu. Il-familji li stagħnew jew dawk li kienu jistgħu finanzjarjament u riedu 'l uliedhom subien jitgħallmu l-arti bdew jibagħtuhom l-iskola tad-Disinn ta' l-Universita immexxija mill-professur Michele Busuttil u mill-assistent tiegħu Giorgio Pullicino. Ħafna kienu dawk iż-żgħażagħ li ħadu din l-opportunita u hawn nistgħu nsemmu xi wħud minnhom li 'l quddiem ippromettew bħala artisti bħal Giovanni Farrugia (c1799-1861) (40), Giuseppe Hyzler (1793-1864) (41), Pietro Paolo Caruana (1794-1852), Tommaso Madiona (1804-1864) u t-tlett itfal ta' Mikiel - Salvatore, Luigi u Clemente. Oħrajn li tgħallmu wkoll taħt Busuttil, qabdu triq oħra bħal Giuseppe Bellanti

www.gozocathedral.org.mt

(1787-1861) (42), Salvatore Bondi (1790-1859) (43), Stefano Zerafa (1791-1871) (44) u ċertu (Giuseppe) Borg. (45) li ftit li xejn nafu fuqu.

Taħt Hildebrant Oakes, Malta baqgħet tistagħna sakemm faqqet il-pesta f'Mejju ta' l-1813 meta l-attivitajiet merkantali fil-portijiet ta' Malta ħadu daqqa ta' ħarta li baqgħet tinħass għal ħafna snin wara. Kemm dam hawn Malta, Oakes ħaseb biex l-aħħar bini pubbliku li l-Kavalieri kienu bnew fil-Belt qabel telqu, jiġifieri l-Biblijoteka Pubblika, tiġi mgħammra bl-ixkafef u wara, l-eluf ta' kotba u manuskritti li sa dak iż-żmien kienu banda oħra, jiġu mehuda f'dan il-post. Milli jidher kien maħsub li s-saqaf tal-Biblijoteka aktarx tas-sala l-kbira jiġi dekorat u mpitter b'disinn li tiegħu Michele Busutttil għamel abbozz. (46) Iżda dan baqa' ma sarx jew l-abbozz kien għal wieħed miż-żewġ soqfa żgħar dekorati li jeżistu f'dan il-post. (47) Għal Biblijoteka ta' Malta, il-Papa kien irregala kopja tal-ktieb illustrat b'inċiżjonijiet ta' l-istatwarji fil-Mużew Pio Clementino u r-Re ta' Napli kien ta' kopja tax-xogħol f'erba volumi kbar li jillustraw b'ħafna stampi tas-sejbiet antiki u klassiċi ta' Ercolano (48). Dawn il-kotba kienu mill-bidu nett ta' inspirazzjoni u xogħol ta' riferenza għal l-arti fix-xena lokali.

L-EWWEL GVERNATUR

Meta l-pesta kienet fl-għaqal tagħha, fl-4 ta' Ottubru 1813 il-General Sir Thomas Maitland wasal Malta bħala l-ewwel Gvernatur Ġenerali tal-Gżejjer Maltin. Matul dan il-fraġell l-Universita inżammet magħluqa għal madwar sena. (49) Fi Strada Irlandese kien hemm każi ta' mwiet bil-pesta u f'sitwazzjoni bħal din, Michele bil-familja kollha tiegħu setgħu sabu kenn fid-dar tiegħu t'Għawdex. Sa kemm miet f'Jannar ta' l-1824, il-Gvernatur Maitland għamel ħafna riformi. Waħda mill-affarijiet li sa minn meta wasal ma tantx għoġbuh, kienet is-sistema tat-tagħlim fl-Universita. Għalkemm ir-riforma fil-kamp edukattiv kienet waħda mill-pjanijiet tiegħu, ftit li xejn irnexxielu f'dan il-qasam. (50) Madankollu, fi żmienu ntbagħtu żewġ żgħażagħ ikomplu l-istudji tagħhom fl-Ingilterra u erba' oħra ntbagħtu l-Accademia di San Luca jistudjaw l-arti fosthom Salvatore Busuttil, it-tifel ta' Michele. (51)



Photo by J. Attard Tabone

L-inħawi fejn Michele Busuttil kiber u għex għal bosta snin.
F'din il-pittura ta Chev. R. Bonnici Cali tidher is-Sagra Imfermerija u s-swar ta ħdejn id-dar ta' Busuttil.

www.gozocathedral.org.mt

IL-MADONNA TA' LORETU

Propabilment l-aħħar kwadru kbir li pitter Michele kien it-titular tal-knisja il-qadima ta' Għajnsielem għall-aħħar ta' l-1819 u li jirrappreżenta l-Madonna ta' Loretu. (52) Wieħed jista' jinnota minn dan il-kwadru li Busuttil kien diġa' beda' jbagħti b'għajnejh. Dr. Stefano Żerafa li kien jaf sewwa lill-Mikiel jgħidilna li, *"Michele Busuttil... ristabili lo studio sul nudo : era eccellente nel disegno, ma attesta la debolezza dei suoi occhi, eseguiva non tanto bene le sue opere in grande"*. (53) Difatti l-abbozz ta' dan il-Kwadru huwa xogħol mhux ta' min imaqdru. (54)

Fl-għexieren, Michele beda jmajna ġeneralment minn għajnejh u fl-istess ħin studenti li kienu għaddew minn taħt idejh bdew jaslu lura minn Ruma mimlijin b'entużjażmu u b'ideat ġodda bħal Giuzeppe Hyzler u Pietro Paolo Caruana. F'dan iż-żmien xi artisti barranin bħar-ritrattista Charles Allingham u l-vedutisti ta' Schranz u ta' Brocktorff kienu diġa stabilew ruħhom sewwa f'Malta. Din il-kompetizzjoni fil-kamp artistiku u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Malta li kienet waqgħet f'dippressjoni kbira ma tantx kienu ta' fejda għal Busuttil, għaliex barra li baqa' bil-paga miżera ta' £2-2s-11d fix-xahar (55) bħala professur fl-Universita, kellu jħabbat wiċċu ma diffikultajiet finanzjarji fl-aħħar snin ta' ħajtu u jara x'jagħmel biex ikun jista' jgħix. Fl-1827 f'Nru. 10 Strada San Christoforo l-Belt, kienet infetħet skola għat-tfajliet li kienu ġejjin minn familji tat-tajjeb u li kienet immexxija minn Madalena Naudi u mgħejjuna mit-tifla tagħha Michelina u n-nepputija Teresa. Din l-iskola kienet l-ewwel 'Finishing School' għat-tfajliet f'Malta u hawn kienu jitgħallmu l-ħjata, ir-rakkmu, l-Ingliż u ż-żfin. Michele Busuttil kien jagħti l-lezzjonijiet bejn it-tmienja u d-disa' ta' filgħodu fid-disinn tar-rakkmu. (56)

B'daqshekk, il-problemi finanzjarji ta' Michele ma ġewx solvuti. Ftit qabel ma miet kellu jbiegħ id-dar b'ħanut Nru. 53 u 54 Strada Teatro, biex ikun jista' iħallas id-dejn. (57) Dak iż-żmien l-assistent tiegħu Giorgio Pullicino ukoll sab ruħu f'diffikultajiet finanzjarji (58) bil-paga aktar fqira minn dak ta' l-imgaħllem tiegħu ta' £1-14s-4d fix-xahar (59). F'dan iż-żmien iebes Michele sab l-għajnuna ta' ħuh il-Kanonku Dun Pawl u ta' nepputih Dun Salv li t-tnejn għamluha ta' prokuraturi għax-xwejjaħ (60) u għenuh kif setgħu.

FL-AĦĦAR TA' ĦAJTU

Fl-aħħar xhur ta' ħajtu, Michele Busuttil ma baqax imur Għawdex, għax għal xi kawżi ċivili li kellu quddiem il-Qorti t'Għawdex kien qabbad lill min jidhirlu għalih bħala prokuratur tiegħu (61).



Photo by J. Attard Tabone

Strada San Michele il-Belt, fejn tidher id-dar li fiha kien joqgħod u fejn miet Michele Busuttil

www.gozocathedral.org.mt

F'Marzu ta' l-1831 Michele ħa għal tlett snin iċ-ċens ta' dar Nru. 146 l-Msida li kien fiha ġardina. (62) Dan żgur għamlu għal miljorament ta' saħħtu peress li dak iż-żmien l-inħawwi ta' l-Msida u tal-Pjeta kienu jintużaw bħala villeġġjatura għannies tal-Belt (63) Almenu sal-14 ta' Ottubru 1831, Michele kien għadu fuq saqajh (64) iżda fis-19 ta' l-istess xahar milli jidher intefgħa ġewwa, (65) għadda għal ħażin u miet fil-31 ta' Ottubru 1831 ta' 68 sena (66) fid-dar fejn kien joqgħod Nru. 1 Strada San Michele, il-Belt Valletta u ġie midfun fil-qabar tal-familja fil-knisja ta' San Pawl Nawfragu. Postu fl-Universita ħadu Giorgio Pullicino u bħala assistent tiegħu daħal Pietro Paolo Caruana li kien ukoll aljiev ta' l-Accademia di San Luca. (67)

Wara madwar għaxar snin imexxi l-iskola privata tiegħu u tletin sena sħaħ oħra bħala professur tad-Disinn fl-Universita, Busuttil wettaq bil-fors influenza fil-ġenerazzjoni dejjem tikber ta' artisti Maltin. (68) Huwa kien ħabib ma' l-iskultur Giuseppe Casha u almenu f'kas wieħed li nafu dawn iż-żewġ artisti kkollaburaw ma' xulxin. (69). Illum ma nafux li jeżisti xi xogħol ta' Casha f'Malta (70). Li nafu hu li Busuttil kellu żewġ xogħlijiet oriġinali tiegħu li kienu jikkonsistu f'żewġ mudelli tat-tafal, wieħed jirrapresenta 'l-Aħħar Ċena' u l-ieħor grupp b'Enea u missieru Anchise. (71) Michele Busuttil kien ukoll ħabib mal-Konti Saverio Marchese (1757-1833) li kien wieħed mill-iżjed Maltin eruditi ta' żmienu u kollettur kbir ta' xogħlijiet ta' l-arti speċjalment pittura u inċiżjonijiet (72). Insibu li fl-1814 il-Konti Marchese xtara minn għand Busuttil kwadru kbir taż-żejt li kien jirrappreżenta 'It-Twelid ta' Kristu' xogħol ta' l-istess Busuttil. Sa ftit xhur qabel miet Busuttil baqa' jinnegozja kull tant u tant xi kwadri u inċizzjonijiet mal-Konti (73) u ma oħrajn ukoll. (74)

Fit-2 ta' Settembru 1822, Mikiel Busuttil irregola inċizzjoni lill-Konti xogħol tattifel tiegħu Salvatore li kient tirrappreżenta lill-San Mattew b'dedikazzjoni lill-Kanonku Saverio Caruana. (75) Ftit ġranet wara Busuttil reġa' tah inċizjoni oħra li kienet turi lis-Sagra Familja xogħol ukoll ta' Salvatore (76) Ta' min jinnota li f' dan iż-żmien il-Kanonku Caruana wara li kien sar Arċidjaknu tal-katidral, irreżinja minn rettur ta' l-Universita (77) u ftit tax-xhur wara il-Konti Marchese ġie appunat membru ta' kumitat biex jinvestiga s-sistema tat-tagħlim fl-Universita u mbagħad f'Settembru 1824 ġie maħtur membru tal-Kunsill Ġenerali li twaqqaf taħt il-presidenza ta' l-Onorabbli John Hookham Frere wara l-inkjesta. (78)

Photo J. Attard Tabone

Il-qabar tal-Familja Busuttil fil-knisja kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt, fejn ġie midfunn Michele Busuttil (Bil-kortesija ta' l-Arċipriet ta' San Pawl)

www.gozocathedral.org.mt



Die 31 Octobris 1831.
Dnus Michael Busutil annorum 68. uxoratus cum Maria de
Dnus Michael Busu- nra Parecia, in Communione S. Matris Eccle animam Creatori red-
til. didit solo Sacro Extrem: Unction: ... cujus Cadaver in Eccla
Colleg: Sti Pauli humatum jacet.

Ir-Reġistrazzjoni tal-mewt ta' Michele Busuttil fir-Reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa ta' San Duminku l-Belt bid-data tal-31 ta' Ottubru 1831 u fejn jidher li indifen fil-Kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt. (Bil-Kortesija tal-kappillan ta' San Duminku)

FAMILJA TA' MIKIEL BUSUTTIL

Ngħidu xi ħaġa issa fuq il-familja ta' Mikiel Busuttil. Kif għedna qabel, wara li Mikiel iżżewweġ lill Marija Antonia Buhagiar, kellhom ħames titfal li kollha twieldu l-Belt Valletta. Il-kbir kien Lazzru (1796-1869). Kien armat bin-negozju ta' ħanut il-Belt, aktarx l-istess negozju li kellu nannuh Klement. Martu kienet Anna Guglielmi. Għal bidu kien joqgħod ma Silfu Salvatore Guglielmi f'Nru 134 Strada Teatro (79) u wara nsibuh joqgħod f'Nru. 135 Strada Santa Luċija u Nru. 239 Strada Sant'Ursula. Wara li mietet martu Anna, Lazzru mar joqgħod Nru. 148 Strada San Paulo fejn miet fis-27 ta' Ottubru 1869 ta' 77 sena. (80) Kellu tlett itfal tnejn minnhom tewmin (81).

It-tieni tifel kien Salvatore (1798-1854) li tgħallem l-arti taħt missieru u fl-1818 ntbgħat Ruma mill-Gvern biex ikompli l-istudji tiegħu fl-Academia di San Luca. Baqa' jgħix Ruma fejn iżżewweġ lill Cristina Centamori minn Civitta Castellano. Kien l-aħjar artist minn ħutu u dan narawh fil-ħafna xogħlijiet li ħalla speċjalment disinni, inċiżjonijiet, akwarella u xogħol biż-żejt. L-aqwa biċċa xogħol li għandu hija bla dubju ta' xejn il-pittura titulari fil-knisja parrokjali ta' Kerċem li tirrappreżenta il-Madonna tas-Sokkors.



Kwadru tal-Madonna tas-Sokkors fil-Knisja Parrokjali ta' Kerċem. L-aħjar u l-aħħar xogħol ta' Salvatore Busuttil - 1854. (Bil-Kortesija tal-kappillan ta' Kerċem)

Salvatore miet Ruma fis-19 ta Awissu 1854 ta' 56 sena mingħajr tfal u ħalla lill-martu eredi universali. (82) Hemm tradizzjoni fil-familja ta' Busuttil li tgħid li wara l-mewt ta' Salvatore, l-armla

www.gozocathedral.org.mt

tiegħu bagħtet għadd ta' xogħolijiet ta' żewġha lill ħutu f'Għawdex u li kienu jikkonsistu f'akwarelli, minjaturi u nċiżjonijiet. Fil-Muzew ta' l-Arti hemm xi xogħolijiet tiegħu sew ta' l-akwarella kemm ukoll ta' l-inċiżjoni u fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina nsibu bosta inċiżjonijiet tiegħu ġejjin mill-'Fundazzjoni Saverio Marchese'. It-tielet tifel kien Luigi (1801-1878) li wkoll tgħallem il-pittura taħt missieru. Għal xi żmien kellu ħanut ta' regattier fi Strada Teatro il-Belt li aktarx kien il-propjeta ta' missieru f'Nru. 53 u 54, fejn Luigi kien jinnegozja kwadri u nċiżjonijiet. Fl-1829, il-Konti Saverio Marchese xtara numru ta' nċiżjonijiet f'dati differenti minn għand Luigi. (83)

Photo by J. Attard Tabone

Inċiżjoni xogħol ta' Luiġi Busuttil maħdum minn fuq il-pittura ta' missieru li tinsab fil-knisja parrokjali taż-Żejtun. (Bil-Kortesija ta' l-arċipriet taż-Żejtun)

Jingħad li din l-inċiżjoni ġiet mogħtija lil din il-knisja minn Luigi stess. Wara li mitietlu l-ewwel mara Rosarja Caruana, reġa' żżewweġ u ħa lill Emilja Cassar mir-Rabat t'Għawdex. Kien joqgħod f'dar qadima Nru.1 Triq Sant'Indrija li ilha ħafna snin li ġiet imġarrfa u flokha kienet telgħet dar oħra. Kien ukoll pittur li ħalla xi xogħlijiet żgħar fosthom il-kwadru tar-Rużarju fil-Knisja ta' Sannat (84), numru ta' disinni bil-lapes u bil-pinna u inċiżjoni sabiħa tal-'Magħmudija ta' San Publju' li hija meħudha mill-pittura oriġinali ta' missieru li kien għamel għall-knisja parrokjali ta' raħal twelidu ż-Żejtun (85). Miet mingħajr tfal (86) fit-28 ta' Jannar 1878 ta' 77 sena u ġie midfun fil-Kattidral ta' Għawdex. (87)

KLEMENT - IT-TIFEL IŻ-ŻGĦIR

Klement (1810-1883) kien iż-żgħir fost ħutu s-subien. Kien disinjatur tajjeb u jinqala' bħala pittur, arkitett u restawratur. Fl-1834 għamel il-pjanta u xi disinni tal-Ġgantija għal arkeologu Alberto de la Marmora li ġew ippubblikati Parigi sentejn wara (88). Fl-1839 iżżewweġ lill-Teresa t-tifla tan-nutar Giovanni Cassar mir-Rabat t'Għawdex fil-Matriċi u kien joqgħod fid-dar fejn kien joqgħod missieru, u ommu qabel mietet wara San Franġisk. Ħalla kwadru votiv ħelu ħafna li juri ambjent verament Għawdxi ta' l-epoka, li jinsab fil-knisja ta' San Kalċedonju, Dar Manresa. Ħalla wkoll xi pittura fil-knejjes parrokjali tan-Nadur (89) u ta' Sannat u għal din ta' l-aħħar għamel ukoll id-disinn tal-faċċatta (1882) (90). Ir-restawrazzjoni tal-kwadru tal-kappella tal-Ħniena fix-Xewkija sar minnu (91). Il-Knisja tax-Xlendi hija pjanta tiegħu u xi lapidi funerarji fil-Katidral t'Għawdex huma disinn tiegħu wkoll. Barra milli kien jagħmel disinni għal bizzilla, fl-1861 Klement ħa post Giovanni Farrugia bħala għalliem tad-disinn fl-iskola tal-Gvern tar-Rabat meta dan miet Għawdex. Klement kellu ta' l-inqas sitt itfal. Il-kbir kien Mikiel (1840-1908) imsemmi għan-nannuh. Kien perit tal-Gvern Malti u kien joqgħod quddiem il-knisja ta' Ħal Tarxien. Kemm dam jinbena iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata,

www.gozocathedral.org.mt

il-perit Busuttil kien l-id il-leminija tal-perit Emmanuele Galizia li għamel il-pjanta tiegħu. (92). Tifel ieħor li ħareġ miġbud għal arti kien Enriku (1852-1908) li ħallielna xogħol biż-żejt ta' xeni marittimi, għamel ħafna xenarju għal-palk tas-Seminarju t'Għawdex u dak tal-każin tal-banda ta' l-Iljun u pitter ukoll ix-xena għas-sepulkru tal-Katidral. L-unika tifla li kellu Mikiel kienet Vinċenza (1804-1841) li wara l-mewt ta' missierha kienet marret toqgħod Għawdex ma' ommha u ħutha s-subien Klement u Luigi. Fl-1837, ta' 32 sena żżewġet lill-Antonio Mizzi, (93) it-tifel ta' l-avukat Fortunato Mizzi fil-Matriċi t'Għawdex (94). Mietet ta' 36 sena fit-2 ta' Lulju 1841 u ġiet midfuna fil-Knisja tal-Matriċi.

Pittura votiva, xogħol ta' Clemente Busuttil li tinsab fil-Knisja ta' San Kalċedonju, Dar Manresa.

IT-TRASPORT BEJN MALTA U GĦAWDEX

Minn dak li għadna kemm għedna, rajna li l-familja ta' Michele inqasmet wara mewtu, wieħed baqa' Malta u l-oħrajn sorġew f'Għawdex, fil-waqt li Salvatore baqa' Ruma. Dan juri li r-rabta li l-familja kellha dejjem ma' Għawdex kienet bikrija fost it-tfal li żgur għaddew ħafna żmien ta' tfulithom ma' qrabathom ir-Rabat. Fi żmien Michele Busuttil it-trasport ta' bejn il-Belt u Għawdex kien jew bil-kaless sal-Marfa u mbagħad b'dgħajsa żgħira bl-imqadef sa l-Mgarr jew bid-dgħajsa tal-latini mgħammra bil-qlugħ u bl-imqadef mill-Port il-Kbir sa l-Mgarr. Għal bidu tas-seklu dsatax kien hemm tnax il-speronara

Photo by J. Attard Tabone

Memorji ta' Għawdex minn Ruma. Disinn ta' Salvatore Busuttil li għamel meta kien Ruma li juri xena ta' familja ta' bdiewa Għawdxin, biċ-Ċittadella f'isfond. L-artist kellu f'moħħu l-post ta' żgħużitu. L-anglu ta' dan l-iskeċċ hu meħud minn quddiem id-dar ta' missieru. (Bil-kortesija tad-Direttriċi ta' l-Accademia di San Luca)

www.gozocathedral.org.mt

jew kif insibuha llum dgħajsa ta' Għawdex, jaħdmu bejn il-port il-kbir u -Mġarr (96). Minn xi daqqiet xi waħda minn dawn id-dgħajjes kienet terħilha għal Sqallija biex iġġib il-merkanzija u kawża t'hekk bdiet l-importazzjoni diretta għal Għawdex. It-trasport pubbliku f'Għawdex dak iż-żmien ma kienx jeżisti u mill-Mġarr sar-Rabat jew sa xi raħal, wieħed kien jerħilha bil-mixi jew jikri xi ħmar. Kont trid ta' l-inqas madwar ġurnata biex tagħmel dan il-vjaġġ bejn iż-żewġt ibliet. Wieħed jista' jimmaġina x'battigata kienu jieħdu Michele u martu Marija Antonia meta kienu jerħulha għal Għawdex u jieħdu magħhom lil uliedhom. F'Għawdex, Michele kellu għadd ġmielu ta' propjeta li aktarx kienet ġejja minn naħa ta' martu. (97) Kellu erba' djar, tlieta fi Strada Conservatorio, illum Triq l-Arċisqof Pietru Pace, u l-oħra fit-triq ta' l-Mgarr. L-egħlieqi li kellu kienu fi Strada Conservatorio, ta' Libraġġ, tal-Kalkara, tad-Dabrani, ta' Kuljat, ta' Kassja f'Marsalforn, f'Għajnsielem ta' Kordina qrib ta' Chambray u l-Għarb f'ta' Ċjankala. (98) Dan ir-raba kien mqabbel għand il-bdiewa (99). Michele kien joqgħod f'waħda mid-djar li kellu wara l-kunvent ta' San Franġisk aktarx dik li llum għandha n-Nru. 74, 76 u 78 Triq L-Arċisqof Pietru Pace li kien jużaha bħala *casa bottega* meta kien ikollu xi biċċa xogħol għal Għawdex. Il-kwadru titulari tal-knisja ta' Għajnsielem ġie maħdum f'dar wara San Franġisk aktarx fil-lokal li semmejna (100).

BUZZETTI U DISINNI

M'hemm l-ebda dubju li Michele Busuttil ma ħadimx għadd akbar ta' kwadri minn dawk li nafu bihom illum u dan jixhduh l-għadd ta' buzzetti u disinni li ħalla warajh wara mewtu fid-dar fi Strada Irlandese fejn aktarx kien il-ħanut tax-xogħol tiegħu. Barra dawk ix-xogħlijiet li semmejt aktar il-quddiem, nafu wkoll b'dawn li ġejjin:

Fil-Mużew tal-Kattidral ta' Għawdex: Disinn bil-pinna li juri l-Assunta u li fuqu aktarx ġie maħdum it-titular tal-katidral ta' Għawdex.

Fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt Valletta: Inċiżjoni li turi l-Madonna bil-Bambin disinn ta' Michele Busuttil u nċiża minn Giovanni Brunetti f'Malta fl-1796 bit-titlu ta' 'Sancta dei Genetrix'', dim. 32×24cm. (101)Tmien minjaturi u akwarelli attribwiti lill Michele u Clemente Busuttil. (102) Akwarella li tirrapreżenta ras ta' raġel xiħ, dim. 52×19cm. (103)

Fl-Universita l-Qadima, il-Belt Valletta: Illum il 'Foundation for International Studies'. Ritratt ta' pittura biż-żejt li turi lill Don Aloysius Rigord. (104)



Photo by J. Attard Tabone

Ritratt ta' Luigi Rigord (1757-1823) Xogħol biż-żejt ta' Michele Busuttil li jinsab fil-Foundation for International Studies il-Belt Valletta. (Bil-Kortesija tad-Direttur)

Kollezzjoni Privata: Kwadru biż-żejt li juri 'Il-Kunċizzjoni'. Il-buzzett tal-Kwadru titulari tal-Katidral t'Għawdex b'differenza żgħira mit-titular speċjalment f'wieħed mill-appostli. Abbozz ieħor aktar preċiż ta' l-istess pittura. Abbozz ta' San Pawl jgħammed lil San Publju magħmul għal kwadru li jinsab fil-Knisja Arċipretali taż-Żejtun. L-Abbozz ta'

www.gozocathedral.org.mt

l-Assunta fil-Kappella ta' Duna Ħal-Lija.

Attribuzzjoni: Ritratt biż-żejt ta' Kanonku liebes il-muzzetta. Kwadru taż-żejt żgħir li juri l-Assunta. Iż-żewġ Lunetti fil-Kappella ta' San Krispinu u San Krispinjanu fil-Knisja ta' San Pawl Nawfraġu l-Belt li jirrappreżentaw il-martirju ta' dawn iż-żewġ qaddisin.

Ix-xogħlijiet oriġinali ta' Mikiel Busuttil: Dawn huma meħudin mill-inventarju magħmul mill-pittur Pietro Paolo Caruana fit-22 ta' Diċembru, 1831, u bin-numru għal kull kwadru kif tah Caruana:

50 .... *Kwadru - Kristu fuq il-Kalvarju*
51 .... *Disinn - San Pawl ifejjaq lill-morda*
59 .... *Disinn oriġinali*
63 .... *Buzzett ta' Gran Mastru*
90 .... *Pittura - Ritratt ta' tabib Ingliż*
61 .... *Buzzett ta' saqaf*
89 .... *Akwarella - L-Assunta mdawwra bl-Anġli*
66 .... *Kwadru - San Pawl jippriedka lill-Maltin*
56 .... *Kwadru - Il-mewt ta' Lucrezia*
67 .... *Buzzett - Il-Martirju ta' San Krispinu u San Krispinjanu*
68 .... *Kwadru - Il-Presepio*
69 .... *Kwadru bħal buzzett - Il-Martirju ta' San Krispinu u San Krispinjanu*
70 .... *Buzzett - Partenza ta' San Pawl minn Malta*
57 .... *Buzzett - L-Assunta*
73 .... *Pittura - Ritratt tal-Gvernatur Maitland fuq iż-żiemel*
64 .... *Buzzett - It-Twelid tal-Madonna*
71 .... *Buzzett - Is-saqaf tal-Biblijoteka*
72 .... *Buzzett - Il-Kunċizzjoni*
75 .... *Kwadru - Juri saqaf*
76 .... *Ritratt ta' wiċċ*
78 .... *Ritratt ta' wiċċ*
80 .... *Disinn allegoriku*
85 .... *Disinn - San Pawl jippriedka lill-Maltin*
79 .... *Kwadru - Il-Ħarba għal l-Eġittu:kopja biż-żejt b'daqs ta' l-oriġinali ta' Domenichino*
83 .... *Buzzett - Tar-Rużarju*
7,8,9, .. *Tlett Kwadri - Jirrappreżentaw tlett stazzjonijiet tal-Via Sagra*
88 .... *Disinn - Il-Magħmudija ta' San Publju*
15 .... *Kwadrett - Xena Bakkanali*
26 .... *Buzzett - San Filippu jiskongra lill-invażati*
28 .... *Studju - 'Pieghe presso di vero'*
18 .... *Kwadru - San Camillo*
19 .... *Kwadru - Il-Madonna bil-Bambin Ġesu'*
27 .... *Kwadru - Il-Madonna bil-Bambin*
127,152 ... *Żewġ kwardi - Jirrappreżentaw żewġ stazzjonijiet tal-Via Sagra*
128 ..... *Kwadru - Ritratt*
87 .... *Buzzett - Sant'Injazju ta' Lojola*
133 ..... *Studju - Wiċċ*
439 ..... *Studju*
130 ..... *Studju*
147 ..... *Buzzett - La Casta Susanna*
146 ..... *Buzzett - Ecce Homo*
183 ..... *Kwadru - Is-Salvatur*
187,188 ... *Żewġ kwadri votivi*
165 ..... *Studju - ta' l-Accademia*
197 ..... *L-Arma tal-familja Rigord*
20 .... *Kwadru ovali - Id-Duluri*



Photo by J. Attard Tabone

Dikjarazzjoni iffirmata mill-pittur Pietro Paolo Caruana wara li għamel l-inventarju tal-pittura u disinni li Michele Busuttil kellu fid-dar ta' Strada Irlandese wara l-mewt tiegħu. (Bil-kortesija tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern)

www.gozocathedral.org.mt

B'kollox fid-dar ta' Strada Irlandese kien hemm 255 biċċa pittura u disinni, 23 biċċa xogħol ta' skultura, 30 xogħolijiet ta' kitba fuq diversi suġġetti speċjalment fuq l-arti li kienu jikkonsistu f'95 volum. Fost il-pittura u disinni li kienu xogħol ta' diversi artisti oħra kien hemm fost oħrajn ritratt ta' Alexander Ball, ieħor ta' Balliju ta' l-Ordni ta' San Ġwann xogħol tal-Favray, disinn oriġinali ta' musulew (propabilment tal-monument ta' Sir Giuseppe Nicola Zammit li jinsab fil-Barrakka ta' Fuq), disinn ieħor tal-Gafa li kien juri l-knisja ta' San Ġakbu tal-Belt minn ġewwa, pittura li kienet turi funzjoni tal-Gran Mastru ta' San Ġorġ u San Mikiel (105), ritratt ta' Dr. L. Gravagna (106), kwadri oriġinali ta' artisti Taljani u oħrajn ta' l-iskola Venezjana, Romana, Napolitana, Fjaminga, Antika, Tal-Veronese, tal-Caracci, tal-Correggio u tal-Bisson. Qalb ix-xogħlijiet ta' l-iskultura kellu statwa ta' l-irħam abjad ta' Carrara ta' daqs naturali li kienet tirrappreżenta 'Adone biċ-Ċawlun'. Din kienet milli jidher biċċa xogħol ta' l-arti tajba għax fl-4 ta' Settembru, 1831, m'ank xaharejn qabel il-mewt ta' Mikiel, ġiet stmata mill-iskultur Sigismondo Dimech (1780-1876) (107) għal 550 skud. Kien hemm ukoll mudell tat-tafal tal-monument ta' Sir Giuseppe Nicola Zammit, (108) żewġ xogħolijiet tat-tafal ta' Giuseppe Casha li diġa tajtna deskrizzjoni tagħhom aktar il-quddiem u statwa tal-ġibs ta' Antinoo. Il-biċċa l-kbira tal-kotba kienu jittrattaw fuq arti u storja. F'din il-librerija Busuttil kellu x-xogħol ta' Giacomo Vasari, 'Malta



Photo J. Attard Tabone

Inċiżjoni tal-bidu tas-seklu dsatax li turi parti mid-djar ta' Strada Irlandese quddiem il-Barrakka t'Isfel fejn jidher il-Monument ta' Sir Alexander Ball (Kollezzjoni ta' l-Awtur)

Illustrata' ta' Gian Francesco Abela u l-ktieb tal-Markiż Carlo Antonio Barbaro, 'Avanzi d'Alcune Antichissimi Edifiżi Scoperti in Malta.'' (109)

Mill-lista twila li nsibu fid-dokument ta' l-inventarju tad-dar ta' Strada Irlandese li tkopri xogħlijiet ta' pittura, disinji, skultura, kotba fuq l-arti u mobbli, wieħed

jista' jimmaġina li din id-dar kienet qisha mużew ta' l-arti jew aħjar skola ta' l-arti, u mhux ħaġa kbira li mill-bieb tagħha daħlu u ħarġu l-ġenerazzjoni ta' artisti Maltin ta' żmien Mikiel Busuttil u x'uħud minn dawk li wara mewtu baqgħu ġejjin 'il quddiem fl-arti. Mill-bidu tagħha, il-Belt Valletta minn dejjem kienet iċ-ċentru ta' tagħlim għall-poplu Malti. Saħansitra, il-biċċa l-kbira ta' l-artisti Maltin ta' bejn l-aħħar nofs tas-seklu tmintax u l-ewwel kwart tas-seklu dsatax twieldu, tgħallmu, għexu u ħadmu madwar iż-żewġ parroċċi tal-Belt, dik ta' San Pawl Nawfragu u l-oħra ta' Porto Salvo, illum magħrufa b'ta' San Duminku. X'uħud minnhom spiċċaw jaħdmu barra minn Malta bħal Giuseppe Grech, Massimo Gauci, Giovanni Farrugia, u Salvatore Busuttil. F'dan iż-żmien l-ambjent tal-Belt kien infuż bi tradizzjoni ta' interess fl-arti sew minħabba l-kultura li kienu jiġġeneraw il-kavalieri u warajjhom l-Ingliżi, kif ukoll minħabba x-xogħljiet li ħallew artisti ta' qabel bħal Mattia Preti u Francesco Zahra u oħrajn kontemporanji bħal Antoine de Favray, Rocco Buhagiar, Michele Busuttil, Vincenzo Dimech, Giorgio Pullicino, Pietro Paolo Caruana u Giuseppe Hyzler. F'dan il-kas Mikiel Busuttil kien l-artist li għaqqad iż-żewġ sekli b'din it-tradizzjoni kemm bix-xogħol tiegħu u iżjed bit-tagħlim u ħajr li hu ta lill-aljevi u lit-tlett itfal tiegħu. Għalkemm Busuttil ma hux xi stilla fost l-artisti Maltin, jibqa' l-fatt li għal ħafna snin serva ta' xemx biex idawwal l-imħuħ ta' ħafna żgħażagħ li eventwalment saru artisti u taw kontribut siewi lill-patrimonju artistiku tal-Gżejjer Maltin.

TABELLA ĠENEOLOĠIKA TAL-FAMILJA BUSUTTIL



www.gozocathedral.org.mt

NOTI U REFERENZI

1) A.P.Z. , Lib Bapt., 17 Junii 1742-15 Augusti 1764, Lib VI, p.128 (V)

2) Għal Magħmudija ta' Clemente u Roża ara A.P.Z. Lib. Bapt. 1710-1728, lib IV, p.97. u Lib. Bapt. 1728-1742, Lib. V, p.4 (v). In-naħa ta' fuq tal-paġna fejn tidher id-data tad-dħul tal-magħmudija ta' Roża Magro huwa nieqes u għalhekk ma tistax tiġi stabilita l-ġurnata eżatta tat-twelid tagħha li setgħet kienet f'xi ġurnata bejn l-24 u t-30 ta' Jannar 1729.

3) A.P.Z., Lib. Matr., Vol V 1752-1769, p.8. L.N.M., Lib. AD 28, p.200.

4) A.P.S.P.V., Lib. Bapt., Vol. 30 1787-1797.

5) Blue Book 1821, p.122, 'length of services since September 1800; appointed chaplain Foundling Hospital 15 August, 1815, salary £60-0s per annum'.

6) A.P.S.P.V., Ms. Misc.; mhux datat jew ippaġinat: '22. Clemente Busuttil ha una sepoltura per se, sua moglie, tutti i suoi figli, nipoti, pro nipoti ed anche consang.ei e discend.ti da d.ti coniugi de Busuttil in perpetuo posta nella nave di d.ta ch.sa e nella quinta linea ed innanzi la cappella delli SS. MM. Crisp. o e Crispin.o vicino la sepoltura del Sign.r Andrea Flamengo senza lapide marea'.

7) Din il-lapida li għadha f'posta fil-korsija tal-knisja fiha din l-iskrizzjoni 'CLEMENS BUSUTTIL / VIVUS FECIT / SIBI ET ROSAE CONIUGI / ET LIBERIS SUIS / POSTERISQUE EORUM / JUNE SEPULCRI CONCESSO / XIII Kal jun. MDCCLXXX111 / SALVATOR FILIUS ANNORUM X / PRIMUS HVC VENIT'. Id-dfin kien isir ġeneralment fil-kannirja u ftit ta' klassi għolja kellhom il-qabar fil-korsija tal-knisja.

8) A.P.S.P.V., Ibid., '99. Rev. do Can. co D. Paolo Busuttil ha una sepoltura nel cappellone de' Dolori del B.V.M. eretto nella S. Vice Par.le Ch.sa di S. Publio per se e per tutti i suoi consang.ei e affini come si rileva della colletta capitolare tenuto li 30 marzo 1813 con lap. mar'. (Nirringrazja lill-Sur Michael Galea li għaddieli din l-informazzjoni fuq dan il-manuskritt.)

9) Giuseppe Calleja: 'Michele Busuttil - Pittore Maltese' - Malta Letteraria, Anno 2, Agosto 1905; no. 16. p.225.

10) Mario Buhagiar: 'The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900: Paintings'. Malta 1988, p.15. Fl-1791 Rocco Buhagiar kellu 70 sena u kien joqgħod nru.2 Quartiere Primo, Castiglia, ma ħuh Romoaldo u oħtu Anna. Ara C.E.M., St. A, S.P.V. 1791 vol. 31, p.1.

11) Domenic Cutajar / Emmanuel Fiorentino: 'Trends and Influence in Maltese Art 1800-1964' in 'The British Colonial Experience 1800-1964'. Ed. Victor Mallia Milanes, Malta 1988 p. 246. Mario Buhagiar, op. cit. p. 149.

12) A.S.L., Archivio Storico, Roma. Ms. 33, Registro di antichi premiati dal 1754 - 1849 (Scuola del Nudo). Michael Ellul: 'Art and Architecture in Malta in the early Ninteenth Century'; 'In Proceedings of History Week - 1982'. Ed. M. Buhagiar, Malta 1983, p.9.

13) A.S.L. Archivio Storico: Card Index, Schedario dei premiati : Nos. B341, A534

14) A.P.S.P.V. Fl-Status Animarum, ta' bejn l-1780 u l-1786, Michele Busuttil jidher kull sena u dan juri li ma tantx seta dam Ruma. Frans Ciappara fil-ktieb tiegħu 'Marriage in Malta in the late eighteenth Century', Malta 1988, p. 16, jinnota li dwar ir-reġistrazzjoni ta' l-Status Animarum li kien isir kull sena mill-kappillan 'Those temporarly absent are listed with the families to which they belong'.

15) L.N.M., Library Ms. 453, pp.7,10,12,19.

16) L.N.M., Arch. 1086, p.9; Arch.1088, p.6.

17) Dan il-kwadru ġie restawrat mill-Kav. R. Bonnici Cali qabel ma ix-xbiha tal-Madonna li tidher fih ġiet nkurunata fl-1975. Għal dan il-proċess il-pittur Bonnici Cali kien għamel dikjarazzjoni għal awtoritajiet ekklesjastiċi li dan il-kwadru huwa 'una opera d'arte degna di stima e devozione'.

18) Dan in-negozjant seta' kien wieħed mill-ftit negozjanti ta' l-arti li kienu stabiliti Malta dak iż-żmien bħal John Robert Steward tad-ditta Struthers Steward and Co. Ara John Azzopardi, 'Count Saverio Marchese (1757-1833) : His Picture-Gallery and his Bequest to the Cathedral Museum'. P.H.W. -1982. Ed. M. Buhagiar. p.31.

www.gozocathedral.org.mt

19) *Giuseppe Calleja, op.cit., p.226.*

20) *A.N.V., Nutar Ignazio Molinos, 969/25, 24/12/1831, p.395.*

21) *Tagħrif ġentilment mogħti lili mill-Mgr. Giuseppe Gauci tal-Kattidral ta' Għawdex.*

22) *Giuseppe Calleja, 'The Works of Art in the Churches of Malta'. op. cit,. p.67.   Malta Letteraria, op.cit., p.226.*

23) *Serafin Borġ, 'Il-Madonna fil-Ħidma ta' l-Agostinjani f'Għawdex'. Gozo 1983, p.18.*

24) *Ġużepp Vella, 'Iż-Żebbuġ - Il-Parroċċa ta' Santa Marija', Gozo, 1987, p.43.*

25) *Vincent Borg, 'Il-Knisja Parrokjali ta' Ħal Tarxien', Malta 1973, p.79.*

26) *Il-Kwadru tal-'Magħmudija ta' San Publju' ġie esebit għall-wirja taċ-Ċentinarju Pawlin fl-1960 fl-Istitut Kattoliku l-Furjana. Il-Kumment tal-Gwida ta' din l-esebizzjoni kien dan, 'A rather pleasant composition with creamy colours and diligent presentation of accessories by a Maltese painter of the Favray circle who is looking forward to the neo-classical movement. (G. Grech?, G. Pace?) Ara 'Pauline Centenary Exhibition - Sacred Art in Malta.' Vincenzo Bonello/John A. Cauchi. Floriana 1960, pp.14, 15.   Fuq il-Kwadru ta' San Mikiel ara 'Seraphim M. Zarb/ Mario Buhagiar, 'St. Catherine of Alexandria. Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands', Malta 1979 p.96.   W.R. Zahra, 'A Guide-The parish Church of St. Catherine at Żejtun and its Environments', Ħamrun 1969, p.17.   E.B. Vella 'Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk', Malta 1827, p.116.*

27) *Mario Buhagiar, 'Iconography', op.cit.,p.158.*

28) *F.A. De Christophoro D'Avolos, 'Tableau Historique, Politique, Physique et Moral de Malte et de ses habitans, depuis les temps les plus recules jusqu'a la paix generale de Paris de 1814; avec de notes eritiques et litteraeres', Paris 1820, Tome I, p.168. Ikkwotat minn Albert Ganado 'Through the Artists' Eyes: Views of Malta and Gozo before 1900'. 7th Malta International Book Fair 26 - 29 October 1989, li ġentilment għaddieli t-text komplet dwar Busuttil u l-isem tal-ktieb u dak ta' l-awtur.*

29) *Għal-magħmudija ta' Marija Antonia Buhagiar ara Arkivju Bażilka ta' San Ġorġ, 'Liber Baptizatorum Sagre Paroeciali S. Georgii inceptus die pa. Feb. 1760, 2o. anno. Archipresbiteratus Don Jocabi Galea, xxiv Januarius 1773', p.179.   Maria Antonia aktarx kienet l-unika eredi tal-ġenituri tagħha. Għaż-żwieġ tagħha ara A.P.K.Gh., 'Matrimoni Celebrati nella Matrice dal 1768 al 1838', mhux ippaġinat.*

30) *C.E.M., St. A., S.P.V. No.4307 Anno 1810, p.50.*

31) *Op. cit. No.4308, Anno 1816, p.22.*
32) *Op. cit No.4303, Anno 1774, p.43.*

33) *Arkivju Parrokjali San Duminku, Valletta, 'St. A 1831', mhux ippaġinat. Mal-familja kienet tgħix ukoll Antonia Sacco ta' 15 il-sena, li aktarx kienet is-serva. Clemente missier Michele miet fit-2 ta' Marzu 1816 fil-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt. Ara A.P.S.P.V., Lib. Mort. 1803-1816, Vol XIV p.915, u St. A. 1810, p.97.*

34) *James Webster, 'Travels through the Crimea, Turkey and Egypt performed during the years 1825 - 1828, 'London, Vol.2, pp.261, 262.   Raphel Bonniċi Cali, 'Monsignor Francis Xavier - Maecenes of Fine Arts', Scientia, Vol.XIV, No.1, p.33.*

35) *L.N.M., Ms. 329, 'Ordini e Decreti - Gen.1808 a 31 Dic.1811', pp. 170, 171.   Andrew P. Vella, 'The University of Malta-A Bicentenary Memorial'. Malta 1969, p. 64.*

36) *Ibid.*

37) *A.N.R., Ms. Malta Misc. Papers, Vol.II: 'Relazione dello Stato delle Scuole di Disegno nell'Università di Malta, Dal 1802 al 1850', mhux ippaġinat. Dan ir-rapport li aktarx ġie miktub minn xi ħadd b'ideat progressivi u kontra l-istil tradizzjonali barokk, jikkritika bl-aħrax il-mod kif kienet immexxija l-iskola tad-Disinn speċjalment il-kors ta' l-arkitettura. Kif jaħseb Dumink Cutajar fl-istudju tiegħu 'Trends and Influences in Maltese Art 1800-1964' p. 241, dan ir-rapport aktarx ġie miktub minn Giuseppe Hyzler li kien magħruf bħala wieħed minn Nazzareni u mill-iskola tal-'Puristi'. Għaldaqstant ma kienx jaqbel ma' Busuttil*

www.gozocathedral.org.mt

fuq stil u applikazzjoni. Iżda ta' min jinnota li dan l-antagoniżmu ma' ttehidx mill l-aljiev u ħabib tiegħu, Giuseppe Calleja. Ara 'The Works of Art in the Churches of Malta and the Governor's Palace Valletta', ta' Calleja tradott minn G.A. Godwin, Malta 1881, pp.48, 67. Ara wkoll Michael Ellul, P.H.W. 1982, op. cit., p.8.

38) L.N.M., Ms. 329, op. cit., p.p.. 171, 172.

39) Giuseppe Calleja op. cit., p.227. Stefano Żerafa, 'Storia Artistica di Malta' - Valletta, 1850, p. 34.

40) Farrugia kien inċiżur tajjeb. Studja l-Accademia di San Luca u f'partijiet oħra ta' l-Italja taħt l-aħjar mgħallmin u għadda l-aħħar sentejn u nofs ta' ħajtu jgħallem id-disinn fl-iskola tal-Gvern tar-Rabat, Għawdex, fejn miet aktarx fi stat ta' faqar fit-8 ta' April, 1861 fl-isptar ċivili u ġie midfun fil-knisja ta' San Ġorġ. Ara Arkivju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ: Lib. Mort., Vol. 4: mhux ippaġinat.

41) F'Ruma, Hyzler kien dixxiplu u ħabib ta' Friedrich Overbeck fil-Moviment imsejjaħ tan-'Nazzareni'. Xi barranin li żagħru Malta fi żmienu kienu jqisuh bħala l-aħjar artist Malti, fosthom Sahra Austin, Joseph Bonomi Jr. u Robert Hay.

42) Ħa l-ewwel premju fl-Iskola tad-Disinn ta' l-Universita. Wara li laħaq qassis, Bellanti sar librar tal-Librerija Pubblika fl-1813. Fl-1830 ġie maħtur dekan tal-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina. Meta kienet qegħda titħammel il-Ġgantija għal ħabta ta' l-1820, Bellanti kien attenda f'xi fażi ta' din l-'eskavazzjoni' u agħmel xi disinni tat-tempji li llum dawn huma mitlufa. Pitter ukoll kwadri biż-żejt li huma kopji ta' kapolavuri Taljani. Ara Librerija ta' l-Universita ta' Malta: Ms.H. Fomosa No. 262 (v). p. 84.

43) L'Arte, No. 93 Anno II, 15 Nov. 1866. Biografia. Aktarx li Bondi kien l-uniku Għawdxi li tgħallem taħt Busuttil. Barra li kien kanonku tal-Matriċi ta' Għawdex, kien ukoll perit u pittur. Fost ix-xogħlijiet għandu il-pjanta tal-knisja parrokjali tax-Xagħra u dik ta' Kerċem u l-kwadru ta' San Anton Abbati fil-kappella ta' dan il-qaddis fix-Xagħra.

44) Ara 'Catalogue of sale by Auction... at Villa Leone... on October 24, 1990 and the following days... Moses Sammut Fine Art Auctioneer and Valuer'; Lot no. 488 'Antique pencil drawing by Stefano Żerafa, Study of a youth, 1810'. Taħt din it-tpinġija kien hemm din il-kitba, 'Terza Classe, Secondo Premio Stefano Żerafa 1810'. F'dan l-irkant Lot. Nos. 472 u 473 kienu jirrappreżentaw żewġ tpinġijiet bil-lapis, xogħol ta' Michele Busuttil waħda turi 'Arianna' (52×39cm) u l-oħra imsejħa 'Portrait of a girl' (54×41cm). Lot no. 447 kienet mniżżla hekk : 'Antique pencil drawing by Luigi Busuttil Study of a Sculptured Bust, dated 1815, framed'. Għandi nformazzjoni li dawn it-tpinġijiet ma' oħrajn inxtraw ftit xhur qabel bl-għola offerta mill-post fejn darba kien hemm id-dar fejn kien joqgħod u miet Luigi Busuttil, Triq Palma kantuniera ma' Triq Sant' Indrija, Victoria. Barra li kien tabib, Żerafa għamel isem bħala naturalista u kien l-ewwel wieħed li ddeskriva l-pjanta 'Widnet il-Baħar' li llum hija l-pjanta nazzjonali ta' Malta. Fl-1829 sar Professur tal-Botanika u għalhekk kien ukoll kollega ta' Busuttil.

45) A,N.R., Register of petitions No. 8; Jan-Dec. 1825; Dan il-manuskritt huwa xi ftit nieqes mill-kitba fit-truf tal-paġni minħabba ħsara man-naħa tal-legatura. Il-petizzjoni tgħid hekk: 'Having practiced the art of historical painting in the college of this Island for nine years, is anxious to improve himself in Continental studies and prays for such assistance as will enable him to pursue them particularly at Rome, his family being much reduced in condition. - The request of the petitioner cannot be granted. By order. (Signed) Fred. Hankey. 4 Feb. 1825'

46) Ara l-lista tax-xogħlijiet ta' Busuttil; Nru. 71

47) Fil-Biblijoteka hemm żewġ kmamar li huma ddekorati b'pittura fis-saqaf b'disinni kuluriti. Dawn huma ż-żewġ kmamar li bħalissa qegħdin jintużaw mill-istaff tal-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi li l-bieb li jagħti għalihom jinsab fin-nofs tat-taraġ prinċipali. dawn iż-żewġ soqfa ġew restawrati fl-1976. Ma nafux minn kien id-disenjatur jew il-pittur tagħhom. Jista' jkun ukoll li d-disinni li nstabu fil-kollezzjoni ta' Busuttil kienu ta' dawn is-soqfa. Iżda dan ma jistax jiġi konfermat qabel ma wieħed ikun jista' jeżamina u jqabbel dawn id-disinni.

48) A.N.R., Misc. Papers Vol.II, 'Relazione...', fol.5. Ara wkoll M. Ellul P.H.W. 1982, op.cit., p.8.

49) Andrew P. Vella op. cit, p. 64.

50) A.V. Laferla 'British Malta', Vol. I, Malta 1936, pp. 108-110.

51) It-Tlieta l-oħra kienu Giuseppe Hyzler, Giovanni Farrugia u Pietro Paolo Caruana. Ara A.N.R.,

www.gozocathedral.org.mt

Letter Book, 1818-1820, No. 5, p.106.

52) Arkivju tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, 'Miscellanea Notitiarum Selecta Ab Ipso Primo Parroco Antonio Cauchi pro. Archivio Sanctae Parochialis Eccleesiae Pagi Hanselem', mhux ippaġinat.

53) Stefano Żerafa op. cit., p.34.

54) Dan il-buzzett huwa l-uniku wieħed li nafu li ġie mogħti jew mibjugħ minn Busuttil lill-klijent. Fil-fatt il-prokuratur tal-knisja ta' Għajnsielem, Andrea Xuereb, kien ħallas 200 skud għall-kwadru titulari. L-abbozz illum jinsab miżmum b'għożża għand niesu fl-istess raħal.

55) A.N.R. Rec. Secretary LI No. 7, 1826-1827, Schedule of Fixed Civil Establishments.

56) Government Gazzette, 31 October 1827, No872, p.273. Ringrazzjament Chev. Dr. Albert Ganado li ġentilment għaddieli din l-informazzjoni.

57) A.N.V., Nutar Ignazio Molinos, R366/23, 22/10/31, pp. 234 (v) - 238 (v). Din il-propjeta kienet fil-blokk ta' bini fuq in-naħa tal-Punent ta' Starda Teatro bejn Strada Stretta u Strada Forni.

58) Michael Ellul 'Giorgio Pullicino 1779-1851, Architect and Painter', Ed. John Azzopardi, Malta 1989, p. 37. A.U.M., No.3, Letter Book 1825-1836, pp.57-58.

59) A.N.R., Letters from the Chief Secretary, LI No. 7 op.cit.

60) A.N.V., Nutar Ignazio Molinos, R366/23, 22/10/1831, pp.234 (v) - 238 (v); 14/10/31, pp. 219 (v) - 231 (v).

61) Arkivju Qorti Għawdex, Corte Civile dell'Isole Gozo e Comino, 'Il Pittore Michele Busuttil vs. Gio. Maria Camilleri', 5/6/30; 'Michele Busuttil vs. Giuseppe Buttigieg e Guglielmo Cauchi', 3/2/1831. F'dawn iż-żewġ kawżi il-prokuraturi għall-Busuttil kienu l-avukat Ambroġju Mercieca u n-Nutar Anġlu Gatt respettivament. Ara wkoll A.N.Gh., Nutar Giovanni Cassar, 4/6/1830, pp. 346-7. Għal dan l-att, Michele Busuttil kien preżenti Għawdex.

62) A.N.V., op.cit., 19/3/1831, pp. 121 (v), 122.

63) Sir Temi Zammit, 'L-Imsida u San Ġiljan', Malta 1930, p.10.

64) A.N.V., op.cit. 14/10/1831, pp.309-309 (v).

65) Ibid., 19/10/1831, p.310.

66) Arkivju tal-Parroċċa tal-Porto Salvo Valletta, Lib. Mort., 1831-1842, p.15.

67) A.N.R., Letter Book No. 11, June 1830-January 1832, p.459. A.U.M. No.1, Govt. Letters 1823-1832, p.260. No.3, Letter Book 1825-1836, p.64.

68) Antonio Espinosa Rodriguez, 'The Environment in XIX Century Malta' - in 'The Schranz Artists', Ed. John Azzopardi, Malta 1987, p.11.

69) A.N.V., Nutar Nicola Azzopardi, 8/549, 23/1/1803. Il-ftehim li sar f'dan il-kuntratt bejn l-iskultur Marjanu Gerada u l-klijent tiegħu Ignazio Camilleri tas-Siġġiewi kien li Gerada kellu jagħmillu statwa ta' l-injam tal-Madonna tar-Rużarju. Din kellha qabel xejn meta tkun lesta tiġi approvata mill-pittur Michele Busuttil u l-iskultur Giuseppe Casha. Din l-informazzjoni ġiet ġentilment mogħtija lili minn Nutar Eugene Montanaro li għamel riferenza għaliha fl-artiklu tiegħu 'L-Iskultur Marianu Gerada', in 'Leħen Is-Santwarju 'Madonna tal-Grazzja' No. 45, 1988 p.8.

70) Domenic Cutajar / Emmanuel Fiorentino, op.cit., p. 238, nota 35. Ta' min jinnota li mal-ħajt tat-taraġ ħdejn il-bieb li jagħti għall-gallerija ta' l-Arti ta' l-Accademia di San Luca hemm biċċa skultura tat-tafal xogħol ta' Casha li tirrappreżenta xena klassika. Tant qiegħda fil-għoli li wieħed ma jistax japprezzaha sewwa.

71) A.N.V., Nutar Ignazio Mulinos, 24/12/1831, pp. 401, 401 (v).

72) John Azzopardi 'Count Saverio Marchese (1757-1833) : His Picture Gallary and His Bequest to the Cathedral Museum', in P.H.W. 1982, p.30.

73) Saverio Marchese 'PRIMO COSTA. Spesa della Raccolto di Stampe, Quadri e Disegni ed anche argenti e d'altri giocali fatte dal Conte Saverio Marchese fin dal anno 1792'. fol. 45 (v), 48 (v), 53 (v), 73 (v).

74) A.N.V. , Nutar Ignazio Molinos, op. cit., p.318. Fit-23 ta' Awwissu, 1830 Busuttil xtara 12 il-kwadru taż-żejt antiki minn għand Salvatore Fava.

www.gozocathedral.org.mt

75) *Mużew tal-Kattidral ta' l-Mdina, Print No. 448.*

76) *Ibid. No. 449.*

77) *Malta Government gazett, 28 November, 1822, No.535, p.3299.*

78) *John Azzopardi, op.cit., p.29.*

79) *C.E.M., St. A. S.P.V., No4312 Anno 1830.*

80) *Malta Government Gazett, 13 July, 1849, Electrical Register for 1st. District, Parish of St. Paul Valletta. Reġistru Publiku Valletta, Registro Atti Di Morti, Reg. No. 33, (2432-3213) Att 2766 ta' l-1869, p.112.*

81) *A.P.S.P.V., Lib. Bapt., Anno 1828, p.129. Anno 1830, p.267.*

82) *Ġużè Attard Tabone, Taħdita li ġiet mogħtija fuq Salvatore Busuttil f'seminar organiżżat mill-Ħbieb tal-Mużew tal-Kattidral ta' l-Mdina f'dan il-Mużew fit-30 ta' Mejju, 1987. Mhix ippubblikata*

83) *Saverio Marchese, 'PRIMO COSTO...', op.cit., p.72.*

84) *Mario Buhagiar, 'Paintings in Gozo - A Concise Analytical History', fil-ktieb 'Gozo - The Roots of an Island', Malta, 1990, Ed. Charles Cini, p.110. Joseph Bezzina, 'Sannat fi Ġrajjiet Għawdex', Gozo 1989, pp.333, 441.*

85) *W.R. Zahra, Op. Cit., p.10. Din l-inċiżjoni (Dim. 71.5×39.5cm) tinsab fil-Museum tal-Knisja Parrokjali taż-Żejtun u hija kopja tal-kwadru b'differenzi żgħar speċjalment fil-personaġġi li jidhru fil-lemin tiegħu. In-naħa t'isfel ta' l-inċiżjoni hemm din l-iskrizzjoni:- 'Ex Archetypo Colorato Michaelis Busuttil Melitensis Publici Diagrammatis Praeceptoris - Opus Aloysii ejus Filii Calamo Elaboratum Ann. MDCCCXIX.*
De Duabus Ajacis, et D. Publii Tabellis.
EPIGRAMMA / LONDINI AJAX, PUBLIUS HIC: SI PUBLIUS ESSET / AJACE ANTERIOR NON FORET IPSE DOMI.

86) *A.N.Għ., Nutar Aloisio Calleja Pace, Vol.5, Atti 88, 89, 12/6/1876 pp.437-448.*

87)*A.P.K.Għ., Lib. Mort., Vol.4, p.279.*

88) *Alberto de la Marmora, 'Lettere a M. Raoul Rochette, sur le temple de l'Ile de Gozo, dit la Tour des Geants'. Nouvellas Annales publiees par la section francaise de l'Istitut archeologique, I (1836), I.*

(89) *Alexander Bonnici, 'In-Nadur', Malta 1988, Vol.2, pp.39,66,75,287.*

(90) *Joseph Bezzina, op.cit., pp. 333, 427, 433.*

91) *Serafin Borġ, 'Ix-Xewkija Tul iż-Żmenijiet', Għawdex 1973, p.24.*

92) *Il-Perit Mikiel Busuttil twieled ir-Rabat Għawdex u ġie mgħammed fil-knisja ta' San Ġorġ fis-7 ta' Mejju, 1839. In-nies ta' Ħal Tarxien kienu jsibuh bħala 'Is-Surmast taċ-Ċimiterju'. Kellu ġnien fejn illum għandu d-dar il-perit Duminku Mintoff. Għalkemm fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata għandu monument b'bust ta' l-irħam li jinsab fit-taraġ prinċipali, il-perit Busuttil ġie midfun fil-knisja ta' Ħal Tarxien fejn qabel sar il-paviment ta' l-irħam tal-korsija, kellu lapida li llum tinsab merfugħa f'kamra żgħira fis-sagristija. Din il-lapida fiha din l-iskrizzjoni, 'HIC IACET / MICHAEL BUSUTTIL / ARCHITECTUS / DE HAC PAROCHIALI ECCLESIA / PRAECLARE / MERITUS / QUI / ANNOS NATUS LXIX / DIE XII FEBRUARII MCMVIII / OBIIT / REQUIESCAT IN PACE'. Inrodd ħajr ta' l-għajnuna li sibt biex ġbart dan it-tagħrif lill- Mons. Professur Carmelo Sant, lill-Kav. Rafel Bonnici Cali u lill-Kelinu Cachia editur tal-pubblikazzjoni parrokkjali 'Tarxien'. Ara wkoll Mario Buhagiar, 'Decoration and Architecture - The Delicate Relationship In Architecture In Malta - II: Evolution of a Culture, SACES, MALTA 1990, p.39.*

93) *L.N.M., Library Ms. A.D.19, p.335.*

94) *Fortunato Mizzi kien avukat u għal bosta snin għamilha ta' segretarju ta' l-Uffiċjal Ingliż inkarigat mill-amministrazzjoni t'Għawdex. Qabel miet, il-Logutenent Gvernatur t'Għawdex, Lieut. Col. John Otto Bayer għamlu prokuratur tiegħu. Jiġi n-nannu ta' Fortunato Mizzi 'Il Padre della Patria' u l- bużnannu tal-Prim Ministru Nerik Mizzi.*

95) *A.P.K. Għ., 'Liber Defunctorum Sanctae Matricis Ecclesiae', Vol.4, p.31.*

www.gozocathedral.org.mt

96) *Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex, Letters No1, 1803-1804, mhux ippaġinat. 'Nota della speronare del Gozo col nome de loro rispettivi Patroni e numero fissato'.*

97) *A.N.Għ., Nutar Giovanni Cassar Att 87, 4/6/1830, pp. 346-347.*

98) *A.N.V., Nutar Ignazio Molinos, R366/23, pp. 299-300 (v)*

99) *A.Q.Għ., Mandati, 1829, Vol.3, pp.222-3, Vol.4, pp.229-30, Vol.5, pp.278-9, 1830, Vol.1, p.10. A.N.Għ., Nutar Michelangelo Refalo Vol. 1, 21/9/1822, pp.495-5 (v).*

100) *Arkivju Parrokkjali Għajnsielem, op.cit., 'Il detto quadro fu stato dipinto dall'anzi detto Sigr. Busuttil al Gozo nel Rabato Strada Dietro S. Francesco'.*

101) *Museum Annual Report, 1933-34, P.xxi. Fil-Mużew Nazzjonali tinsab ukoll 'matrix' tar-ram li tirrappreżenta xbiha tal-Madonna bil-Bambin li aktarx hija ta' din l-inċizzjoni. Fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Mdina tinsab kopja oħra ta' din l-inċizzjoni, Print No. 447.*

102) *Ibid., 1936-37, p.iv.*

103) *Ibid. p. xxii.*

104) *Blanch Lintorn Simmons, 'The Description of the Governor's Palaces in Malta and Catalogue of the Pictures', Malta 1895, p.173. Luigi Rigord (1757-1823) kien qassis magħruf bħala poeta fit-Taljan u Latinista tajjeb. Msemmi għat-traduzzjoni tiegħu tal-poeżija ta' Catullus mill-Latin għat-Taljan. Għama fi xjuħitu u midfun fil-Knisja tal-Ġiżwiti tal-Belt fejn għandu skrizzjoni fil-korsija li tgħatti lil qabru. Milli jidher kienet teżisti ċerta relazzjoni bejn Busuttil u Rigord għax barra din ir-ritratt, Busuttil pitter ukoll l-arma tal-familja Rigord (ara l-lista tax-Xogħlijiet). Luigi Rigord kiteb ukoll poeżija u epigrammi minn xi daqqiet kontraversjali u aggressivi u fl-istess ħin umoristi li għadhom qatt ma ġewx ippubblikati bħal per eżempju din l-istrofa:*

'Malta, scoglio fatale,
Terra dei ladri ed imbroglioni,
O tira vento forte o calma a morte,
Terra di processi e processioni'.

F'wieħed mill-Manuskritti fil-Biblijoteka Pubblika (Lib. Ms.703) hemm strofa li aktarx hija wkoll kitba ta' Rigord.

'Halip, Halip,
O Cara Partia mia fertil Terreno
Di latte ognor ma insieme di Veleno
Il Velen che San Paolo un di gia tolse
Dalla vipera, in noi tutto si accolse

Taħt din l-istrofa hemm dawn iż-żewġ versi:

'M.....scoglio d'ipocriti ed imbroglioni,
Capital di Processi e Processioni'.

(Nirringrazzja lil Chev. R. Bonnici Cali' li għaddieli l-ewwel strofa u lis-Sur Anġlu Dugall li ġibidli l-attenzjoni għal dan il-manuskritt).

105) *Din il-pittura aktarx kienet turi ċ-ċerimonja tas-16 ta' Diċembru, 1818 meta l-Gvernatur Sir Thomas Maitland għamel l-ewwel investazzjoni ta' l-Ordni ta' San Mikiel u San Ġorġ bħala l-ewwel Gran Mastru ta' din l-Ordni. Wara ngħata t-titlu ta' Gran Mastru għadda għal membru tal-Familja Rjali Ingliża. Ara A.E. Abela, 'The Order of St. Michael and St. George and Maltese Knights of the British Realm', Malta 1988, pp.10-25. A.V. Laferla op.cit., pp.118, 119.*

106) *Aktarx dan kien ir-ritratt ta' Dr. Luigi Gravagna li kien tabib f'Għawdex fiż-żmien u wara l-Pesta ta' 1814 u ħawn żamm djarju bejn Diċembru 1813 sa Ġunju 1815. Ara L.N.M., Library Ms. 1432. Wara għamel żmien twil f'Malta bħala tabib tal-pulizija.*

107) *Sigismondo kien missier l-iskultur Ferdinando, il-kuġin ta' l-iskultur l-ieħor Vincenzo Dimech u l-bużnannu tar-ribell u awtur Manwel Dimech. Kien professur ta' l-Istudji Umanistiċi fl-Università u kien jogħhod Nru. 69 Strada Teatro fiit bibien l-isfel mid-dar li kellu Busuttil. L-istatwa ta' Ġesu' u Marija fil-Bażilika ta' San Ġorġ hija xogħol tiegħu (1810). Ara wkoll Oliver Friggieri, 'L-Iskultur Vincenzo Dimech u l-Istatwa ta' San Publju', Malta 1979, p.1 u 'Il Filologo Maltese', No.23 Nuova Serie, 27 Ottobre 1840, p.150.*

108) *Michael Ellul, 'Art and Architecture in Malta in the Early nineteenth century', op. cit., pp.15,16.*

Id-disinn ta' dan il-monument huwa tal-Kurunell George Whitmore u l-Iskultura hija ta' Vincenzo Dimech. Għall-ewwel darba infetħet kunpetizzjoni għal kulħadd biex jiġi magħżul l-aħjar disinn. Għalhekk jista' jkun li d-disinn u l-mudell fil-kollezzjoni ta' Busuttil kienu minn dawk li daħlu għal kompetizzjoni u ma ġewx magħżula. Jista' jkun ukoll li kienu dawk oriġinali ta' Whitmore. Dnub li ma nafux l-awtur tagħhom.

109) Carlo Antonio Barbaro (1721-1793) kien kollezzjonista tal-kalibru ta' Saverio Marchese, Kien jinqala' biex ipinġi u f'kollezzjoni privata hemm attribwit lilu serje ta' akwarelli li jirrappreżentaw suġġetti ta' l-iskola naturali. Kien joqgħod quddiem il-knisja tal-Ġiżwiti, Strada Merkanti, tefgħa ta' ġebla l-bogħod mid-dar tal-Konti Marchese. Dan il-ktieb ġie ppublikat sena wara mewtu. Kien jiddelitta ħafna bl-arkeoloġija u ta' spiss frustieri ta' kultura għolja li kienu jinzertaw Malta kienu jżuru d-dar tiegħu li fiha nfisha kienet Mużew. Ara x'jgħid fuqu C.S. Sonnini fiż-żjara tiegħu f'Malta bejn Mejju u Ġunju ta' l-1777 fil-ktieb tiegħu, 'Travels in Upper and Lower Egypt', London 1800, p.39.

110) F'Manuskritt fil-pussess ta' Chev. Dr. A. Ganado, Paolo Pullicino jiddeskrivi lill Busuttil hekk: 'Michele Busuttil fu pittore che tenne scuola di pittura in Valletta ai primi anni del secolo 19°. Fu pittore molto valente e lascio nelle chiese di Malta e Gozo molte sue buone opere'.

111) Ibid. Dwar Giorgio Pullicino, Paolo Pullicino jikteb dan li ġej: 'Giorgio Pullicino fece i suoi primi studii sotto la direzione del pittore Michele Busuttil'. Nirringrazzja lill-Chev. Dr. A. Ganado li tagħni l-permess nikkwota minn dan il-manuskritt.

LISTA TA' ABBREVJAZZJONIJIET

A.N.Gh	*Arkivju Notarili, Għawdex.*
A.N.R	*Arkivju Nazzjonali Rabat Malta*
A.N.V	*Arkivju Notarili, Valletta*
A.P.K.Gh	*Arkivju Parrokjali Katidral Għawdex*
A.P.S.P.V	*Arkivju Parrokjali San Pawl Nawfragu, Valletta*
A.P.Z	*Arkivju Parrokjali, Żejtun*
A.S.L	*Accademia di San Luqa*
A.U.M	*Arkivju Universita, Malta*
Bapt	*Baptizatorum*
C.E.M	*Curiae Episcopalis Melitensae*
Ibid	*Fl-istess Volum*
Lib	*Liber*
L.N.M	*Librerija Nazzjonali Malta*
Matr	*Matrimoniorum*
Mort	*Mortuorum*
op. cit	*Opus citatum*
P.H.W	*Proceedings of History Week*
St. A	*Status Animarum*

www.gozocathedral.org.mt

bubbles
BATHROOMS

BUBBLES BATHROOMS
General Importers,
Bathrooms & Kitchen
Equipment
and
Ceramic Tiles

Showroom & Office
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo.
Tel: 552421, 556248, 552993
Telex: 853 FRANCA
Fax: 552413

THE UNIQUE PLACE IN GOZO
FOR QUALITY AND PRICE

FRANCIS CARUANA LTD.

HARDWARE:-

72 / 73, REPUBLIC STREET, VICTORIA, GOZO.
Tel: 556248

TIMBER:-

N.B., TAFLIJA ROAD, VICTORIA, GOZO.
Tel: 552993

www.gozocathedral.org.mt

Riflessjonijiet Quddiem
IL-KWADRU TAL-ASSUNTA TITULARI
fil-Katidral

Kitba ta' Mons. Isqof N. Cauchi

L-Arti Sagra, propju għaliex hija, għandha qawwa li tqanqal fl-ammiraturi tagħha, ċerti emozzjonijiet estetiċi, li xi drabi jilħqu wkoll grad ta' esperjenza reliġjuża u spiritwali mhix kommuni. Iżda biex inġarrbu ftit jew wisq din l-esperjenza reliġjuża, jeħtieġ li nħarsu lejn il-kapolavur tal-arti mhux biss biex nifluh skond il-kriterji artistiċi, iżda wkoll fil-kuntest tal-fidi, jiġifieri b'moħħna mdawwal u b'qalbna mħeġġa b'dak li tgħallimna u tfakkarna r-Reliġjon għażiża tagħna. Jekk nagħmlu hekk, inkunu kapaċi li fl-opra artistika naqraw messaġġ siewi għall-ħajja nisranija tagħna, barra milli nħossu fina xi ħaġa li tferraħna b'ferħ tar-ruħ.

Fil-Kwadru ta' Busuttil, hemm tliet kategoriji ta' personaġġi, il-Madonna, l-anġli li qegħdin jerfgħuha lejn is-Sema u l-appostli li qegħdin iħarsu lejha; iżda bla dubju ta' xejn il-figura ċentrali hija dik

GOODYEAR

WEDGE and V-BELTS

Premium Quality Belts That Offer More Than Any Other Standard Belts Of Their Kind

YOUR POWER CONNECTION

MACHINERY V-BELTS

in all sections & size lenghts up to 590''

Sections Available:

★ 10Z/M ★ SPZ ★ 13A/SPA ★ 17B/SPB ★ 22C/SPC ★ SPC ★ 25M ★ 32D&E ★ Variable Speed Belts ★ Conveyor Belts ★ Timing Belts ★ Double Side Timing Belts ★ Office Machinery Belts ★ Double V-Belts ★ Multi VVV-Belts

and all sorts of

WATER High Pressure and CHEMICAL HOSES

ALL BELTS Are Matched For Life. Oil Resisting & Static Conducting

A Good Job Requires The Best

Sole Distributors:-

SCICLUNA ENTERPRISES LTD.

165, CONGRESS ROAD - MOSTA

Tel: 432992 / 432997 **Fax: 432899** **Tlx: MW 1582**

ABSOLUTELY NO CONNECTION WITH ANY OTHER FIRM

LINO - TA - RIU

www.gozocathedral.org.mt

tal-Imqaddsa Verġni Marija. Il-kompożizzjoni tal-pittura hija magħmula b'ċertu mod li kollox jiġbed l-attenzjoni fuq il-Madonna anzi fuq il-wiċċ għażiż għażiż tagħha. Ir-raġġ ta' dawl li hemm mitfugħ fuq wiċċha, kif ukoll il-ħarsa ta' l-anġli u dik ta' l-appostli skantati lejha, kollox jindika li l-artist ried li kull min jammira u jimmedita il-kapulavur tiegħu jibda' jħares lejn il-Kbira Omm Alla u jsellmilha b'qima u mħabba.

Il-bjuda tad-dija li tidher fuq il-wiċċ ħelu tagħha hija sinjal ta' l-isplendur tal-grazzja u tal-Qdusija li tfawwar lil ruħha. Il-ħarsa tal-Verġni Marija hija indirizzata lejn is-sema, lejn Alla li huwa l-uniku oġġett ta' mħabbitha, lejn Kristu, Bin Alla u Binha, li daħal qabilha fis-smewwiet biex iħejji post ta' ġieħ għall-omm maħbuba tiegħu. Jidher ċar u kważi jinħass li l-figura ewlenija mhix statika, iżda hemm dinamiżmu. Merfugħa fuq is-sħab, b'riġilha x-xellugi mdendel 'l isfel lejn l-art. Bil-Mant tagħha iperper mar-riħ, kollox jagħti ideja tal-moviment: huwa t-transitu jew passaġġ tal-Verġni Mbierka minn din id-dinja għall-glorja tas-sema. Mhux biss huwa t-tmiem tal-pelegrinaġġ tagħha fuq l-art, kif inhi l-mewt għal wieħed minna, iżda hija wkoll daħla trijonfali bir-ruħ u l-ġisem "fil-belt li tibqa' għal dejjem." Dan il-moviment mhux ħaġa oħra ħlief il-ġrajja li l-Knisja tħabbrilna bil-ferħ u tistedinna biex nemmnuha: "Għelm kbir deher fis-sema, mara mlibbsa bix-xemx." (Apk. 12.1)

L-arti nisranija tinqeda ħafna drabi b'ċerti dettalji jew simboli biex twassal il-messaġġ tagħha, messaġġ li ma jistax jitfisser permezz tal-kliem, iżda biss permezz tal-forom u l-ilwien. Biex insemmu xi ftit minn dawn is-simboli jewpartikularijiet li bihom jinqeda' l-pittur, ispirat mill-Fidi Nisranija, il-għera jfisser il-faqar spiritwali u n-nuqqasijiet tal-bniedem imbiegħed minn Alla, filwaqt li l-ilbies jew panneġġ, li huwa dak li bih il-bniedem jiżżejjen minn barra, fl-arti jfisser ħafna drabi , it-tiżjin tar-ruħ, jiġifieri l-perfezzjoni nisranija u milja tal-virtujiet evanġeliċi. L-abbundanza tal-ħwejjeġ li bihom tidher imlibbsa l-Madonna kif ukoll il-kuntrast bejn il-kulur ċelesti u dak ħamrani jindikaw dik il-milja tal-qdusija li kien hemm fiha, u l-varjeta tal-virtujiet u tal-merti tagħha, mhux biss il-virtujiet attivi iżda wkoll il-virtujiet passivi.

Anki l-ġesti tal-idejn għandhom tifsira speċjali, fil-pittura sagra: hekk l-idejn magħqudin flimkien ifissru atteġġjament ta' talb u l-id il-waħda merfugħa 'l fuq hija l-qagħda ta' min qed ixandar il-Vanġelu. Id-dirgħajn miftuħa beraħ u merfugħa 'l fuq kif tidher l-Assunta fil-Kwadru tagħha, il-ħarsa ta' għajnejha u l-atteġġjament kollu tagħha ifissru wisq tajjeb ir-rikonoxxenza tagħha lejn Alla, u l-ferħ spiritwali tagħha. Tisthajlek qed tisma' ħierġa minn fommha l-istess għanja li għanniet darba fid-dar ta' Żakkarija : "Ir-Ruħ tiegħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u jifraħ l-ispirtu tiegħu f'Alla l-ħallieq tiegħi." (Lq. 1...)

Il-ferħ spiritwali li huwa mfisser fit-tbissima tal-Verġni ta' Nażareth, bħal mewġa żgħira jinfirex ukoll fuq wiċċ l-appostli li juru wkoll bil-ġesti ta' idejhom l-istagħġib tagħhom għall-miraklu hekk kbir tal-qabar vojt.

L-għajnejn tal-appostli mil-livel ta' l-art u minn angolaturi differenti huma indirizzati lejn il-Madonna u fuqha jitfgħu l-ħarsa ta' ammirazzjoni u ta' stennija. Donnu jittwettaq hawnhekk dak li ġara meta Kristu tela' fis-Sema, u għajnejn id-dixxipli baqgħu msammrin iħarsu lejn is-sħab hekk li ġew l-anġli u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesu' li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer." (Atti 1,11)

Aħna wkoll bħall-Appostli nitfgħu ħerqana l-ħarsa tagħna ta' qima u ta' mħabba lejn il-Verġni Marija, meħuda fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem u aħna wkoll nisimgħu leħen tal-Konċilju li jgħidilna: "Omm Ġesu' hija l-bidu u x-xbieha tal-Knisja ta' li ġej... u sakemm jasal jum il-Mulej tidher bħala sinjal jiddi ta' tama u ta' faraġ għall-poplu t'Alla fil-mixja tiegħu lejn is-sema. (L.G. 68)

www.gozocathedral.org.mt

RAINDROPS

Tel: 554114 - 551254

Pet & Garden Centre

The Ideal Place to find all pet and garden requisites including:

- A large selection of pesticides, herbicides and fertilizers;
- A range of sprayers from 1 to 16 litres including motorised ones;
- Artificial or fresh flower arrangements for any occasion;
- Seeds, bulbs and fruit trees;
- Indoor and exotic outdoor plants;
- Pots and decorative pot covers;
- Pets including pure breed rabbits;
- Pet foods.

- FREE EXPERT ADVICE ON PLANT DISEASES -

www.gozocathedral.org.mt

Programm ta' Ċelebrazzjonijiet Speċjali fil-KATIDRAL T'GĦAWDEX fl-Okkażżjoni tal-Bi-Ċentinarju (1791 - 1991) mit-Tpinġija tax-Xbieħa ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru Titulari ta' l-imsemmi Katidral

27 ta' Lulju - 15 t'Awissu 1991

www.gozocathedral.org.mt

Is-Sibt, 27 ta' Lulju:
JUM IL-QDUSIJA SAĊERDOTALI
Mid-9.00 a.m. san-12.00 p.m. fil-Konservatorju ta' l-Isqof sigħat ta' ġabra u riflessjoni spiritwali għas-saċerdoti tal-Presbiterju u għall-membri tal-Kunsill Parrokkjali. Kelliemi Fr. J. Galdes.
Fis-6.30 p.m. Pellegrinaġġ bil-Kwadru ta' l-Assunta li għalaq 200 sena mit-tpinġija tiegħu minn Pjazza Sabina għall-Katidral. Il-Banda Cittadina 'Leone' tieħu sehem b'marċi reliġjużi u jingħad ir-Rużarju.
Fis-7.00 p.m. Mons. Isqof, immedjatament wara l-wasla tal-Kwadru titulari fil-Katidral, imexxi Konċelebrazzjoni mas-Saċerdoti tal-parroċċa tal-Katidral.

Il-Ħadd, 28 ta' Lulju:
JUM MIKIEL BUSUTTIL
Fil-11.30 a.m. tinfetaħ wirja tax-xogħolijiet artistiċi ta' Mikiel Busuttil fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ftuħ u tberik minn Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna.
Fil-5.00 p.m. Mons. Arċipriet iqaddes b'radd ta' ħajr 'l Alla talli nqeda b'Michele Busuttil biex jitpinġa dan il-Kwadru.
Jiġu mistiedna l-qraba tal-Pittur Mikiel Busuttil.

It-Tnejn, 29 ta' Lulju:
JUM IL-MISSIER FIL-PARROĊĊA
Fis-7.00 p.m. Patri Joseph Saliba, Kapuċċin, f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA, IL-MARA L-ĠDIDA'' Jitella 'hamper' fost il-missirijiet preżenti. Ir-Rużarju jingħad minn missier u l-qari, l-offerti, etc.. fil-quddiesa jsir wkoll minn missirijiet.

It-Tlieta, 30 ta' Lulju:
JUM L-OMM FIL-PARROĊĊA
Fis-7.00 p.m. Patri Joseph Saliba, Kapuċċin, f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA, IL-MARA LIEBSA X-XEMX''. Ir-Rużarju jingħad minn omm. Il-qari, l-offerti, etc... fil-quddiesa jsiru minn ommijiet u jiġi mtella' 'hamper' fost l-ommijiet preżenti.

L-Erbgħa. 31 ta' Lulju:
JUM IT-TFAL
Fis-6.30 p.m. tluq ta' pellegrinaġġ miċ-Ċentru bit-tfal, bix-xbieħa ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru titulari.
Fis-7.00 p.m. Patri Joseph Saliba, Kapuċċin, f'quddiesa jagħmel l-omelija bis-suġġett: ''IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, IL-MARA TA' KULL ŻMIEN'' Ir-Rużarju, l-qari, l-offerti etc... fil-quddiesa jsiru mit-tfal. It-tfal preżenti jiġu mogħtija ġelat u Mons. Arċipriet joffri premju lill-aħjar żewġ studenti ta' kull ċentru tad-Duttrina fir-Rabat. Organiżżazzjoni f'idejn in-Nisa tal-Mużew.

Il-Ħamis, 1 t'Awissu:
JUM IL-KOPPJI MIŻŻEWĠIN
Fis-7.00 p.m. Patri Gwido Schembri OFM f'Ċelebrazzjoni Ewkaristika jagħmel omelija bis-suġġett: ''IL-VERĠNI

MQADDSA MARIJA, BIDU TAL-FERĦ TAGĦNA'' Jiġu mistiedan l-koppji li żżewġu l-Katidral 25 sena ilu u dawk li żżewġu l-katidral mill-15 t'Awissu 1990 sa Lulju 1991. Qari, offerti, eċċ.. isiru minn xi koppji preżenti li fosthom jitella 'hamper'.

Il-Ġimgħa, 2 t'Awissu:
JUM L-ANZJANI U L-MORDA
Fid-9.30 a.m. Pellegrinaġġ Marjan għall-anzjani. Tluq bix-xarabank minn Pjazza Sabina. Imexxi Mons. Penit Girgor Vella.
Fid-9.30 a.m. Mons. Arċidjaknu G.B. Gauci iqaddes u jqarben lill-morda fil-klinika tas-Sorijiet tal-Karmnu.
Fid-9.30 a.m. Mons. Teol. Joseph Farrugia jqaddes u jqarben il-morda ta' Trionfi Hse.
Fl-10.00 a.m. Mons. Ġorġ Tabone jqaddes u jqarben il-morda f'St. Domenic Clinic.
Fl-10.15 a.m. Mons. Arċipriet C. Scicluna jqaddes u jqarben lill-morda fl-isptar Ġenerali.
Il-morda kollha tal-parroċċa li jinsabu fi djarhom ilkoll jiġu mqarrbnin u ilkoll jingħataw tifkira ta' l-okkażżjoni.
Fis-7.00 p.m. Patri Gwido Schembri f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, ĦARSIEN TAL-FIDI TAGĦNA''

Is-Sibt, 3 t'Awissu:
JUM IL-FAMILJA
Fis-6.45 p.m. Rużarju minn ħames membri ta' Familja.
Fis-7.00 p.m. Patri Gwido Schembri f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''L-IMQADDSA VERĠNI MARIJA, GĦAJNUNA TA' L-INSARA''
Il-qari, l-offerti. etc… fil-quddiesa jsir minn diversi membri tal-Familji.

Il-Ħadd, 4 t'Awwisu:
JUM IT-TRABI U L-EMIGRANTI
Fl-10 a.m. Ħruġ ta' l-Istatwa ta' l-Assunta fost il-kant ta' innijiet Marjani.
Issir il-ġabra tradizzjonali tas-soltu.
Fil-5.00 p.m. Mons. Isqof N. Cauchi jmexxi Konċelebrazzjoni li fiha jbierek it-trabi li twieldu din is-sena, jagħmel l-Ewwel Tqarbina lit-tfal Emigranti u jamministra s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni ta' xi ulied l-emigranti li jkunu ġew għall-festa.
Fis-6.30 p.m. Tieġ ta' Natalie Mejlak ma' Peter Paul Camilleri.

It-Tnejn, 5 t'Awissu:
JUM IL-VOKAZZJONIJIET
Fis-7.00 p.m. il-Wisq Rev.du Provinċjal Patri Piju Sammut OCD f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, TEMPJU TAL-MULEJ'' Ikantaw is-Sorijiet Agostinjani bil-grupp vokazjonali tagħhom.
Filgħodu l-grupp vokazjonali tal-Parroċċa mal-grupp vokazjonali tas-Sorijiet Agostinjani ikollhom attivita li tikkonsisti f'party spiritwali u party rikkreattiv.

It-Tlieta, 6 t'Awissu:
JUM L-GĦAQDIET
Fis-6.45 p.m. Rużarju minn diversi membri ta' l-Għaqdiet.
Fis-7.00 p.m. il-Wisq Rev.du Provinċjal Piju Sammut OCD f'quddiesa jagħmel omelija bis-suġġett: ''IL-VERĠNI MQADDSA MARIJA, TEMPJU TAL-MULEJ'' Qari, offerti, etc… fil-quddiesa jsir minn diversi membri ta' l-Għaqdiet. Jiġu mistiedna: l-Azzjoni Kattolika, Mużew, Fergħa tan-nisa u rġiel, Leġjun ta' Marija, Karizmatiċi u Neo-Katekumenali. Ikanta l-grupp tan-Neo-Katekumenali.

L-Erbgħa, 7 t'Awissu:
JUM IS-SOĊJETA' FIL-'LEONE'
Fis-6.45 p.m. Rużarju minn ħames membri tal-Kumitat.
Fis-7.00 p.m. Dun Joe Vella Gauci, Direttur Spiritwali tas-Soċejat, f'quddiesa jagħmel omelija ta' l-okkażżjoni. tieħu sehem fil-quddiesa l-Banda Ċittadina 'Leone' b'kant ta' innijiet addatti għall-okkażżjoni. Qari, offerti, ecc… jsiru mill-membri tal-kumitat ta' l-istess Soċjeta' Filarmonika.

Il-Ħamis, 8 t'Awwissu:
JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ
Matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu xi

www.gozocathedral.org.mt

żgħażagħ joffru servizzi voluntarji ta' tindif, ħasil, ecc... lil St. Joseph Home u lil Lourdes Home.
Fis-7.00 p.m. Quddiesa għaż-Żgħażagħ minn Patri Gwardjan Filippu Cutajar, Kapuċċin. Jieħu sehem il-grupp ta' Mario Grech. Il-qari, l-offerti, etc... fil-quddiesa jieħdu ħsiebu ż-żgħażagħ.
Fit-8.30 p.m. Bar.B.- Q fuq is-Sur għaż-Żgħażagħ. Jieħu ħsieb l-organizzazzjoni Dun Girgor Grech, il-Vigarju Parrokkjali u l-grupp taż-Żgħażagħ taċ-Ċentru.

Il-Ġimgħa, 9 t'Awissu:
JUM IL-KULTURA MARJANA
Fis-6.30 p.m. Quddiesa tal-ġenerożita' minn Mons. Arċipriet C. Scicluna. Wara l-quddiesa jingħataw l-oġġetti ta' l-ikel lit-tfal ta' l-istituti li l-parruċċani jkunu ġabru għal dan l-iskop.
Fis-7.00 p.m. Jibda' Festival Marjan bis-sehem tat-tfal u taż-Żgħażagħ Organizzaturi Kunsil Parrokkjali tal-katidral flimkien mal-Aurora Youth Movement.

Is-Sibt, 10 t'Awissu:
JUM L-AGĦRAJJES
Fis-7.00 p.m. Quddiesa taż-żwieġ ta' Miss Roberta Vella Muskat ma' Joe Micallef. Imexxi l-konċelebrazzjoni Mons. Arċipriet C. Scicluna u Mons. L. Sciberras jagħmel l-omelija ta' l-okkażżjoni.

Il-Ħadd, 11 t'Awissu:
JUM IR-RELIĠJUŻI
Fid-9.00 a.m. Quddiesa mxandra minn fuq ir-radio għal Malta u Għawdex minn Mons. Arċipriet Carmelo Scicluna. Jagħmel l-omelija ta' l-okkażżjoni.
Fil-5.00 p.m. Għasar Kantat bil-malti. Kurunella ta' l-Assunta u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali minn Mins. Ġ. Tabone.
Fil-5.30 p.m. Mons. Ġ. Grech Pace imexxi l-Konċelebrazzjoni flimkien mar-Rev.mi Monsinjuri. Wara l-Vanġelu omelija taċ-ċirkustanza minn Mons. Lawrenz Sciberras, Vigarju Furanju, bis-suġġett: "L-ASSUNTA FIL-KOTBA MQADDSA"

It-Tnejn, 12 t'Awissu:
JUM IL-KUNSILL PARROKKJALI
Fis-6.30 p.m. Għasar Kantat bil-Malti bis-sehem tar-Rev.mi Kapitulari. Imexxi Mons. Ružarju Borġ, Vigarju Furanju. Immedjatamant wara Kurunella u Funzjoni Ewkaristika għall-barka Sagramentali. Jiffunzjona Mons. Teol. Joseph Farrugia.
Fis-7.00 p.m. Mons. Anton Gauci jmexxi l-Konċelebrazzjoni mal-kapitlu. Wara l-Vanġelu diskors taċ-ċirkustanza minn Mons. Lawrenz Sciberras, Vigarju Furanju, bis-suġġett: "L-ASSUNTA FIT-TAGĦLIM TAL-KNISJA"

It-Tlieta, 13 t'Awissu
JUM IL-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN
Fis-6.30 p.m. Għasar Kantat bil-Malti tal-Madonna. Wara, Kurunella tal-Madonna u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali minn Mons. Penit. Girgor Vella.
Fis-7.00 p.m. l-Eċċ.za Tiegħu l-Arċisqof Mons. Emanuel Gerada, Nunzju Appostoliku għall-Irlanda jmexxi Konċelebrazzjoni mar-Rev. mi Kapitulari. Omelija taċ-ċirkustanza minn Mons. Lawrenz Sciberras, Vigarju Furanju bis-suġġett: "L-ASSUNTA U L-GLORJA"
Il-quddies f'din il-ġurnata jkun għall-bżonnijiet tal-benefatturi ħajjin u għall-erwieħ tal-benefatturi mejtin.
Fis-7.00 p.m. Feature dwar ix-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-Kwadru Titulari tal-Knisja Katidrali ta' Għawdex u li ġie mpinġi minn Michele Busuttil 200 sena ilu

L-Erbgħa, 14 t'Awissu:
LEJLIET IL-FESTA: JUM IL-KOMMUNITA' PARROKKJALI
Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni mir-Rev.mu Kapitlu. Fi tmiem il-quddiesa jitkanta t-Te Deum ta' għeluq il-Kwindiċina.
Fid-9.00 a.m marċ mill-banda 'Leone'
F'12.30 p.m. Xandir ta' marċi mill-Banda 'Leone' fuq ir-Radio.
Fil-5.30 p.m. marċ mill-banda Ċittadina 'Leone' miċ-Ċentru Parrokkjali sal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

Fis-6.00 p.m. Translazzjoni Pontifikali tar-Relikwija tal-Madonna minn Mons. Isqof. Wara Għasar Pontifikali u Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali.
Fis-7.30 p.m. Quddiesa li tgħodd għall-preċett festiv minn Mons. Arċipriet C. Scicluna.
Fis-7.30 p.m. f'Misraħ Indipendenza Programm Mużikali mill-Banda Filarmonika 'St. Helena' taħt id-direzzjoni tas-Surmast Clement Sciberras.
Fid-9.00 p.m. Marċi trijonfali matul Triq ir-Repubblika mill-Banda Ċittadina 'Leone' u l-Banda 'St. Helena'.
Fil-11.30 p.m. il-Banda Ċittadina 'Leone' ddoqq l-Innu A Maria Assunta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Colin Attard. Wara logħob tan-nar maħdum minn Benny Farrugia, f'Misraħ Savina.

Il-Ħamis, 15 t'Awissu:
L-GĦID TA' L-ASSUNTA

Il-Quddies ikun fl-4.30, 5.00, 6.00, 6.30, 7.00, 8.00, 10.30, 11.00 a.m., 12.00 u 1.00 p.m.
Fit-8.30 a.m. Kant tat-Terza u Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiem il-Pontifikal jitkanta t-Te Deum fl-okkażżjoni tas-16-il Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari ta' l-Assunta. Wara l-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof jagħti l-Barka Papali bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja.
Fl-10.00 a.m. Marċi Brijużi fil-qalba tal-Belt Victoria mill-Banda 'La Victoria' tal-Mellieħa u 'Sliema'.
Fit-3.00 p.m. Tiġrijiet Tradizzjonali tal-bhejjem. Premijiet: tazzi sbieħ li jitqassmu mill-Onor. Anton Tabone, Ministru għal Għawdex.
Fil-5.00 p.m. Quddiesa bl-omelija minn Mons. Salvu Borġ, Arċipriet tal-Bażilika San Ġorġ.
Fil-5.45 p.m. Għasar Solenni mir-Rev.mu Kapitlu u wara Funzjoni Ewkaristika għall-Barka Sagramentali. Imexxi Mons. Arċid. G. B. Gauci.
Fil-5.30 p.m. Sfilata ta' marċi mill-Baned 'Leone' u 'San Ġużepp' tal-Ħamrun.
Fis-6.30 p.m. Ħruġ tal-Purċissjoni li fiha jieħu sehem ir-Rev.mu Kapitlu flimkien mal-Eċċ.za Tiegħu Mons. Isqof N. Cauchi. Il-Banda 'Leone' ddoqq l-Innu 'A Maria Assunta' bis-sehem tal-kor, Tenur u Britonu. Wara takkumpanja l-Puċissjoni Pontifikali mmexxija mill-Eċċ.za Tiegħu l-Isqof t'Għawdex u l-Kapitlu Katidrali.
Fis-7.00 p.m. Programm f'Misraħ l-Indipendenza mill-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lawrenz Borġ.
Fl-10.00 p.m. Marċ b'mixgħela Venezjana mill-Banda Ċittadina 'Leone' u b'hekk jingħalqu dawn il-festi tradizzjonali u bil-wisq popolari fost il-poplu Malti u Għawdxi.

NOTI:

1) Il-mużika tat-Tridu u fil-Jiem tal-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast tal-Kappella, il-Kan. Martin Portelli. Fil-ġranet l-oħra, il-kant isir mill-kor tal-katidral 'Maria Assunta' taħt id-direzzjoni ta' Carol Saliba u Joseph Grech fejn mhux indikat mod ieħor.

2) Mill-31 ta' Lulju sal-14 t'Awissu, fis-7.00 a.m. Konċelebrazzjoni Konventwali tar-Rev.mu Kapitlu.

X'SAR AKTAR BIEX JITFAKKAR DAN IL-BI-ĊENTINARJU

1) Il-Kwadru ta' l-Assunta, kopja tal-Kwadru Titulari tal-Katidral ġie, matul is-sena, meħud għal-jumejn f'ħafna familji tal-parroċċa biex quddiemu jitolbu.

2) Ħareġ 'slogan' mill-Uffiċju Postali ta' Malta bil-kliem: 'Bi-Ċentinarju tal-Kwadru Titulari tal-Katidral t'Għawdex (1791-1991)" Dan is-sliogan ġie stampat fuq l-ittri kollha li tqassmu f'Malta u Għawdex matul il-jiem fil-bidu tax-xahar t'Awissu.

3) Pubblikazzjoni speċjali ta' 'L-Għid ta' l-Assunta' biex tfakkar din il-ġrajja.

4) Żewġ Pellegrinaġġi għall-Madonna f'Lourdes, wieħed f'Lulju mmexxi minn Dun Girgor Grech, Vigarju Parrokkjali u l-ieħor f'Awissu mmexxi minn Mons. Arċipriet C. Scicluna

www.gozocathedral.org.mt

"SANTA MARIJA MGĦOLLIJA S-SEMA"

Kwadru Titulari tal-Katidral

Kitba ta' Joe Camilleri

Wieħed mill-kwadri artistiċi f'Għawdex li fihom sens ta' moviment u għadd sabiħ ta' personaġġi huwa t-titular tal-Knisja Katidrali. Il-kwadru li juri t-tlugħ fis-sema tal-Madonna tpitter mill-artist Michele Busuttil. (1)

Dan it-titular kien ħa post il-polittiku qadim magħmul minn seba' panels, seba' bċejjeċ impittra fuq l-injam (2). Billi l-knisja katidrali -- f'dak iż-żmien Matriċi -- reġgħet inbniet, inħasset il-ħtieġa li jiġġedded it-titular biex jaqbel għad-daqs u l-istil il-ġdid. Fi żmien l-Arċipriet Dottor Saverio Cassar, ingħatat il-kummissjoni lil Busuttil. Il-pittur lesta l-kwadru fl-1791 u ħallas għalih il-Penitenzier Kanonku Dottor Benedetto Stellini. Bħala turija ta' ħajr, l-arma ta' dan il-benefattur tpinġiet fin-naħa t'isfel tal-kwadru (3).

Kwadri oħra li nafu li ħadem Michele Busuttil għall-Knisja Katidrali huma t-tnejn laterali tal-kor, kif ukoll dak tal-ħarba tal-Familja Mqaddsa minn l-Eġittu li hu kopja ta' l-oriġinal ta' Domenichino (4).

Għal dan il-kwadru, Michele Busuttil ħejja abbozz fuq it-tila li jdaqqas maż-żewġ piedi. Jidher li -l-artist baqa' fidil għal dan l-abbozz barra fil-każ tal-figura ta' San Ġwann l-Evanġelista li fl-abbozz jidher bil-leħja. Mid-dehra, dan id-dettal ma ġiex aċċettat. Wara l-mewt ta' Busuttil l-abbozz jidher li għadda għand ibnu Luiġi (m. 28 ta' Ġunju, 1878). Ix-xogħlijiet ta' Busuttil, inkluża wkoll il-kollezzjoni tiegħu tqassmu f'porzjonijiet u l-abbozz jissemma fit-"terza Porzione" bin-numru 57. Busuttil jidher li ħadem wkoll akkwarella li turi l-Assunzjoni tal-Madonna mdawra bl-anġli. Biss, wieħed ma jistax igħid jekk dan ix-xogħol kienx xi studju-dettal għall-abbozz finali. Dan l-istudju mar fit-tieni porzjon u hu numerat bil-figuri 89. (5)

www.gozocathedral.org.mt

Carmelo Gauci Ltd.

Importers of all kind of timber,

plywood, blockboard, chipboard, hardboard,

laminated plastics, hardware, woodworking &

aluminium machines

"CARGA"
New Street, off Qormi Road,
St. Venera - Malta.

Tel: 445717 / 443861
Telex: 712ICUAG MW
Cables: ICUAG - MALTA

www.gozocathedral.org.mt

Dan l-abbozz għadda għand id-dixxendenti tal-qraba tat-tieni mara ta' Luiġi Busuttil, Emilia mwielda Cassar. Illum jinsab f'kollezzjoni privata. Għalkemm jeżistu "abozzi" f'kollezzjonijiet oħra, jidher li huma biss kopji li saru wara.

It-titular ta' l-Assunta fih daqs ta' 388×240cm. Xi kritiċi jqisuh bħala l-aħjar biċċa xogħol ta' Busuttil (6). Dan igħodd għad-disinn u għall-esekuzzjoni artistika. Dwar l-oriġinalita' tal-kwadru għad irid isir studju sewwa. Jidher li Busuttil seta' kien influwenzat minn inċiżjoni li llum tinsab f'kollezzjoni privata; biss Busuttil ma kkopjahiex. Xebh ma' kwadri oħra jista' jkun ukoll aċċidentali, iktar u iktar meta nqisu li l-Assunzjoni tal-Madonna hu suġġett li nħadem ħafna u ddur ddur, xi nfluwenzi jistgħu jaħkmu fuq artisti oħra. Jerġa', influwenzi bħal dawn ma jwaqqgħu xejn mis-siwi artistiku ta' kwadru la darba l-pittur iħalli t-timbru personali tiegħu u ma jipprovax jinterpreta l-personalita' ta' ħaddieħor.

Michele Busuttil kien imkisser biżżejjed fid-disinn biex ikun kapaċi joħloq kompożizzjoni li tkun mera tal-ħsus ta' qalbu. Għalkemm ma jgawdix fama daqs ċerti artisti oħra Maltin, Busuttil kien artist tajjeb b'bażi u taħriġ akkademiku.

Hawnhekk ta' min jagħmel parentesi qasira u jagħti xi ħjiel bijografiku. Mir-reġistru taż-żwieġ fil-katidral t'Għawdex nafu li Michele kien bin Clemenzio Busuttil u Roża Magri (7). Bonello (8) jgħid li twieled għall-ħabta ta' l-1770, waqt li Calleja (9) jqarreb id-data lejn l-1758 (10). Il-perit Michael Ellul jagħti d-data bħala c.1762 (11). Din l-aħħar data hi d-data valida ta' twelidu.

Studja taħt il-pittur Rocco Buhagiar u wara, ssokta jitħarreġ f'Ruma taħt Mariano Rossi (12). Rebaħ ukoll premijiet fl-Accademja di Santa Luca fejn kien jistudja (13).

Meta reġgħet infetħet l-Universita' fl-1 ta' Novembru, 1800, Michele Busuttil inħatar minn Sir Alexander Ball bħala Professur tad-Disinn (14). Fid-19 ta' Ottubru 1794, Busuttil iżżewwġ lix-xebba Għawdxija Marija Buħagiar. Iż-żwieġ seħħ fil-Matriċi quddiem l-istess kwadru titulari li kien pitter dan l-artist snin qabel (15).

Minn din l-għaqda ħarġu tliet artisti : Luigi, Salvatore u Clemente. Nafu li fil-5 ta' Novembru, 1831 il-pittur Malti Pietru Pawl Caruana laħaq surmast tad-disinn b'salarju ta' £20 fis-sena biex igħin lil Giorgio Pullicino li issa mela l-post vakant minħabba l-mewt ta' Michele Busuttil (16). Busuttil miet fil-31 ta' Ottubru, 1831 fl-eta' ta' 68 sena (17).

Minkejja t-taħriġ fi prinċipji Neo-Klassiċi li ħa Busuttil f'Ruma, ix-xogħlijiet tiegħu fil-knejjes Maltin huma aktarx influwenzati mill-barokk, l-iktar dak Naplitan li kien qabad l-egħruq sew f'Malta. It-titular tal-Katidral mhux eċċessjoni. Fil-fatt, fih hemm l-ingredjenti kollha li jsawru biċċa xogħol barokka: moviment, kuntrasti, vitalita', drammatiċita' u fuq kollox, teatralita". Hu kwadru li jaħkem l-immaġinazzjoni (ukoll bid-daqs tiegħu), li jappella ħafna għas-sensi.

Bejn wieħed u ieħor, il-kwadru fih kompożizzjoni mibnija fuq żewġ djagonali li jaqsmu fin-nofs. Din l-għamla ta' binja fil-kompożizzjoni tgħin ħafna biex toħroġ l-element drammatiku ta' l-episodju li jiżvolġi l-artist, jiġifieri it-tlugħ fis-sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem quddiem l-istagħġib ta' l-appostli.

Dawn il-figuri ta' l-aħħar jidhru solidi u mimlija ħajja kollha tixjir ta' l-idejn u espressjonijiet tal-wiċċ – elementi komuni fil-barokk. B'kuntrast, il-figura tal-

www.gozocathedral.org.mt

Management Systems Ltd

J. F. Kennedy Square Victoria Gozo

Tel: 557462

Offers

PERSONAL COMPUTERS for your home

COMPUTER BUSINESS SOLUTIONS

SOFTWARE PACKAGES

AFTER SALES SERVICE and support



Plus
Regular Courses in Business Subjects
Computer Courses
Computer Appreciation
Management at all levels

The leading Computer Company in Gozo

www.gozocathedral.org.mt

Madonna tidher mibnija fuq piramida maqluba biex hekk jingħata sens ta' ħeffa u titjir. Il-ħlewwa ta' wiċċha bi bjuda kważi trasparenti tissaqqaf minn xagħar ħafif li jittajjar fix-xejn qisu ħajbur. L-għajnejn huma mgħollija 'l fuq, iżda l-kisra tar-ras ttellef ħafna mill-ispiritwalita'. Biss il-figura tal-Madonna, l-iktar il-wiċċ, fiha velaturi fini maħduma bil-għaqal.

L-istess atmosfera ta' ċaqliq u titjir tinħass fl-anġlu li jidher iwieżen lill-Madonna minn taħt abtha x-xellugi -- ċerta forza bla ħtieġa. Jiġbdulek tbissima l-puttini fin-naħa tal-lemin li bħal tfal imqarba u mqanqla kurżita', jittawlu minn taħt il-mantar tal-Madonna. F'din il-parti ta' fuq tal-kwadru donnok tħoss it-tperpir tal-ġwienaħ waqt li d-dawl sabiħ li joħroġ minn wara ras il-Madonna mhux biss joħloq kuntrast mal-parti iktar imdallma t'isfel, iżda jixhed seħer straordinarju, ħajja maqtugħa mir-realta' tad-dinja.

U fin-naħa t'isfel tal-kwadru, l-appostli jidhru mbellħa quddiem din id-dehra drammatika li għalihom qisha ħolma. Il-ħasda tinqara fl-espressjoni ta' wiċċhom u f'għajnejhom tinħass it-tgħammixa tad-dawl li nieżel minn fuq.

L-appostli huma mdawra mal-qabar. Il-lewn ta' dawk fil-warrani jitgħajjeb qisu fi ċpar ħafif waqt li fl-istess ħin, il-pittur lanqas iraqqaq fid-dettal tagħhom. Busuttil ried isawwar atmosfera vaga madwar l-appostli tal-warrani mhux biss minħabba l-qagħda tagħhom fil-perspettiva tal-kwadru, iżda wkoll biex ma jtellfux minn l-importanza li xtaq jitfa' fuq iż-żewġ appostli fin-naħa ta' quddiem tat-tila. Iktar nifhmu dan il-fatt meta nqisu li dawn iż-żewġ figuri huma San Pietru u San Pawl, iż-żewġ kolonni tal-knisja.

Meta daħħal ix-xbieha ta' San Pawl fil-kwadru, Busuttil ħoloq anakroniżmu fl-element storiku -- xi ħaġa li ma ttellef xejn mis-siwi artistiku tal-kwadru. B'dan l-anakroniżmu ried juri r-rabta ta' niesna ma' l-Appostlu tal-Ġnus. Kieku ma kienx dan l-Appostlu, għandha mnejn il-ġrajja ta' twemmin missirijietna kienet tkun xorta oħra. Fuq kollox, donnu li Busuttil ried ikompli wkoll t-tradizzjoni tal-kwadru titulari l-qadim fejn wieħed mill-panels kien juri sewwa sew lil San Pawl.

Il-figura serja u dinjituża ta' dan il-qaddis toħloq kuntrast ma' dik ta' San Pietru kważi biswitha. M'hemmx dubju li l-isbaħ figura u l-aktar waħda movimentata fix-xaqliba t'isfel tal-kwadri hija dik ta' San Pietru. Hi figura solida li tixhed l-ħila ta' Busuttil fid-disinn u fl-istudju ta' l-anatomija. It-tensjoni tal-mument tinħass fil-muskoli miġbuda ta' l-ispalla għerja u n-nervituri mqabbża ta' l-id miftuħa. Huma fatturi esterni li jgħinu biex joħorġu sewwa l-karattru tax-xwejjaħ -- kbir f'persuntu, iżda li għandu l-ħila jħoss sewwa l-emozzjoni ta' dak il-waqt. Ix-xaqliba 'l quddiem tagħtik l-illużjoni li l-figura qisha qed toħroġ 'il barra mill-konfini tal-kwadru -- fatturi komuni ħafna fil-barokk. San Pietru jidher li rema l-infietaħ ħdejn riġlu, waqt li x-xabla ta' San Pawl tidher ukoll fl-art. Huma dettalji żgħar iżda li jgħinu biex joħorġu l-emozzjoni tal-waqt, għax wara kollox, iż-żewġ appostli m'humiex murija bħala ħlejjaq straordinarji iżda bħala umani f'waqt drammatiku.

It-titular tal-katidral huwa studju ta' panneġġi, ta' piegi u ksur fid-drapp. Dawn il-fatturi ssuktaw joffru lok lill-pittur biex jilgħab bid-dawl u t-tonalitajiet differenti fl-ilwien. Il-kjaruskur tal-kwadru hu mħaddem f'loku u b'effett tant li jgħin mhux biss biex joħroġ l-effett drammatiku, iżda wkoll fil-bilanċ u fl-unita' tal-kompożizzjoni.

Il-linji arkitettoniċi dritti li jidhru

www.gozocathedral.org.mt

NSTS TRAVEL

L-AĠENZIJA TAL-IVVJAĠĠAR
B'SERVIZZ MILL-AĦJAR

BILJETTI TAL-AJRU, VAPUR JEW TREN;
AKKOMODAZZJONI GĦAL INDIVIDWI JEW GRUPPI
ARRANĠAMENTI SPEĊJALI GĦALL-HONEYMOON;
EXCURSIONS U TRANSFERS B'TAXI JEW COACH;
ĠITI FI GRUPPI; SERVIZZ TA' VISA;
ASSIKURAZZJONI GĦAL WAQT L-IVVJAĠĠAR;
OFFERTI SPEĊJALI GĦALL-ISTUDENTI U ŻGĦAŻAGĦ.

Meta tkun ser issiefer
għaddi sal-uffiċċju tagħna

45, Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex.
Tel: 553977 / 558415

www.gozocathedral.org.mt

f'parallelizmu orizzontali fil-binja tal-qabar-sarkofagu jinkisru mil-liwjiet u l-ksur tad-drapp. Fuq kollox, il-linja ta' xifer il-qabar maħkuma mid-dawl, tinkiser mill-wardiet u l-weraq li jinħassu friski. Tassew li b'erba' daqqiet, Busuttil irnexxielu joħroġ is-sens ta' ħass.

L-armonija fl-ilwien hi fattur li jgħin fl-irbit tal-kompożizzjoni. Il-lewn kaħlani f'tonalitajiet differenti jirrepeti ruħu bosta drabi fil-kwadru. Jidher fis-sema, fil-mantell tal-Madonna u fl-ikħal ħadrani ta' libset San Pietru. Dan il-kulur kiesaħ isib il-bilanċ tiegħu fil-libsa tal-Madonna, fil-mantar ta' San Pawl, il-ward f'xifer il-qabar u l-isfar sabiħ fil-mantar ta' San Pietru. Il-kumplimentari ta' l-isfar hu l-vjola u għalhekk isebbaħ iktar il-lewn lela' mitfi fil-libsa ta' l-anġlu maġenb il-Madonna.

It-titular tal-katidral hu kwadru kbir, mimli sewwa u movimentat. Hu biċċa xogħol li għandha disinn sod u bilanċi tajbin. Jekk xi naħa tinħass naqra batuta hemm naħat oħra li jagħmlu tajjeb għalihom. Jidher tassew li hu l-aħjar biċċa xogħol ta' Michele Busuttil - rigal minn artist għal Għawdex u monument għalih innifsu.

---

1) Achille Ferris:
"Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo". p. 545.

2.) Mario Buhagiar:
"The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900". p. 38.

3) G. Scicluna:
"Il-Kwadru ta' l-Assunta fil-Katidral t'Ghawdex" fi "L-Ghid ta' l-Assunta", Awwissu, 1966.

4) Achille Ferris:
"Des. Stor. d. chiese di Malta e Gozo".

5) *L-inventarju bil-porzjonijiet u l-prezzijiet jinsab f'kollezzjoni privata. Ħajr talli tħallejt niflih.*

6) Edward Sammut:
"Art in Malta" 1953. p. 71. Ara wkoll Mario Buhagiar: "The Iconography of the Maltese Islands" p. 158.

7) G. Scicluna:
"Il-Kwadru ta' l-Assunta fil-Katidral..." ecc.

8) Vincenzo Bonello:
"La Madonna nell'Arte" p.77. Ara wkoll R. Mifsud Bonnici: "Dizz. Bijo-bibjografiku Nazz." p. 68.

9) Calleja Giuseppe:
"Malta Letterarja" pp.225-229.

10) Ara wkoll Edward Sammut:
"Art in Malta" p. 71

11) Michael Ellul:
"Giorgio Pullicino (1779-1851) Architect and Painter" Ed. Kan. J. Azzopardi, malta 1989. p.3.

12) Calleja Giuseppe:
"Malta Letterarja" pp. 225-229.

13) Ara: A. Ganado:
"P.P. Caruana: the first litographs produced in Malta" fi "Proceedings of History Week 1981" p. 51.

Ara wkoll: Michael Ellul:
"Art and Architecture in Malta in the Early Nineteenth Century" fi Proceedings History Week 1982 pp 8-9.

14) *Almanacco di Malta & Gozo, Gov. Press 1806 p.25.*

15) G. Scicluna:
"Il-Kwadru ta' l-Assunta fil-Katidral..." ecc.

(16) A. Ganado:
the first litographs produced in Malta" fi Proceedings of History Week 1981" p.54.

Ara wkoll M. Ellul:
"Giorgio Pullicino (1779-1851) Architect and Painter" etc...p.38.

17) Ara atti tal-mewt tal-parroċċa ta' Porto Salvo għas-sena 1831 p.15.

www.gozocathedral.org.mt

SQUARE CELLAR

Widest Selection of:

- **Wines and Spirits**
- **American, English & French Cigarettes**
- **Finest Cigars**
- **Discounts on Larger Orders**

SQUARE CELLAR

Tel: 551845

Prop: Joseph Grech

St. Georges' Square, Victoria - Gozo

www.gozocathedral.org.mt

Il-Kwadru Titulari ta' L-Assunta fil-Katidral fl-Isfond tar-Reliġjosita' Popolari

Kitba ta' Mons. Arċipriet C. Scicluna

Il-Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Appostolika dwar l-Evanġelizzazzjoni tkellem b'dan il-mod dwar ir-reliġjosita' popolari. "Fost il-poplu aħna nsibu espressjonijiet partikulari ta' kif ifittxu lil Alla u l-fidi, sew f'inħawi fejn il-Knisja ilha li ġiet imwaqqfa u kemm fejn għadha qed tiġi stabilita'. Dawn l-espressjonijiet għal ħafna żmien kienu jiġu kkunsudrati inqas ġenwini u xi drabi kienu ddisprezzati. Iżda llum, kważi kullimkien qegħdin ikunu misjubin utli mill-ġdid għat-tisħiħ tal-fidi nisranija." (art. 48)

ORJENTAZZJONI EVANĠELIKA

Il-Kwadru titulari ta' l-Assunta fil-Katidral t'Għawdex li issa ilu li ġie mpinġi minn Mikiel Busuttil 200 sena ilu, żgur kien ta' siwi kbir għall-koltivazzjoni ta' l-intelliġenza battezimali tal-Komunjoni Ekklezjali mhux biss fi ħdan il-parroċċa tal-Katidral, imma tad-Djoċesi Kollha billi dan il-kwadru jinsab meqjum fil-Katidral, Omm il-Knejjes l-oħra tad-Djoċesi. Tabilħaqq li l-predeċessuri tiegħi ma naqsux flimgħoddi li jrawmu permezz ta' dan il-kwadru devozzjoni marjana f'orjentazzjoni evanġelika. Fil-fatt jekk tħares lejn dan il-kwadru biss igħinek biex tgħix fil-kuntest tal-Vanġelu. Tassew li dan il-kwadru ta' l-Assunta jispirak biex isarraf f'egħmejjel it-tagħlim tal-vanġelu sa fl-iċken dettal tiegħu. Tabilħaqq dan il-kwadru meta tirrifletti fuqu tasal għall-konklużżjoni li biex ngħixu ta' nies irridu nfasslu ħajjitna fuq il-prinċipji tal-vanġelu. Dan il-Kwadru ta' l-Assunta għandu qawwa artistika li jfakkrek li "aħna li

Il-Kwadru titulari ta' l-Assunta hekk kif ġie nkurunat fi Pjazza Sabina fil-15 ta' Awwissu 1975.

rxoxtajna ma' Kristu, jeħtieġ li l-ewwel nfittxu l-ħwejjeġ tas-sema". Ix-xbieha ta' l-Assunta f'dan il-kwadru titulari tal-Katidral għandu s-seħer biex jikkonvinċik

www.gozocathedral.org.mt

TEXOL

***TEXOL** hu magħruf għall-qawwa tiegħu, kwalita' u tenerezza fuq il-ġilda, li jintuża wkoll għan-nappies tat-trabi u jibżagħlek għal idek. Jibżagħlek ukoll għal flusek għax tuża ftit b'effett kbir!*

***TEXOL** jaħsel platti, dixxijiet u borom li jkunu mċappsin bi żjut u xaħmijiet. Jintuża wkoll mill-'Confectioneries' u l-'Mechanics'!*

***TEXOL** jaħsel ukoll ħwejjeġ ta' kull materjal inklużi tas-suf!*

F'Għawdex ċempel :

Tel: 553447 (A & G Hili - Mgarr)
Tel: 556098 (Victor Hili & Sons - Mgarr)
Tel: 551555 (Gelluxa Ltd. - Mgarr)

Distributuri f'Malta u Għawdex iċemplu:
825933

www.gozocathedral.org.mt

li l-vera mħabba u devozzjoni lejn il-Madonna ma jikkonsistux fiċ-ċapċip, imma fl-imitazzjoni tal-virtujiet tagħha. Huwa bla dubju ta' xejn kwadru li jmexxik f'direzzjoni eskatoloġika bil-perswazzjoni li dak li jgħodd fil-ħajja mhux x'għandek, imma x'int bħala nisrani u bħala wieħed mill-ulied adottivi t'Alla.

HARBA TAS-SOĠĠETTIVIŻMU

Is-soġġetiviżmu fil-bniedem hu element qawwi. Wieħed jeħtieġ li jrażżnu għax billi l-egoiżmu hu magħġun man-natura tal-bniedem, malajr dan il-bniedem ma jarax ċar bil-periklu li fejn tidħol ir-reliġjożita' popolari jibdel ir-reliġjon mar-reliġjożita'. M'għandhix tkun id-drawwa li twassal lil riġlejna fil-Knisja għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika, imma d-dmir li bħala nsara għandna bżonn kontinwament 'il Alla għax ma nistgħux ngħixu ħajja indipendenti minnu. M'għandnix inħarsu lejn ir-reliġjon tagħna daqskemm kieku kienet biċċa mill-folklore ta' pajjiżna, imma bħala impenn kontinwu ma' Kristu li jitlob minna li nixhdu għalih kull fejn inkunu u ma kull min inkunu. Veru li x-xbihat huma ħwejjeġ suġġestivi li jqanqlu aktar għas-sentimentaliżmu milli għall-awtentiċita'. Veru li forsi x'uħud, per eżempju, aktar iħossuhom f'posthom bħala nsara meta jkunu jitolbu quddiem statwa tal-Qalb ta' Ġesu' milli meta jkunu jitolbu quddiem Ġesu' Ewkaristija. Min jaqa' f'dan l-iżball ma jkunx tabilħaqq jipprattika l-vera reliġjon l-għaliex filwaqt meta n-nisrani jkun qed jitlob quddiem statwa tal-Qalb ta' Ġesu' qed jitlob quddiem biċċa kartapesta jew materjal ieħor imma meta jkun qed jitlob quddiem Ġesu' Ewkaristija, ikun qed jitlob quddiem il-preżenza reali ta' Kristu, Kristu bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinita'.

Min-naħa l-oħra l-qawl Malti jgħid : "l-ewwel li jieklu l-għajnejn." U għalhekk illum ħafna ażjendi jagħtu mportanza l-aktar kbira lir-reklami għax jafu li psikoloġikament dawn jaħdmu b'mod effettiv fuq il-moħħ tal-bniedem. Fil-fatt hemm proverbju bir-russu li jgħid: "jekk nisma ninsa, jekk nara niftakar".

Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Kappella tas-Sagrament fil-Katidral t'Għawdex.

Konvint li x-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-Katidral t'Għawdex fakkret lil bosta Għawdxin li Hija ġiet mgħollija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem mhux l-għaliex Hija bint Sant'Anna u San Ġwakkin, imma l-għaliex hi l-Omm t'Alla. Żgur li ħafna minna, devoti ta' l-Assunta, quddiem dan il-Kwadru ftakkru f'dak li jgħallmu t-teoloġi li "non propter Ipsam" imma "propter Ipsum" hija ġa bdiet tieħu sehem sħiħ mill-Misteru Paskwali u hija wkoll l-ewwel frott sħiħ tal-Fidwa. Fi kliem ieħor id-devoti ta' l-Assunta quddiem din ix-xbieha tagħha li pinġa

www.gozocathedral.org.mt

PARDI MOTORS LTD.

N.B. Republic Street,
Victoria, Gozo.

Telephone
556678 - 553744

- AUTO DEALERS
- AUTO SERVICE & SPARES
- PANEL BEATING
- SPRAY PAINTING
- TYRE & RADIATOR REPAIRS

www.gozocathedral.org.mt

Mikiel Busuttil mitejn sena ilu aċċettaw il-verita' li l-Verġni Marija ġiet mogħnija b'bosta privileġġi kbar l-għaliex Alla għażilHa biex tkun l-Omm tiegħu fuq din l-art bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. U dan kollu jwassalna għall-konklużjoni waħda li meta, fejn tidħol ir-reliġjożita' popolari, in-nisrani joqgħod attent biex ma jaqgħax fis-soġġettiviżmu, din ir-reliġjożita popolari tgħin mhux ftit biex jikber filvera qdusija u biex jaħdem ħalli fid-dinja jagħti xhieda li hu ġie maħluq xbieha t'Alla nnifsu.

DEVOZZJONI AWTENTIKA

It-tagħlim tal-Konċilju Vatican II kif ukoll l-Ezortazzjoni Appostolika "Marialis Cultus" tal-Papa Pawlu VI flimkien mal-Enċiklika "Redemptoris Mater" tal-Papa attwali Ġwanni Pawlu II lkoll ifakkru fuq il-ħtieġa ta' devozzjoni awtentika lejn il-Madonna, devozzjoni jiġifieri mibnija fuq l-imitazzjoni tal-virtujiet tagħha. Ix-xbieha ta' l-Assunta f'dan ir-rigward kienet ta' għajnuna kbira. Żgur li matul il-medda ta' dawn il-mitejn sena, hekk kif in-naħal qtajja', qtajja' jiġġerra għal fuq fomm il-ward biex minnu jerdgħu l-għasel bnin tiegħu, hekk ukoll ġrew eluf ta' nsara wara x-xbieha ta' l-Assunta meqjuma f'dan il-kwadru titulari tal-Katidral biex minnu jerdgħu u jsoffu l-għasel bnin tal-grazzji li taqgħlalhom mingħand Binha Ġesu'. Żgur li ħafna minn niesna quddiem din ix-xbieha ta' l-Assunta għaddew mill-esperjenza li minnha kienu għaddew l-agħrajjes tat-tieġ ta' Kana (crf. Gw. 2,1-11). L-imħabba ta' bejn il-miżżewwġin ta' bosta koppji kienet bierdet. Sfat kiesħa daqs l-ilma fix-xitwa. U Kristu għall-interċessjoni tal-Verġni Marija Assunta reġa' saħħan din l-imħabba ta' bejniethom bħal inbid meta jkun qed jagħli bis-sħana għax ikun qed jiffermenta. Bosta kienu dawk id-devoti ta' l-Assunta li ndunaw u ntebħu li d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija mtella' fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tifforma t-triq pawlina li minn Ġerusalem tieħu għal Damasku -- it-triq tal-konversjoni, tal-bidla tal-moħħ u tal-qalb. Min jaf kemm insara mixgħulin



Il-Papa Ġwanni Pawlu II li kiteb l-Enċiklika Marjana 'Redemptoris Mater''

b'devozzjoni sinċiera marjana niżlu għarkubbtejhom quddiem ix-xbieha ta' l-Assunta meta ħassew lil qalbhom maħruqa bix-xemx qalila tal-passjoni biex huma mill-ġdid qadbu t-triq li twassalhom is-sema pajjiżhom. U hekk kif in-nies tal-pajjiżi neqsin mill-ilma, ifittxu u jerġgħu jfittxu mingħajr mistrieħ taħt l-art bit-tama li jiksbu xi nixxiegħa ta' ilma li tkun tis-ta' teħlishom mill-mewt kiefra ta' l-għatx, hekk ukoll għamlu bosta nsara fin-nixfa tar-ruħ tagħhom fittxew u reġgħu fittxew, imma f'Marija Assunta biss huma setgħu jsibu dik l-għajn ta' ilma safi li seta' jtaffi l-għatx spiritwali tagħhom. Għal numru bla għadd ta' ulied adottivi t'Alla, il-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem meqjuma fi xbieha fil-kwadru titulari tal-

DewFresh®

Super Grade COOKED HAM

FOR THE HAMBITIOUS!

When the best ham does not meet your taste...
Dew Fresh Super Grade cooked ham excels.

Available smoked, boneless, cooked gammons.
Sandwich size square ham. Also round ham. (Perżut tond)
Continental specialities: Pork and Ham Loaf,
Garlic Sausage, Porkloaf, Lyoner Salami.

available at all leading stores

Exclusive wholesale distribution:

ALBERTOWN COLD STORES (J & C Pisani Limited)

Prince Albert Street, Albertown, Marsa. Tel: 229612, 621891

DewFresh® DewFresh® DewFresh®

www.gozocathedral.org.mt

Katidral kienet ispirazzjoni ta' tama ġdida biex ma jaqtgħux qalbhom f'mixjiethom lejn il-Belt dejjiema li fiha jgħammar Alla nnifsu.

15 TA' AWISSU 1975

Kienet, għalhekk, ħaġa xierqa li x-xbieha ta' l-Assunta ta' dan il-kwadru titulari tal-Katidral tiġi nkurunata. Kien Mons. Isqof N. Cauchi li f'ismu, f'isem il-Kapitlu, f'isem is-saċerdoti u l-poplu Għawdxi għamel il-petizzjoni lill-Papa Pawlu VI biex ix-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-katidral tad-Djoċesi tagħna f'Għawdex jiġi nkurunat. Din it-Talba ġiet milqugħa fit-8 ta' Frar 1975. Dan id-digriet Pontifiċju ġie ffirmat mis-Segretarju ta' l-Istat ta' dawk iż-żminijiet, il-Kardinal Francis Jean Villot. Festi kbar kienu saru biex ifakkru din il-ġrajja mhux komuni. Il-ġurnata li fiha ġiet inkurunata kienet id-data tal-15 ta' Awissu 1975.

Tlieta mill-Isqfijiet li ħadu sehem fil-festi ta' l-Inkoronazzjoni fl-1975. Dan huwa Mons. Antonio del del Guidice, Nunzju Appostolika, Mons. Arċisqof G. Mercieca u Mons. Isqof Nikol Cauchi.

Din l-inkoronazzjoni kienet saret fi Pjazza S. Sabina mill-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Franco Seper, li kien il-Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi. Fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru kienu ħadu sehem l-Arċisqof Mikiel Gonzi, dak in-nhar Arċisqof ta' Malta, l-Isqof t'Għawdex li hu l-isqof preżenti, Mons. Nikol Cauchi kif ukoll l-Isqof Awżiljarju ta' Malta ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Mercieca li huwa l-Arċisqof attwali ta' Malta. F'dawn il-festi kien ħa sehem ukoll l-Arċisqof ta' Perugia ta' dak iż-żmien, Mons. Ferdinando Lambruschini kif ukoll in-Nunzju ta' Malta ta' dak iż-żmien Mons. Antonio del Giudice.

Bosta kienu l-attivitajiet kulturali li nżammu fil-Katidral f'dawk il-ġranet biex ifakkru din il-ġrajja xejn komuni. Insemmu l-konkors letterarju bl-isem ta' "Santa Marija u l-Gżejjer Maltin", il-kunċert ta' kant reliġjuż mill-Chorus Melitensis taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Sammut, Lejla Kulturali fil-katidral taħt il-presidenza ta' l-Emm.za Tiegħu l-Kardinal Franco Seper bis-sehem tal-Kor Maria Assunta taħt id-direzzjoni ta' Miss Maria Zammit, kunċert ta' mużika sagra mill-orkestra tal-Monoel taħt id-direzzjoni wkoll ta' Mro. Joseph Sammut, Son et Lumier dwar l-istorja tal-Knisja Katidrali, kitba u produzzjoni ta' Anton Scicluna. Ta min isemmi wkoll żewġ features: wieħed sar fuq ir-Radio b'kitba tas-Sur G. Pisani u l-ieħor fuq it-TVM b'kitba tas-Sur Franco Masini. Żgur il-festi li saru dak-in-nhar għal din l-okkażżjoni ma tantx hu possibli li jerġgħu jsiru, imma jibqgħu jagħtu xhieda ħajja ta' l-imħabba li għandhom l-Għawdxin lejn il-Verġni Marija Assunta. Fuq kollox din l-imħabba li qanqal fi qlub l-Għawdxin lejn l-Assunta dak il-kwadru li tpinġa 200 sena ilu wrieħ l-istess poplu meta ħareġ flusu biex fuq ir-ras tax-xbieha tagħha tqegħdet kuruna tad-deheb li nħad-

www.gozocathedral.org.mt

THE BEST
FROM THE BEST

smeg

Built-In and Free Standing Fridges, Fridge / Freezers,
Gas & Electrical Cookers, Washing Machines, Dishwashers and Minibars.

Miele

Washing Machines, Tumble Dryers, Spin Dryers,
Dishwashers, Built-In Electric Hob and Ovens, Built-In Fridge / Freezers

Creda

Electric Cookers, Built-In Electric Hobs and Ovens,
Microwave Ovens, Washing Machines, Tumble Dryers & Spin Dryers.

NEW WORLD

Gas Cookers and Built-In Hobs and Ovens

EDESA

Washing Machines and Refrigerators

iar

Fridge / Freezers, Chest and Upright Freezers

Forestals

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo. *(On the Way to Ta' Pinu)*
Tel: 551234

www.gozocathedral.org.mt

met Milan, fuq disinn tas-Sur Joseph Galea tar-Rabat, Malta. Il-kuruna ngabret minn flus il-poplu Għawdxi, b'mod speċjali mill-parruċċani tal-Katidral.

ISPIRAZZJONIJIET QAWWIJA

Il-Kardinal Franco Seper li kien inkuruna x-xbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-Katidral t'Għawdex fl-1975.

U ma kenux ftit dawk il-poeti li quddiem din ix-xbieha ta' l-Assunta naqxu fil-bronz tal-vruż imżewqa tagħhom monumenti li jibqgħu jfakkru għal dejjem l-imħabba ta' l-Għadxin lejn l-Assunta. Għax kif jgħid wisq tajjeb il-poeta nazzjonali tagħna "il-poeta jmut, imma l-għanja tibqa' għal dejjem." Quddiem dan il-kwadru ta' l-Assunta meqjum fil-Katidral t'Għawdex bosta sabu għajn ta' ispirazzjonijiet l-aktar qawwija biex huma ħallewlna bil-miktub bosta kitbiet li l-ebda tul ta' żmien ma jtemmhom, bosta kitbiet li meta wieħed jaqrahom iħoss lil ruħu tingħaqad ma' Alla u minn fommu joħroġ talba li titla' 'l fuq 'il fuq lejn is-sema bħal weraq tad-deheb biex jilmaw quddiem Alla. Quddiem din ix-xbieha ta' l-Assunta wkoll bosta nsara mitlufin fl-isqaqijiet mudlama ta' din id-dinja lemħu raġġ ta' dawl li mill-ġdid qabbadhom it-triq li tieħu għand Alla. Minn din ix-xbieha ta' l-Assunta bosta devoti tagħha ġew ispirati biex fejn hemm id-dlam ikebbsu d-dawl, fejn hemm in-niket iferrxu l-ferħ, fejn hemm il-mibegħda jħeġġu l-imħabba, fejn hemm id-dubju jdaħħlu l-fidi u fejn hemm il-qtugħ ta' qalb iqawwu t-tama. Quddiem din ix-xbieha ta' l-Assunta ħafna nsara, fi kliem ieħor, theġġu biex iwettqu appostolat ma' ħuthom il-bnedmin billi fittxew li jagħtu xhieda ta' Kristu kull fejn ikunu u ma' kull min ikunu.

IL-PAPA PAWLU VI



Il-Papa Pawlu VI

www.gozocathedral.org.mt

BSL

BRITANNIA SERVICES LTD.

173, MELITA STREET, VALLETTA.
Tel: 238039 / 245418

LOURDES

Il-kumpanija tagħna hija Aġenzija ta' l-ivvjaġġar.

L-Aġenzija tagħna għandha programm sħiħ ta' ġita għal Lourdes fuq titjiriet diretti ta' l-Air Malta bi prezzijiet tajbin u lukandi mill-aqwa fuq basi ta' FULL BOARD.



DIRECTORS: E. PACE BONELLO, L.L. BONELLO, N. FARRUGIA, A. TABONE.

www.gozocathedral.org.mt

Fil-fehma tiegħi, il-kliem li l-Papa Pawlu VI kiteb fl-Ezortazzjoni Appostolika tiegħu dwar l-Evanġelizzazzjoni huma addattati ħafna bħala konklużżjoni ta' dan l-artiklu dwar ir-reliġjożita' popolari taxxbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-Katidral t'Għawdex. Fil-fatt, il-Papa Pawlu VI stqarr: "Dawk kollha li l-Mulej qiegħed bħala mexxejja tal-kommunitajiet ekkleżjali...jeħtieġ li bil-prudenza jgħarrfu jiskopru d-dimensjonijiet interjuri tar-reliġjożita' popolari jiġifieri l-valuri veri tagħha u jkunu dejjem lesti biex jevitaw il-periklu li tiġi deformata. Meta tkun orjentata sewwa, din ir-reliġjożita' popolari, tista' tkun għal eluf u eluf tal-poplu tagħna, vera laqgħa ma' Alla f'Ġesu Kristu."

DESTINATION ... GOZO

The Ideal Gift to tourists and friends abroad !

DESTINATION ... GOZO is a 30 minute video documentary on the island of Gozo. It looks at Gozo through the eyes of a tourist, recording the places and events a typical visitor might see or visit. The commentary is in English and the video is available through many outlets in Gozo or direct from the producer

ALVIN SCICLUNA

Tel: 551936

Video Productions - the specialists in Video filming on the Island, whether party, engagement, weddings or any type of coverage.

Facilities for multi-camera filming also available.

ID-DITTA

JOSEPH CARUANA CO. LTD.

Ta' Caruana Bldgs., Mgarr Road, Victoria, Gozo.

Telephone: 557464 *Telex: 1470 Filcar*

TISSUPPLIXXI KULL KWALITA' TA'

MATERJAL GĦALL-BINI BĦAL

VIREG U FOLJI TAL-ĦADID,

KULL KWALITA' TA'

INJAM, CHIPBOARD U PLYWOOD

KIF UKOLL

SUF GĦAN-KNITTING

www.gozocathedral.org.mt

L-MATRIĊI KOLLEĠĠJATA TA' L-ASSUNTA TA' GĦAWDEX FIL-VISTA PASTORALI TA' L-ISQOF LABINI FL-1791

Alexander Bonniċi O.F.M. Conv. H.E.D., S. Th.L, Ph.B.

L-Isqof Vincenzo Labini, l-aħħar barrani li kien qed imexxi d-djoċesi ta' Malta u Għawdex, fl-1791 kien waqt is-sitt viżta pastorali tiegħu. Bħala konviżitaturi, hu kellu miegħu żewġ monsinjuri tal-katidral ta' Malta. Dawn kienu Mons. Gaspare Garsin u Mons. Vinċenz Alfano.



Vincenzo Labini

Fis-7 ta' Mejju, hu ħa d-deċiżjoni li jiftaħ il-viżta fil-gżira ta' Għawdex. Għalhekk, lejn is-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar, imsieħeb mill-konviżitaturi, Labini qabad triqtu lejn il-Mellieħa, riekeb fuq karrozzella, miġbuda minn żiemel. Mill-Mellieħa, huma baqgħu neżlin lejn il-port imsejjaħ "Ramel il-Bir", biex jaqbdu dgħajsa ħalli twassalhom lejn id-daħla ta' l-Imġarr ta' Għawdex. Minn hemm, lill-Isqof u l-Konviżitaturi ħaduhom lejn id-dar tal-Kanonku Dun Ġużepp Bajada, fir-Rabat. Id-dar ta' dak il-kanonku tal-Matriċi kienet se tkun id-dar ta' l-Isqof, tul il-viżta pastorali tiegħu f'Għawdex. (1)

ID-DOKUMENTAZZJONI

Ma għadx għandna iżjed Kanċellieri ta' Viżti li ma jaħarbulhomx lanqas l-iċken dettalji. Imma din is-sitt viżta ta' Labini, bħal ta' qabilha, tagħtina deskrizzjoni ċara ta' dak li sar mill-Isqof, imma bla ma tintilef f'ħafna partikularijiet. Din il-kitba qed tinbena fuq id-deskrizzjoni oriġinali li qiegħda fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta għall-viżta pastorali tas-snin 1791-1792. Hi deskrizzjoni bil-latin li ma toħloq l-ebda problema biex tinqara.

Iż-żewġ parroċċi tar-Rabat, jiġifieri l-Matriċi u San Ġorġ, ma humiex mifrudin minn xulxin. F'għajnejn l-Isqof huma kienu qishom parroċċa waħda, speċjalment minħabba l-fatt li kienu mmexxijin

www.gozocathedral.org.mt

7UP

GEORGE SACCO
Proprieter

ODYSSEY

Bar - Restaurant - Pizzeria

Menqa Marsalforn, Gozo, Malta.

Tel: 551002, 556728

www.gozocathedral.org.mt

mill-istess Arċipriet. Imma l-fatt, l-istess mexxej tal-parroċċi, waqt li kien Arċipriet għall-matriċi, ma kienx ħlief Kappillan għal San Ġorġ.

8 TA' MEJJU: BIDU TAL-VIŻTA

Qrib id-disgħa ta' filgħodu tat-8 ta' Mejju, l-Isqof Labini liebes il-kappamanja u l-berrettin aħmar, beda miexi proċessjonalment mid-dar tiegħu tar-rabat lejn il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta. Quddiemu, imxew il-fratellanzi, il-patrijiet, il-qassisin, u l-kanonċi bl-ilbies korali. Hu kien assistit miż-żewġ konviżitaturi.

Il-faċċata tal-Knisja Katidrali bil-kampnar magħha. Hekk ukoll kienet il-Knisja fl-1791.

Fil-bieb tal-Matriċi, l-Isqof kien milqugħ mill-Arċipriet Dun Saver Cassar, li nafu li hu persunaġġ storiku għall-gżira ta' Għawdex. Minbarra li kien il-Pro Vigarju għal Għawdex, Dun Saver kien wieħed li ddefenda b'enerġija kbira d-drittijiet tiegħu ta' Arċipriet tal-Matriċi. Il-bidu tal-viżta kien bil-kant mill-kor ta' l-antifna **Sacerdos et Pontifex.**

Saru ċ-ċeremonji kollha tas-soltu. Fost l-oħrajn, Labini, minn fuq it-tron, stieden biex jersqu lejh ħalli jbusulu jdejh b'sinjal ta' ubbidjenza lill-Arċipriet, il-kanonċi u l-kleru djoċesan. L-Isqof kellem lill-poplu dwar it-tifsira ta' viżta pastorali, u mbagħad sama' l-quddiesa li tqaddset minn Mons. Gaspare Garsin fl-artal maġġur.

Il-Viżta bdiet tassew meta Labini fetaħ it-tabernaklu ta' l-artal tal-kappella tal-Verġni Mbierka "De Solidad", u sab li s-sagrament kien miżmum tajjeb. Bl-istess sagrament, hu bierek lill-insara preżenti. Hu kellu kelmiet ta' tifħir anki għall-mod kif inżamm il-battisteru u kif kienu kkurati ż-żjut imbierka.

Labini għadda minn artal għal ieħor, u sab li kollha kienu adatti biex fuqhom jitqaddes il-quddies. Meta daħal fis-sagristija, hu sab li kienet bil-bżonnijiet kollha b'mod abbundanti. Minbarra l-paramenti kollha meħtieġa, il-knisja kienet għanja wkoll b'tant fided. L-isqof eżamina wkoll x'kien jintuża għall-vjatku tal-morda. Hu mfisser li kien jaqbel li l-parroċċa taħseb ukoll għal umbrella ta' lewn abjad.

F'dik l-istess ġurnata, wara nofs innhar, Labini amministra s-sagrament tal-Griżma lil ħafna tfal subien u bniet li ġew miġburin fil-Matriċi.

L-Arċipriet Cassar ressaq quddiem l-Isqof ir-reġistri parrokkjali kollha. Hu kellu f'idejh kemm dawk tal-Matriċi kif ukoll dawk ta' San Ġorġ. Il-Knisja ta' San Ġorġ, f'din il-viżta, issejħet dejjem bit-titlu ta' Viċi-Parroċċa tal-Matriċi. Imma l-Arċipriet ippreżenta r-reġistri tal-matriċi u ta' San Ġorġ separatament minn xulxin.

www.gozocathedral.org.mt

Fit-8 ta' Mejju wkoll, l-Isqof kif spiċċa mill-Griżma tat-tfal, mar iżur il-knisja benefiċjali ta' **San Ġużepp**, fil-kastell stess. Lil din, hu sabha f'sitwazzjoni ta' faqar kbir, imma l-artal tagħha kien adattat għall-quddies. (2)

SAN ĠORĠ U L-KNEJJES L-OĦRAJN

Fit-12 ta' Mejju, l-Isqof Labini mar iżur il-knisja ta' **San Ġorġ martri**. Għalkemm nafu li kienet parroċċa, hawn ukoll Labini qiesha bħala viċi-parroċċa tal-matriċi. Lill-Isqof, mar jilqgħu għal darb'oħra, l-Arċipriet Cassar. Lil din il-knisja, hu sabha miżmuma tajjeb. Għalhekk, Labini kellu kelmiet ta' tifħir għaliha. (3)

Knejjes oħrajn kellhom iż-żjara ta' l-Isqof b'dan l-ordni:

a) **San Franġisk,** tal-Franġiskani Konventwali,

b) **San Ġużepp u l-Madonna tad-Dawl,**

c) **San Ġakbu Appostlu**

d) **It-Twelid tal-Verġni Mbierka,** imsejħa ta' Sabina,

e) **Santu Wistin** tal-patrijiet Agostinjani. (4)

Tissemma wkoll il-knisja benefiċjali ta' **San Ġwann Evanġelista,** li fil-qrib tagħha kien hemm ċimiterju. Ir-rettur ta' din il-knisja kien Dun Gejt Grech, monsinjur tal-Katidral ta' Malta. (5)

Waqt iż-żjara tal-knisja ta' **San Martin**, titniżżel nota speċjali dwar il-qima li kien hemm fiha lejn **il-Madonna tal-Ħerba**. Din kienet pittura f'niċċa mħaffra fil-ħajt, u mħarsa bi grada tal-ħadid li tissakkar b'muftieħ. Numru ta' **"Ex Voto"** kienu jixhdu li dawk li qalgħu xi grazzja bl-interċessjoni ta' dik il-Madonna kienu juruha r-radd il-ħajr tagħhom.

L-isqof kellu kelmiet ta' tifħir għall-knisja ċkejkna ta' **San Kożma u San Damjan** għax kienet miżmuma tajjeb ħafna. (7)

Il-parroċċa tal-matriċi kienet mifruxa sewwa. L-isqof mar lejn it-tarf tal-parroċċa biex żar il-knisja ta' **Santa Luċija.** Il-ftit nies ta' dak il-post imbiegħed, u qrib il-limiti taż-Żebbuġ, lil Labini laqgħuh bl-isparar ta' xi murtuletti. Imbagħad, fi triqtu lura lejn ir-Rabat, Labini mar iżur il-knisja ta' **San Girgor** f'Ta' Kerċem li, f'dak iż-żmien, ma kellhiex ħlief artal wieħed. (8)

Tissemma wkoll il-knisja benefiċjali **tal-Lunzjata**, msejħa **Ta' Saqqajja.** Ir-rettur tagħha kien Dun Albin Menville, prijur tal-knisja konventwali ta' San Ġwann. Hu ġie milqugħ mill-Kanonku tal-matriċi Dun Ġużepp Mifsud. (9)

KLERU NUMERUŻ

Dwar il-kleru, għandna lista waħda li tiġbor fiha lil dawk kollha li kienu jservu f'xi knisja li kienet tagħmel mill-matriċi. L-ewwel li jissemmew huma **l-Kanonċi**. Kien hemm 21 kanonku. Wieħed minnhom ma kienx saċerdot. Minbarra l-kanonċi, kien hemm 74 qassis ieħor. Bla dubju ta' xejn, hu numru esaġerat, speċjalment meta nqisu li ma dawn iridu jiżdiedu l-patrijiet Agostinjani, Franġiskani Konventwali, u Kappuċċini. Tlieta mill-qassisin kienu jgħallmu fi skola. Dawn kienu: il-Kan. Dun Feliċ Mizzi, Dun Ġużepp Cremona Magri, u Dun Anton Gafa'.

Ma' dawn jiżdiedu wkoll, 20 kjerku, li 10 minnhom kienu miżżewwġin. F'dak iż-żmien, xi persuni miżżewwġin setgħu jiġu milqugħin bħala kjerċi; imma ma kienx ikollhom ħlief it-tonsura. (10)

NISA B'LIBSA TA' PATRIJIET

Kien hemm ukoll id-drawwa li xi nisa ta' ħajja tajba jxiddu fuqhom il-libsa ta' patrijiet, anki barra t-triq. Kienet qisha dik

www.gozocathedral.org.mt

tat-terzjarji. Imma dawn kienu jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Isqof. Kienu jintrabtu ma' xi wieħed mill-Ordnijiet Reliġjużi. Fl-1791, fir-Rabat ta' Għawdex kien hemm erbgħa: 2 bil-libsa tal-Minuri Osservanti u 2 b'dik tal-Kapuċċini.

Il-qwiebel ukoll kienu jeħtieġu l-approvazzjoni ta' l-Isqof. Billi l-qabla hi mara tas-sengħa li xogħolha hu li tgħin lill-omm tiled u teħles, kien meħtieġ li dawn in-nisa jkunu jafu kif igħammdu tarbija jekk jinqala' l-bżonn. Waqt il-viżta tal-Matriċi, quddiem Labini dehru żewġ qwiebel.

SPTARIJIET U KONSERVATORJI

Taħt il-kura pastorali tiegħu, l-Arċipriet Cassar kellu wkoll xi opri soċjali. Jissemma l-ewwelnett **sptar tan-nisa**. Sa ftit qabel, dak l-isptar kien fil-kastell. Imma, bil-ħidma ta' l-Isqof Labini, kien għadu kif inbena wieħed ġdid fir-Rabat. L-Isqof Labini mar iżuru, u sabu nadif ħafna. Kien fih żewġ dormitorji. Bejn dormitorju u ieħor, tqiegħed artal bil-bżonnijiet kollha ħalli jitqaddes il-quddies. (12) Iżjed tard, il-post imkabbar kellu jkun is-seminarju tad-djoċesi l-ġdida ta' Għawdex.

Kien hemm ukoll **l-isptar ta' l-irġiel.** Fid-deskrizzjoni tal-viżta, insibu li dan kien taħt il-ħarsien ta' San Ġwann Battista u l-qaddisin Kosma u Damjan. Lill-Isqof Labini, laqgħu l-Baruni Francesco Gauci, li kien l-ekonomu ta' l-isptar imqiegħed mill-Gran Mastru. Imma l-Isqof sab jistennih anki lill-Arċipriet Cassar, b'ilbies korali. (13)

Labini mar ukoll **fil-konservatorju taxxebbiet**, imsemmi għal San Pietru u San Pawl. L-Isqof kellu mħabba speċjali għal dan il-konservatorju għax kien opra tiegħu. Kien għadu kif ġie mwaqqaf minnu nnifsu. Hu feraħ ukoll li l-konservatorju kien miżmum bl-indafa li wieħed jistenna. Il-knisja li kien hemm fih ma kien fiha l-ebda għana, imma kellha l-bżonnijiet tagħha għal dak li kien meħtieġ. (14)

EGĦLUQ IL-VIŻTA PASTORALI

Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta kien għad fadlilha fuq sebgħin sena biex tkun il-Katidral ta' Għawdex. Imma, xorta waħda, kienet il-parroċċa ewlenija ta' din il-gżira. Għalhekk, l-Isqof kompla l-viżta fil-parroċċi kollha ta' Għawdex ta' dak iż-żmien. Imbagħad, fl-20 ta' Mejju, 1791, hu raġa' lura lejn il-Matriċi biex minn hemm jagħlaq il-viżta. Mill-Matriċi ta' l-Assunta, hu ħabbar id-digrieti ewlenin li kienu jolqtu lill-parroċċi kollha ta' Għawdex.

L-Arċipriet Dun Saver Cassar, bħala Pro-Vigarju għal Għawdex, kien fid-dmir li jara li dawk id-digrieti jiġu mħarsin. Kienu d-digrieti tas-soltu li jiġbru fihom kelmiet ta' twissija għal qassisin kollha ħalli jkun ddedikati dejjem iżjed għall-ħajja liturġika u pastorali. L-Isqof Vincenzo Labini ħeġġiġhom biex l-imġiba tagħhom tkun ta' edifikazzjoni għall-poplu nisrani kollu kemm hu. (15)

* * *

Dokumentazzjoni

1) AAM, VP, 1791-1792, f.28r.
2) Ib., ff.28r-29v.
3) Ib., f.35r.
4) Ib., ff.32v-33v.
5) Ib., f.33v.
6) Ib., f.34r.
7) Ib. , f.34v.
8) Ib.
9) Ib., ff.34v-35r.
10) Ib., ff.30r-32r.
11) Ib., f.32r-v.
12) Ib., f.29r.
13) Ib.
14) Ib., f.29v.
15) Ib., f. 49r-v.

www.gozocathedral.org.mt

Kronaka tal-Parroċċa
1990 - 1991

INGHAQDU MAL-KOMUNITA' PARROKKJALI 1990 - 1991

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem it-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	05.08.90	Rodienne	Vincent u Rita Camilleri
2.	11.08.90	Marthese	Vincent u Mary Theuma Xerri
3.	12.08.90	Claire	Joseph u Melina Dimech
4.	01.90.90	Marija	Paul u Rita Zammit
5.	30.09.90	Marija	Ġorg u Josette Portelli
6.	30.09.90	Stephan	Louis u Joyce Dimech
7.	04.10.90	Christine	John u Mary Rose Agius
8.	16.10.90	Joanna	Joseph u Gracie Portelli
9.	21.10.90	Andrew	Joseph u Lina Grech
10.	28.10.90	Gordon Lee	Raymond u Evelyn Spiteri
11.	05.12.90	Lee Ann	Joseph u Antoniette Debono
12.	03.01.91	Diane	Raymond u Marija Apap
13.	06.01.91	Donatella	Eugene u Tarċisja Buttigieg
14.	12.01.91	Johnny	Tarċisju u Filomena Mifsud
15.	13.01.91	Joelene	Ġorg u Marita Azzopardi
16.	27.01.91	Emanuel	Reno u Marija Grech
17.	17.02.91	Daniel	Alfred u Koronata Fiteni
18.	24.02.91	Jean Paul	Carmelo u Mariella Abela
19.	24.02.91	Nicholas	Dr. Frank u Dr. Mary Ann Abela
20.	24.02.91	Claire	Paul u Jacquelene Galea
21.	03.03.91	Charmaine	Raymond u Tereżina Sultana
22.	10.03.91	James	Atanasio u Marija Degiorgio
23.	10.03.91	Lauran	Mario u Carmen Dimech
24.	14.04.91	Michael	Frank u Giovanna Cini
25.	14.04.91	George	Frank u Giovanna Vella
26.	18.04.91	M'Angelo	Ronnie u Georga Farrugia
27.	27.04.91	Deborah	Anton u Lydia Tabone
28.	27.04.91	Karen	Mario u Carmen Galea
29.	28.04.91	Kyle	Stephen u Mary Sciberras
30.	26.05.91	Neil Samuel	Teddy u Frances Vella
31.	01.06.91	Savio	Frank u Marija Bajada
32.	02.06.91	Katia	Mark u Sylvana Cini
33.	05.06.91	Angele	Frank u Marija Farrugia

www.gozocathedral.org.mt

TFAL LI RĊIVEW L-EWWEL TQARBINA 1991

	Isem u Kunjom	Missier	Indirizz
1.	Abela Mario	Ġużi	34, Sump Str.,
2.	Agius Joseph	Adrian	72, Mattia Preti Str.
3.	Agius Shaun	Louis	Mirage, Wied Seqer Str.
4.	Attard Charmain	Vincent	Ellis Flats, Qbajjar Rd., M'Forn
5.	Azzopardi Lara	Frederick	'Is-Sliem' Ġuże Ellul Mercer Str.
6.	Azzopardi Ryan	George	103, Xagħra Rd.
7.	Bajada Joseph	Carmelo	'Ave Maria' Diriano Lanzon Str.
8.	Bonnici Maria	Anton	53, St. Mary Str.
9.	Camilleri Andreas	Joseph	30, Foreman Str.
10.	Camilleri Mario	Salvu	76, Archpriest Cassar Str.
11.	Camilleri Mario	Paul	'Dar L-Assunta' Wied Seqer Str.
12.	Camilleri Mark	Carmelo	'Gardenia' Fortunato Mizzi Str.
13.	Caruana Maureen	Leli	47, Enriku Mizzi Str.
14.	D'Anastasi Melvin	Thomas	'Casa Danasvell' Borg Gheritu Str.
15.	Farrugia Joseph	Frank	'Frankdor' Anton Mallia Str.
16.	Farrugia Eleonora	Tony	'Stepping Stone' St. Leonard Str.
17.	Farrugia Ryan	George	15, Wied Seqer Str.
18.	Galea Kenneth	Carmelo	'Vale View' Annunciation Str.
19.	Grech Marlene	Louis	'St. Mary' Borg Gheritu Str.
20.	Grech Nadine	George	'Baci' Fortunato Mizzi Str.
21.	Magro Nicholas	John	10 Castle Str.
22.	Mejlak Charlene	Tony	'Antoilise' Sump Str.
23.	Mercieca Charlene	Horace	'Maison Cariss' Ġanni Vassallo Str.
24.	Micallef Jason	M'Angelo	'Ta' Giannina' Republic Str.
25.	Mizzi Ruben	Alessio	Block A Flat 2, taċ-Ċawla Flats.
26.	Muscat Mark	Frank	'Il-Kenn' Guże Ellul Mercer Str.
27.	Muscat Patrick	Salvu	N.B. Ġuże Ellul Mercer Str.
28.	Muscat Stephanie	John	'Gems' Michele Busuttil Str.
29.	Pisani Trudi	Paul	'Casa Pisani' Ġilju Str.
30.	Portelli Joanne	Roger	Duke of Edinburgh Hotel Victoria.
31.	Rapa John	Sam	Villa Mariliana, St. Leonard Str.
32.	Refalo Angela	Michael	Villa Bernadette Calypso Str., Xagħra
33.	Saliba Melissa	Peter	15, 7th June 1919 Str.
34.	Scicluna Stephan	Lawrence	Casa Scicluna, Archpriest P. Pace Street.
35.	Scott Christopher	Mario	Block B, Flat 4 Taċ-Ċawla Flts.
36.	Spitri Bernard	Michael	Santa Marija, Anton Mallia Str.
37.	Vella Charlene	Salvu	'Sammar' Archpriest P. Pace Str.
38.	Vella James	Emanuel	Wied il-Gheneb, Xagħra Rd.
39.	Vella John	Joseph	'Little River', Viani Str.
40.	Xerri David	Maria	3, Carmel Str.
41.	Zammit Matthew	Sylvio	'Leah' Karlu Galea Str.
42.	Zammit Paul	Benny	Madonna ta' Pinu, Ghedrin Str.

www.gozocathedral.org.mt

TFAL LI RĊIVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF 1991

Isem u Kunjom	Missier	Omm	Indirizz
1. Joseph Attard	George		35 St. Domenic Str.
2. Mariella Attard	Anton		San Antonio, Ġilju Str.
3. Mark Anthony Attard	Louis		14 Capuchin's Str.
4. Celine Azzopardi	Joe		Edelwiesse, Fomm il-Ġir Str.
5. Marlene Azzopardi	Lodovigo		17 Foreman Str.
6. Maureen Azzopardi	Frederick		Is-Sliem, Ġuże Ellul Mercer Str.
7. Saviour Azzopardi	Joseph		12 Wied Sara Str.
8. Josef Bajada	Emanuel		Villa Bronja, Omeru Str. Xlendi
9. Neville Bajada	Frank		Notre Dame, Sacred Heart Str.
10. Cheryl Bezzina	Joseph		Canadian Paradise, P. Mizzi Str.
11. Mariella Bezzina	Emanuel		Fl4, Salvatur Flats, Luzzu Str. M'Forn
12. Sharon Bezzina	Joseph		196 St. Ursula Str.
13. Matthew Borg	Ronald		Jessica, St. Ursula Str.
14. Romina Buttigieg	Victor		4, Govt. Hse. Est. Sannat Rd.
15. Ruben Buttigieg	Carmelo		The Roses, 8th December Str.
16. Joelle Camilleri	Carmelo		Gardenia, Fortunato Mizzi Str.
17. Kevin Camilleri	John		70 Mattia Preti Str.
18. Marvic Camilleri	Victor		24 Arch Cassar Str.
19. Mario Cardona	Mario		Cardona Hse., Sir Paul Boffa Str.
20. Joseph Cauchi	Paul		Blk. G, Flt. 3, Tac-Cawla Flts, Sannat Rd.
21. RoseMarie Cefai	Silvio		Cefai Hse, Viani Str.
22. Miriam Curmi	Emanuel		67 St. George's Str.
23. Jennifer Dimech	John		God Bless Canada, Sump Str.
24. Lorna Dimech	Francis		Dimech Hse., Capuchin's Str.
25. Carol Galea	Carmelo		Vale View, Annunciation Str.
26. Jason Gatt		Beatrice	30 Capuchin's Str.
27. Lucian Gatt	Paul		9 Govt. Terrace Hse., Sannat Rd.
28. Louis Gauci	Spiru		Villino Dione, St. Domenica Str.
29. Alison Grech	Teddy		Checkmate, Guze Ellul Mercer Str.
30. Alvin Grech	Joseph		118 Annunciation str.
31. Christopher Grech		Marie	71 Republic str.
32. John Bosco Grech	Carmelo		Dar Ghedrin, St Ursula Str.
33. Josette Grech	Carmelo		Mirage, Ġilju Str.
34. Marika Grech	Carmelo		34 St. Ursula Str.
35. Silvan Mario Hili	Santo		Madonnina, Fomm il-Ġir Str.
36. Christina Magro	John		Flt. 3, Magro Flats, M. Magro Str. M'Forn
37. Malcom Mejlaq	Joe		M.I.R., A. Mallia Str
38. Joseph Paul Mercieca	George		87 Fortunato Mizzi Str.
39. Jonathan Micallef	Charles		Flt. 19 Govt. Hse. Est. Sannat Rd.
40. Mark Anton Muscat	John		Gems, Michele Busuttil Str.
41. Alexia Psaila	Frank		N.B. Sir Paul Boffa Str.
42. Jason Portelli	Gorg		'Qalb ta' Ġesu', St. Domenic Str.
43. Roanne Refalo	Joseph		55 Republic Str.
44. Frank Anthony Said	Anthony		Plot 74 Wied Seqer Str.
45. Mark Schembri	John		John Paul, Castle Str.
46. Joseph Spiteri	Emanuel		41, St. George, Str.
47. Pauline Sultana	Paul		Ave Maria, By the Bastion Road.
48. Kelly Tabone	Joseph		Koala Blu, Ghedrin Str.
49. Christine Vella	Vincent		Ortensia, Michele Busuttil Str.
50. Richard Vella	Anton		'Santa Maria', Mons. Isqof Pietru Pace Str.
51. Sharlon Vella	Anthony		Blk. H, Door A, Flt3, Taċ-Ċawla Sannat Rd.
52. Caroline Veranneman	Amand		8 Berbuba Str, Gharb.
53. Franz Joseph Zahra	Paul		Zahra Hse., Fortunato Mizzi Str.
54. Nicholas Zammit	John		Zammit Household, Palm Str.

www.gozocathedral.org.mt

DAWK LI NGĦAQQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ 1990 - 1991

1.	Lulju 8	Anton Spiteri u Josephine Axiaq
2.	Lulju 14	Publju Buttigieg u Tereża Zammit
3.	Awissu 4	Louis Farrugia u M'Rose Saliba
4.	Awissu 4	Mario Grima u M'Assunta Calleja
5.	Awissu 4	John Vella u Maria Helen Masini
6.	Awissu 18	Joseph Haber u Alessandra Bugeja
7.	Awissu 31	Fortunato Buhagiar u Yvonne Sultana
8.	Settembru 16	Richard Azzopardi u M'Rose Grima
9.	Settembru 29	Sammy Portelli u Connie Cordina
10.	Settembru 29	Louis Mizzi u Rose Tabone
11.	Settembru 22	Joe Caruana u Georgina Scicluna
12.	Settembru 30	Joseph Vella u Alison Portelli
13.	Ottubru 14	Laurence Mizzi u Francesca Masini
14.	Ottubru 14	Geraldo Raffaele u Doreen Camilleri
15.	April 6	Mario Cordina u Marion Mejlak
16.	April 7	Richard Bates u M'Ann Farrugia
17.	Mejju 18	Dr. Michael Caruana u Carol Saliba
18.	Mejju 25	Charles Mercieca u M'Ann Bezzina

DAWK LI DAĦLU JISSAFFEW FIL-PURGATORJU 1990 - 1991

1.	Awissu 13	Ġużeppa Bonniċi
2.	Settembru 23	Mike Xerri
3.	Ottubru 15	Tarċisju Attard
4.	Ottubru 25	Rita Cila
5.	Novembru 6	Mikilina Cutajar
6.	Novembru 15	Grezzja Formosa
7.	Diċembru 12	Ġużeppa Żammit
8.	Diċembru 16	Roża Borġ
9.	Diċembru 24	John Grech
10.	Diċembru 25	Emanuel Schembri
11.	Jannar 1	M'Anġelo Formosa
12.	Jannar 11	Vinċenza Gatt
13.	Jannar 18	Laurence Bonniċi
14.	Jannar 26	Gorg (Injazzju) Gatt
15.	Frar 3	Joseph Gatt
16.	Frar 12	Nikolina Mercieca
17.	Frar 20	Ġorġa Mercieca
18.	Frar 24	Ġuża Mażini
19.	Marzu 27	Vinċenza Vella
20.	April 11	M'Anna Attard
21.	April 16	Ġanni Grech
22.	Mejju 9	M'Ġwann Dimech
23.	Mejju 29	Nicola Grech

www.gozocathedral.org.mt

Ikkontribew ghal din ir-Rivista

Electra Hotel
Marsalforn, Gozo.

Meylak Jewellery
Republic Street, Victoria.

Gozo United Rent-A-Car
Republic Street, Victoria.

Home Mart
Republic Street, Victoria.

Abela Pharmacy
De Soldanis Street, Victoria.

Palm Pharmacy
Palm Street, Victoria.

Lantern Hotel
Marsalforn, Gozo.

The Mermaid Bar & Restaurant
Marsalforn, Gozo.

Lorry Fenech
Sannat Road, Victoria.

The Smuggler's Cave
Marsalforn, Gozo.

Arzella Bar
Marsalforn, Gozo.

May's Boutique
Republic Street, Victoria.

V. Sultana Vulcanizer
Republic Street, Victoria.

Castle Pharmacy
Main Square, Victoria.

Kenur Bar & Restaurant
Xlendi Street, Victoria.

Tritons Bar & Restaurant
Marsalforn, Gozo.

Doris Jewellery
St. Andrew Street, Victoria.

With the Compliments

of

PASTA ATZORI

Flores Street - Kercem

Tel: 555411

www.gozocathedral.org.mt

ĠRAJJIET IMPORTANTI FIL-KALENDARJU TAL-PARROĊĊA 1990 - 1991

4-8-90
Żar il-Katidral Giuseppe Casario.
5-8-90
Ġiet maħruġa l-istatwa ta' l-Assunta min-niċċa fost il-kant ta' l-innijiet Marjani.
10-8-90
F'quddiesa tal-Kwindiċina ħadet sehem is-Soċ. Fil-'Leone'.
12-8-90
Fr. Colin Apap bil-grupp tiegħu mexxa quddiesa għaż-żgħażagħ tal-Parroċċa fil-Katidral.
15-8-90
Inżammet il-festa ta' Santa Marija b'Solennita' kbira. Eluf kbar ta' nies minn kull rokna taż-żewġ gżejjer żaru s-Santwarju Marjan tal-Katidral.
1-9-90
Beda kors tar-Reliġjon Nisranija f'livell avanzat fiċ-Ċentru Parrokkjali.
15-9-90
Beda kors ta' O-Level fil-computer science fiċ-Ċentru Parrokkjali.
16-9-90
Tfakkar Jum it-Twaqqif tad-Djoċesi t'Għawdex b'Konċelebrazzjoni Konvent-wali. Id-Djoċesi kienet twaqqfet fis-16 ta' Settembru 1864 mill-Papa Piju IX.
28-9-90
Filgħaxija nżamm 'party' għall-membri u l-'helpers' tal-Bibljoteka Parrokjali fil-Foyer taċ-Ċentru.
30-9-90
Inżamm fil-Parroċċa Jum il-Katekiżmu bħala tħejjija għas-Sena Kateketika1990 -91. Żar il-Katidral l-Isqof Joseph Kureethara, Isqof ta' Cochin fl-Indja.
1-10-90
Mons. Arċipriet fiċ-Ċentru Parrokkjali fil-5.00 p.m. iċċelebra quddiesa għat-tfal tal-parroċċa.
7-10-90
Inżammet il-Purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mat-triqat prinċipali tar-Rabat.
11-10-91
Tfakkret il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Katidrali li kienet saret mill-Isqof ta' Malta Ġakbu Cannaves fil-11 ta' Ottubru 1716.
21-10-90
Inżammet il-festa ta' Sant'Ursula Martri, waħda mill-padruni tal-Gżira Għawdxija. Inżammet ukoll il-ġurnata missjunarja.
28-10-90
Żar il-katidral il-Ministru tal-Foreign Trade taċ-Ċekoslovakja.

1-11-90
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Qaddisin Kollha fil-Katidral.
2-11-90
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Għid ta' l-Imwiet.
8-11-90
Fr. Paul Galea għamel konferenza bis-suġġett: 'Relationships' għad-diriġenti tal-Għaqdiet.
9-11-90
Fr. Dr. V. Shields għamel konferenza liż-żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali bis-suġġett: 'Relationships'.
11-11-90
Bdiet il-Mini-Missjoni fil-Parroċċa b'konferenza għal kull kategorija tal-kommunita parrokkjali.
22-11-90
Inżamm Jum ir-Radd il-Ħajr fil-Parroċċa.
25-11-90
Inżamm fil-Parroċċa Jum il-Karita.
2-12-90
Fetħet il-Vista Pastorali fid-Djoċesi u fil-Parroċċa tal-katidral b'Konċelebrazzjoni li tmexxiet minn Mons. Isqof N. Cauchi. Bdew ukoll il-priedki ta' l-Avvent minn Mons. Joseph Curmi.
4-12-90
Beda fiċ-Ċentru Parrokkjali l-Bazaar Annwali b'risq l-istess Ċentru.
8-12-90
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Kunċizzjoni.
12-12-90
Mons. Isqof ltaqa' mal-membri tal-Presbiterju u tal-Kunsill Parrokkjali fl-okkazzjoni tal-Vista Pastorali.
13-12-90
Mons. Isqof iltaqa' mal-anzjani fiċ-Ċentru Parrokjali fl-okkażżjoni tal-Vista Pastorali.
15-12-90
Saret quddiesa b'suffraġġju ta' ruħ Mro. Ġanni Vella b'turija ta' rispett għall-Mużika li kiteb għall-okkażżjoni tal-festa ta' Santa Marija. Ħallset l-ispejjes il-Parroċċa.
16-12-90
Mons. Isqof iltaqa' mal-koppji li din is-sena (a) kellhom tarbija, (b) iżżewġu, (c) sa jkollhom tifel jew tifla għall-Ewwel Tqarbina jew Griżma ta' l-Isqof.
24-12-90
Mons. isqof mexxa l-Għasar Pontifikali bil-Malti.
25-12-90
Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet ta' bil-lejl u ta' bin-nhar il-Milied.
30-12-90
Saret attivita ta' formazzjoni u rikreattiva lill-grupp tal-vokazzjonijiet.
31-12-90
Mons. Isqof mexxa fil-katidral il-Konċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr f'għeluq is-sena 1990.
1-1-91
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi.
3-1-91
Saret ħarġa għat-tfal. Ħa ħsieb il-Vigarju Parrokjali Dun Girgor Grech.
5-1-91
Mons. Isqof mexxa l-Għasar Pontifikali bil-Malti.
6-1-91
Mons. isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-Epifanija.
20-1-91
Inżamm JUM IL-BIBBJA fil-parroċċa.
25-1-91
Mons. Isqof iltaqa' mat-tfal tal-parroċċa fl-okkażżjoni tal-Vista pastorali.
31-1-91
Mons. Isqof fetaħ u bierek fiċ-Ċentru Parrokjali Wirja ta' kotba ta' awturi Maltin.
2-2-91
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-presentazzjoni tal-Mulej.
10-2-91
Ġiet iċċelebrata l-festa tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl.
13-2-91
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-ftuħ tar-Randan.

www.gozocathedral.org.mt

17-2-91
Infetħet il-Ġimgħa tal-parroċċa. saru bosta attivitajiet immirati li jilħqu l-kategoriji kollha fi ħdan il-kommunita' Parrokkjali.
25-2-91
Bdew l-Eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd u għall-koppji fil-Katidral. Predikatur kien Dun Anton Borg.
Bdew ukoll l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ tal-parroċċa fiċ-ċentru parrokkjali. Predikaturi kienu Fr. P. Galea, Mrs. Wismayer, Fr. Dr. V. Shields u Mons. Isqof.
2-3-91
Ħarġa għat-tfal tal-parroċċa. Ħadu ħsieb is-Sorijiet Agostinjani.
11-3-91
Bdew l-eżerċizzi għall-anzjani fiċ-ċentru. Predikatur kien Patri Joseph Saliba.
19-3-91
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' San Ġużepp.
Saret ġita għall-Malta għal kulħadd taħt id-direzzjoni tal-Vigarju Parrokkjali, Dun Ġorġ Grech.
22-3-91
Saret fil-katidral il-festa tal-Madonna tad-Duluri.
24-3-91
Fl-4.30 p.m. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm.
25-3-91
Saret il-Via Crucis mat-triqat tal-Kastell.
26-3-91
Sar servizz Penitenzjali għall-Qrara aħjar.
27-3-91
Saret il-Via Crucis miktuba mill-Papa Ġwanni Pawlu II.
28-3-91
Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet ta' fil-għodu u ta' filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka.
29-3-91
Mons. Isqof mexxa l-Azzjoni Liturġika tal-Ġimgħa l-Kbira.
Ħarġet mill-Katidral il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.
30-3-91
Mons. Isqof mexxa l-funzjonijiet ta' Sibt il-Għid.
31-3-91
Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Għid. Beda wkoll it-tberik tal-familji.
3-4-91
Ħarġa għaż-żgħażagħ tal-parroċċa. Ħa ħsieb il-Vigarju Parrokkjali, Dun Ġirgor Grech.
24-4-91
Il-Mużew tas-subien ifakkar egħluq il-50 sena mid-dħul tiegħu f'Għawdex. Mons. Isqof mexxa l-Konċelebrazzjoni tal-l-okkażżjoni.
29-4-91
Saret tifkira speċjali ta' egħluq il-35 sena mill-għoti ta' l-istatwa ta' l-Assunta lill-Katidral mis-Soċ. fil-'Leone'.
1-5-91
Saret il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Tbierku l-għdod tal-ħaddiema.
4-5-91
Fetħet il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika minn Mons. Isqof.
8-5-91
L-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija u saret l-Ewwel Tqarbina tat-tfal.
9-5-91
Ġie amministrat minn Mons. Isqof is-sagrament tal-konfermazzjoni lit-tfal tal-parroċċa.
10-5-91
Bdiet l-Espożizzjoni Solenni fil-Katidral.
12-5-91
Mons. Isqof għalaq din il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika b'Konċelebrazzjoni u Purċissjoni Ewkaristika.
22-6-91
Mons. Isqof N. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni li fiha ġew Ordnati 4 Saċerdoti u 2 Djakni.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

Messaġġ ta' l-Arċipriet għall-Jiem tal-Festa tas-Sena 1991 3
Michele Busuttil (1762-1831) Żmienu u l-Patrimonju Atistiku li ħallielna 5
Noti u Referenzi 25
Riflessjonijiet quddiem il-Kwadru tal-Assunta Titulari tal-Katidral 33
Programm 1991 37
"Santa Marija Mgħollija s-Sema" - Kwadru Titulari tal-Katidral 41
Il-Kwadru Titulari ta' l-Assunta fil-Katidral fl-Isfond tar-Reliġjosità Popolari 49
Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta ta' Għawdex fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Labini 61
Kronaka 66
Ġrajjiet Importanti 71

B.C.D. GRAPHICS LTD.

Tistampa:
- **Inviti għal kull Okkażżjoni**
- **Santi tal-Mewt**
- **Kotba ta' l-Irċivuti**
- **U kull xogħol ta' Stampar**

Fejn issibna: ***NINU CREMONA STREET, VICTORIA***
Meta nkunu miftuħin: ***Mit-Tnejn sas-Sibt***
Ħinijiet: ***Mit-8.00 a.m. sas-7.00 p.m.***

Telephone : 551050

www.gozocathedral.org.mt

Il-Bank of Valletta b'numru kbir ta' fergħat imxerrda madwar Malta u Għawdex JOFFRILEK il-possibilita' li jkollok kontijiet ta' flus barranin hawn Malta.

Il-Bank of Valletta iżomm kontijiet fil-parti l-kbira tal-muniti barranin bħal: L-Isterlina, il-Mark Ġermaniż, id-Dollaru Amerikan, id-Dollaru Awstraljan. Dawn il-kontijiet barra mir- rati favorevoli ta' imgħax li jitħallas kull tliet xhur jagħtuk l- opportunita' li tiddepożita, tigbed jew taqleb il-muniti mingħajr l-korrispondenza ma' banek. B'hekk INTI stess tista' tħaddem l- investiment barrani tiegħek.

Għal aktar tagħrif mur f'xi fergħa tal-Bank of Valletta f'Malta u Għawdex.

Bank of Valletta

L-Aqwa Bank f'Malta

www.gozocatholic.org.mt



www.gozocathedral.org.mt